



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0301/2022**

21.12.2022

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi  
(COM(2021)0762 – C9-0454/2021 – 2021/0414(COD))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Elisabetta Gualmini

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	121
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU .....	124
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	164
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	165



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi  
(COM(2021)0762 – C9-0454/2021 – 2021/0414(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0762),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (b), u l-Artikolu 16(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0454/2021),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - **wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,**
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0301/2022),
  - wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal - Impact Assessment Report (Rapport ta' Valutazzjoni tal-Impatt) (SWD(2021)0396),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### Emenda 1

#### Proposta għal direttiva

#### Premessa 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Skont l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-oġettivi tal-Unjoni huma, fost l-oħrajn, li tippromwovi l-benesseri tal-popli tagħha u li taħdem

*Emenda*

(1) Skont l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-oġettivi tal-Unjoni huma, fost l-oħrajn, li tippromwovi l-benesseri tal-popli tagħha u li taħdem

għall-iżvilupp sostenibbli ta' Ewropa bbażata fuq ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, li timmira għal okkupazzjoni sħiħa u progress soċjali.

għall-iżvilupp sostenibbli ta' Ewropa bbażata fuq **tkabbir ekonomiku bbilanċjat u** ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, li timmira għal okkupazzjoni sħiħa u progress soċjali.

## Emenda 2

### Proposta għal direttiva Premessa 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"). B'mod partikolari, l-Artikolu 31 tal-Karta jipprevedi d-dritt ta' kull ħaddiem għal kondizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, **is-sigurtà** u d-dinjità tiegħu. L-Artikolu 27 tal-Karta jipproteġi d-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni fi ħdan l-impriża. L-Artikolu 8 tal-Karta jipprevedi li kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali li tirrigwardaha. L-Artikolu 16 tal-Karta jirrikonoxxi l-libertà ta' intrapriża.

#### *Emenda*

(2) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"). B'mod partikolari, l-Artikolu 31 tal-Karta jipprevedi d-dritt ta' kull ħaddiem għal kondizzjonijiet tax-xogħol **ekwi u ġusti** li jirrispettaw is-saħħa, **is-sikurezza** u d-dinjità tiegħu. L-Artikolu 27 tal-Karta jipproteġi d-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni fi ħdan l-impriża. L-Artikolu 8 tal-Karta jipprevedi li kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali **kif ukoll aċċess għad-data li tkun inġabret** li tirrigwardaha **u d-dritt li tirrettifikaha. L-Artikolu 12 tal-Karta jipprevedi li kull persuna għandha d-dritt għal-libertà tal-għaqda u tal-assoċjazzjoni fil-livelli kollha. L-Artikolu 15 tal-Karta jirrikonoxxi li kull persuna għandha d-dritt li taħdem u li twettaq xogħol magħżul jew aċċettat liberament kif ukoll li ttipprovi servizzi.** L-Artikolu 16 tal-Karta jirrikonoxxi l-libertà ta' intrapriża. **L-Artikolu 21 tal-Karta jipprevedi d-dritt ta' nondiskriminazzjoni.**

## Emenda 3

### Proposta għal direttiva Premessa 3

(3) Il-Prinċipju Nru 5 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017<sup>53</sup>, jipprevedi li irrispettivament mit-tip u mid-durata tar-relazzjoni ta' impjieg, il-ħaddiema għandhom id-dritt għal trattament ġust u ugwali fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u t-taħriġ; **li, f'konformità mal-leġiżlazzjoni u mal-ftehimiet kollettivi, għandha tiġi żgurata l-flessibbiltà meħtieġa biex l-impjegaturi jadattaw malajr għall-bidliet fil-kuntest ekonomiku;** u li għandhom jitrawmu forom innovattivi ta' xogħol li jiżguraw kondizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità, li għandhom jitħeġġu l-intraprenditorija u l-impjiegi indipendenti u li għandha tiġi ffaċilitata l-mobbiltà okkupazzjonali. Il-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanja l-Pilastru Soċjali<sup>54</sup> bħala gwida għall-implimentazzjoni tiegħu ntlqa' tajjeb mis-Summit Soċjali ta' Porto ta' Mejju 2021.

(3) Il-Prinċipju Nru 5 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (**il-"Pilastru"**), ipproklammat f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017<sup>53</sup>, jipprevedi li irrispettivament mit-tip u mid-durata tar-relazzjoni ta' impjieg, il-ħaddiema għandhom id-dritt għal trattament ġust u ugwali fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u t-taħriġ; li, f'konformità mal-leġiżlazzjoni u mal-ftehimiet kollettivi, għandha tiġi żgurata l-flessibbiltà meħtieġa biex l-impjegaturi jadattaw malajr għall-bidliet fil-kuntest ekonomiku; u li għandhom jitrawmu forom innovattivi ta' xogħol li jiżguraw kondizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità, li għandhom jitħeġġu l-intraprenditorija u l-impjiegi indipendenti u li għandha tiġi ffaċilitata l-mobbiltà okkupazzjonali, **u b'hekk jiġi affermat mill-ġdid id-dritt skont l-Artikolu 15 tal-Karta u li għandhom jiġu evitati r-relazzjonijiet ta' impjieg li jwasslu għal kondizzjonijiet tax-xogħol prekarji, inkluż billi jiġi pprojbit l-abbuż ta' kuntratti atipiċi.** Il-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanja l-Pilastru Soċjali<sup>54</sup> bħala gwida għall-implimentazzjoni tiegħu ntlqa' tajjeb mis-Summit Soċjali ta' Porto ta' Mejju 2021.

<sup>53</sup> Il-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10).

<sup>54</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" COM(2021) 102 final, 4.3.2021.

<sup>53</sup> Il-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10).

<sup>54</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" COM(2021) 102 final, 4.3.2021.

#### Emenda 4

**Proposta għal direttiva  
Premessa 3a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(3a)** *Il-Prinċipju Nru 7 tal-Pilastru jipprevedi li, fil-bidu tal-impjieg, il-ħaddiema għandhom id-dritt li jiġu infurmati bil-miktub dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mir-relazzjoni ta' impjieg tagħhom, li qabel kwalunkwe tkeċċija, il-ħaddiema għandhom id-dritt li jiġu infurmati bir-raġunijiet u jingħataw perjodu ta' avviż raġonevoli u d-dritt għall-aċċess għal riżoluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u, f'każ ta' tkeċċija mhux ġustifikata, dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat. Il-Prinċipju Nru 10 jipprevedi li l-ħaddiema għandhom id-dritt għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tagħhom fuq il-post tax-xogħol u d-dritt li d-data personali tagħhom tiġi protetta fil-kuntest tal-impjieg. Il-Prinċipju Nru 12 tal-Pilastru jipprevedi li irrispettivament mit-tip u mid-durata tar-relazzjoni ta' impjieg tagħhom, il-ħaddiema, u f'kondizzjonijiet simili, daww b'impjieg indipendenti, għandhom id-dritt għal protezzjoni soċjali adegwata.*

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(4) Id-diġitalizzazzjoni qed tiddel id-dinja tax-xogħol, ittejjeb il-produttività u ssaħħaħ il-flessibbiltà, **filwaqt li ġġorr magħha wkoll xi riskji għall-impjegi** u għall-kondizzjonijiet tax-xogħol. It-teknoloġiji bbażati fuq l-algoritmu, inklużi s-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċizzjonijiet, ippermettew l-emerġenza u t-tkabbir tal-pjattaformi tax-

(4) Id-diġitalizzazzjoni qed tiddel id-dinja tax-xogħol, ittejjeb il-produttività u ssaħħaħ il-flessibbiltà. **L-innovazzjoni fl-għodod diġitali tista' tikkontribwixxi għat-tkabbir fi żminijiet ta' kriżi u rkupru. Forom ġodda ta' interazzjoni diġitali u teknoloġiji ġodda fid-dinja tax-xogħol, inkluża x-xejra lejn xogħol mill-bogħod f'bosta setturi, jekk ikunu regolati u**



xogħol diġitali.

*implimentati sew, jistgħu joħlqu opportunitajiet għal aċċess għal impjegi deċenti u ta' kwalità għal persuni li tradizzjonalment ma kellhomx tali aċċess, inklużi persuni b'diżabilità. Madankollu, id-diġitalizzazzjoni toħloq ukoll riskji għall-impjieg u għall-kondizzjonijiet tax-xogħol, għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema u għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom, inkluż id-dritt għall-privatezza, kif ukoll għall-implimentazzjoni effettiva tal-liġi nazzjonali applikabbli dwar ix-xogħol u t-taxxa u b'hekk tpoġġi wkoll taħt pressjoni s-sistema ta' protezzjoni soċjali bbażata fuq is-solidarjetà għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri. It-teknoloġiji bbażati fuq l-algoritmu, inklużi s-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet, ippermettew l-emerġenza u t-tkabbir tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali iżda jistgħu jipproduċu żbilanċi fil-poter u opaċità dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet, kif ukoll sorveljanza abilitata mit-teknoloġija li jistgħu jaggravaw Prattiki diskriminatorji u jinvolvu riskji għall-privatezza, is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema u d-dinjità tal-bniedem u jistgħu jwasslu għal konsegwenzi negattivi għall-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-isfruttament tal-ħaddiema.*

## Emenda 6

### Proposta għal direttiva Premessa 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Ix-xogħol fuq il-pjattaformi jitwettaq minn individwi permezz tal-infrastruttura diġitali tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali li jipprovdu servizz lill-klijenti tagħhom. Permezz tal-algoritmi, il-pjattaformi tax-xogħol diġitali **jistgħu jikkontrollaw**, sa ċertu punt – abbażi tal-mudell kummerċjali tagħhom – il-prestazzjoni tax-xogħol, ir-remunerazzjoni

*Emenda*

(5) Ix-xogħol fuq il-pjattaformi jitwettaq minn individwi permezz tal-infrastruttura diġitali tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali li jipprovdu servizz lill-klijenti tagħhom. **Huwa pprovdut, tal-inqas parzjalment, mill-bogħod permezz ta' mezzi elettroniċi, bħal sit web jew applikazzjoni mobbli, li tista' tkun saħansitra inviżibbli għall-klijent**

tiegħu u r-relazzjoni bejn il-klijenti tagħhom u l-persuni li jwettqu x-xogħol. Ix-xogħol fuq il-pjattaformi **jista'** jitwettaq esklużivament online permezz ta' għodod elettroniċi ("xogħol fuq il-pjattaformi online") jew b'mod ibridu li jgħaqqad il-proċess ta' komunikazzjoni online ma' attività sussegwenti fid-dinja fiżika ("xogħol fuq il-pjattaformi fuq il-post"). Ħafna mill-pjattaformi tax-xogħol diġitali eżistenti huma atturi tan-negożju internazzjonali li qed ivaraw l-attivitàjiet u l-mudelli kummerċjali tagħhom f'diversi Stati Membri jew min-naħa għal oħra tal-fruntiera.

**minħabba li tkun integrata fis-sit web użat mir-riċevitur tas-servizz. Dan iseħħ f'varjetà wiesgħa ta' oqsma u huwa kkaratterizzat minn livell għoli ta' eteroġeneità fit-tipi ta' pjattaforma tax-xogħol diġitali, fis-setturi koperti u fl-attivitàjiet imwettqa kif ukoll fil-profili tal-individwi li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi.** Permezz tal-algoritmi **u l-intelliġenza artiċjali**, il-pjattaformi tax-xogħol diġitali **jissorveljaw, jimmonitorjaw u jevalwaw**, sa ċertu punt – abbażi tal-mudell kummerċjali tagħhom – il-prestazzjoni tax-xogħol, ir-remunerazzjoni tiegħu u r-relazzjoni bejn il-klijenti tagħhom u l-persuni li jwettqu x-xogħol **kif ukoll il-persuni nfushom waqt li jkunu qed jaħdmu u, f'xi każijiet, anke barra l-ħin tax-xogħol tagħhom, bi ksur tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup> u tal-liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data. Il-professjonijiet liberali regolati tradizzjonali huma fil-prinċipju ħielsa mis-superviżjoni, mid-direzzjoni u mill-kontroll minn kwalunkwe impriża oħra.** Ix-xogħol fuq il-pjattaformi **fil-biċċa l-kbira tiegħu** jitwettaq esklużivament online permezz ta' għodod elettroniċi ("xogħol fuq il-pjattaformi online") jew b'mod ibridu li jgħaqqad il-proċess ta' komunikazzjoni online ma' attività sussegwenti fid-dinja fiżika ("xogħol fuq il-pjattaformi fuq il-post"). Ħafna mill-pjattaformi tax-xogħol diġitali eżistenti huma atturi tan-negożju internazzjonali li qed ivaraw l-attivitàjiet u l-mudelli kummerċjali tagħhom f'diversi Stati Membri jew min-naħa għal oħra tal-fruntiera.

---

<sup>1a</sup> **Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali**

## Emenda 7

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 6

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Ix-xogħol fuq il-pjattaformi jista' jipprovdi l-opportunitajiet biex wieħed jaçċessa s-suq tax-xogħol b'mod aktar faċli, li jikseb introjtu addizzjonali permezz ta' attività sekondarja jew li jgawdi minn ftit flessibbiltà fl-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. Fl-istess ħin, ix-xogħol fuq il-pjattaformi jgħib miegħu l-isfidi, għax jista' jċajpar il-linja li tifred ir-relazzjoni ta' impjieg mill-attività tal-persuna b'impjieg indipendenti, u r-responsabbiltajiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema. Il-klassifikazzjoni ħażina tal-istatus fl-impjieg għandha konsegwenzi għall-persuni affettwati, peress li **aktarx** tirrestrinġi l-aċċess għad-drittijiet tax-xogħol u soċjali eżistenti. Din twassal ukoll **għal** kondizzjonijiet mhux ekwivalenti fir-rigward tan-negozji li jikklassifikaw lill-ħaddiema tagħhom b'mod korrett, u għandha implikazzjonijiet għas-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali tal-Istati Membri, il-bażi għat-taxxa tagħhom u l-kopertura u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom. Filwaqt li dawn l-isfidi huma usa' mix-xogħol fuq il-pjattaformi, huma partikolarment akuti u urġenti fl-ekonomija tal-pjattaformi.

##### *Emenda*

(6) Ix-xogħol fuq il-pjattaformi jista' jipprovdi l-opportunitajiet biex wieħed **jaħdem u** jaçċessa s-suq tax-xogħol b'mod aktar faċli, **speċjalment għall-gruppi vulnerabbli**, li jikseb introjtu addizzjonali permezz ta' attività sekondarja jew li jgawdi minn ftit flessibbiltà fl-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. **Il-biċċa l-kbira tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jkollhom impjieg ieħor jew sors ta' introjtu ieħor u għandhom tendenza li jkollhom pagi baxxi<sup>1a</sup>.** **Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari liż-żgħażaġh billi jiġi żgurati li dawn igawdu l-ogħla livell ta' protezzjoni soċjali meta jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi.** Fl-istess ħin, ix-xogħol fuq il-pjattaformi jgħib miegħu l-isfidi, għax jista' **jirriżulta fl-imprevedibbiltà tal-ħinijiet tax-xogħol u** jċajpar il-linja li tifred ir-relazzjoni ta' impjieg mill-attività tal-persuna b'impjieg indipendenti, u r-responsabbiltajiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema. Il-klassifikazzjoni ħażina tal-istatus fl-impjieg għandha konsegwenzi għall-persuni affettwati, peress li tirrestrinġi l-aċċess għad-drittijiet tax-xogħol u soċjali eżistenti. Din **tista'** twassal ukoll **għall-isfruttament ta' ħaddiema, kompetizzjoni inġusta, b'mod partikolari li taffettwa lill-SMEs, u** kondizzjonijiet mhux ekwivalenti fir-rigward tan-negozji li jikklassifikaw lill-ħaddiema tagħhom b'mod korrett, u għandha implikazzjonijiet għas-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali tal-Istati Membri, il-bażi għat-taxxa tagħhom u l-kopertura u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom. Filwaqt li dawn l-isfidi

huma usa' mix-xogħol fuq il-pjattaformi, huma partikolarment akuti u urġenti fl-ekonomija tal-pjattaformi.

---

*Ia Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja l-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jittejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi fl-Unjoni Ewropea, (SWD(2021)396 final/2, p. 6; The Social Protection of Workers in the Platform Economy (Il-Protezzjoni Soċjali tal-Ħaddiema fl-Ekonomija tal-Pjattaforma), Studju kkummissjonat mill-Kumitat EMPL, Parlament Ewropew, 2017*

*([https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2017/614184/IPOL\\_STU\(2017\)\\_614184\\_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2017/614184/IPOL_STU(2017)_614184_EN.pdf))*

## Emenda 8

### Proposta għal direttiva Premessa 6a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(6a) Il-leġiżlazzjoni tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ġeneralment mhijiex ippreparata għall-isfidi tad-dinja diġitali u, b'mod partikolari, tas-suq tax-xogħol diġitalizzat, li jikkawża riskji serji kemm għan-nies involuti f'xogħol ibbażat b'mod diġitali kif ukoll għall-mudelli eżistenti tal-kura tas-saħħa u tas-sigurtà soċjali bbażati fuq is-solidarjetà. Jekk ma jiġux indirizzati kif xieraq, dawk ir-riskji jaf jipperikolaw il-mudell soċjali Ewropew u l-għanijiet tal-Pilastru, filwaqt li l-progress teknoloġiku jaf jipprovdi wkoll is-soluzzjonijiet għall-adattament tal-mudell soċjali Ewropew għar-realtàjiet tas-seklu 21. Għalhekk, jenħtieġ li s-soluzzjonijiet proposti jgħinu jipproteġu s-sitwazzjoni tal-persuni li jwettqu xogħol*

## Emenda 9

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 7

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Il-kawżi quddiem il-qrati f'diversi Stati Membri wrew il-persistenza tal-klassifikazzjoni ħażina tal-istatus fl-impjieg f'ċerti tipi ta' xogħol fuq il-pjattaformi, b'mod partikolari fis-setturi fejn il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jeżerċitaw ċertu livell ta' kontroll fuq il-paga u l-prestazzjoni tax-xogħol. Filwaqt li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali sikwit jikklassifikaw lill-persuni li jaħdmu permezz tagħhom bħala persuni b'impjieg indipendenti ġenwin jew "kuntratturi indipendenti", ħafna qrati sabu li l-pjattaformi jeżerċitaw direzzjoni u kontroll de facto fuq dawk il-persuni, li spiss jintegrawhom fl-attivitajiet kummerċjali ewlenin tagħhom u jiddeterminaw il-livell tal-paga b'mod unilaterali. Għalhekk, dawk il-qrati kklassifikaw mill-ġdid lill-persuni li allegatament għandhom impjieg indipendenti bħala ħaddiema impjegati mill-pjattaformi. Madankollu, il-ġurisprudenza nazzjonali rriżultat f'eżiti diversi u l-pjattaformi tax-xogħol diġitali adattaw il-mudell kummerċjali tagħhom b'diversi modi, u b'hekk żiedu n-nuqqas ta' ċertezza legali dwar l-istatus fl-impjieg.

##### *Emenda*

(7) Il-kawżi quddiem il-qrati f'diversi Stati Membri wrew il-persistenza tal-klassifikazzjoni ħażina tal-istatus fl-impjieg f'ċerti tipi ta' xogħol fuq il-pjattaformi, b'mod partikolari fis-setturi fejn il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jeżerċitaw ċertu livell ta' ***direzzjoni jew*** kontroll fuq il-paga u l-prestazzjoni tax-xogħol. Filwaqt li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali sikwit jikklassifikaw lill-persuni li jaħdmu permezz tagħhom bħala persuni b'impjieg indipendenti ġenwin jew "kuntratturi indipendenti", ħafna qrati sabu li l-pjattaformi jeżerċitaw direzzjoni u kontroll de facto fuq dawk il-persuni, li spiss jintegrawhom fl-attivitajiet kummerċjali ewlenin tagħhom u jiddeterminaw il-livell tal-paga b'mod unilaterali. Għalhekk, dawk il-qrati kklassifikaw mill-ġdid lill-persuni li allegatament għandhom impjieg indipendenti bħala ħaddiema impjegati mill-pjattaformi. Madankollu, il-ġurisprudenza nazzjonali rriżultat f'eżiti diversi u l-pjattaformi tax-xogħol diġitali adattaw il-mudell kummerċjali tagħhom b'diversi modi, u b'hekk żiedu n-nuqqas ta' ċertezza legali dwar l-istatus fl-impjieg ***kif ukoll fixklu milli jinħolqu kondizzjonijiet ekwi kemm fis-suq intern kif ukoll bejn il-pjattaformi tax-xogħol diġitali u n-negozji tradizzjonali.***

## Emenda 10

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Is-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jaħdmu bl-algoritmi qegħdin dejjem aktar jieħdu post il-funzjonijiet li normalment jitwettqu mill-manigġers fin-negozji, bħall-allokazzjoni tal-kompiti, l-għoti ta' struzzjonijiet, l-evalwazzjoni tax-xogħol imwettaq, l-għoti ta' inċentivi jew l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jużaw dawn is-sistemi algoritmiċi bħala mod standard ta' kif jorganizzaw u jiġġestixxu x-xogħol fuq il-pjattaformi permezz tal-infrastruttura tagħhom. Il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi soġġetti għal din il-ġestjoni algoritmika spiss ***jonqsilhom informazzjoni*** dwar kif jaħdmu l-algoritmi, liema data personali tkun qed tintuża u kif l-imġiba tagħhom taffettwa d-deċiżjonijiet meħuda mis-sistemi awtomatizzati. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema ***u l-ispettorati tax-xogħol lanqas ma għandhomx aċċess għal din l-informazzjoni. Barra minn hekk, il-persuni*** li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi ***spiss ma jkunux jafu r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet meħuda jew appoġġati mis-sistemi awtomatizzati u ma jkollhomx il-possibbiltà li jiddiskutu dawk id-deċiżjonijiet ma' persuna ta' kuntatt jew li jikkontestawhom.***

*Emenda*

(8) Is-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jaħdmu bl-algoritmi qegħdin dejjem aktar jieħdu post il-funzjonijiet li normalment jitwettqu mill-manigġers fin-negozji, bħall-allokazzjoni tal-kompiti, ***l-iffissar tal-prezzijiet ta' inkarigi individwali u tal-ħinijiet tax-xogħol***, l-għoti ta' struzzjonijiet, l-evalwazzjoni tax-xogħol imwettaq, l-għoti ta' inċentivi jew l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali ***b'mod partikolari*** jużaw dawn is-sistemi algoritmiċi bħala mod standard ta' kif jorganizzaw u jiġġestixxu x-xogħol fuq il-pjattaformi permezz tal-infrastruttura tagħhom. Il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi soġġetti għal din il-ġestjoni algoritmika spiss ***ma jkollhomx aċċess għall-informazzjoni*** dwar kif jaħdmu l-algoritmi, liema data personali tkun qed tintuża u kif l-imġiba tagħhom taffettwa d-deċiżjonijiet meħuda mis-sistemi awtomatizzati. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema, ***ir-rappreżentanti tal-persuni*** li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, ***l-ispettorati tax-xogħol u l-awtoritajiet superviżorji kompetenti lanqas ma għandhom aċċess għal din l-informazzjoni.*** Barra minn hekk, il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi spiss ***ma jkunux jafu r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet meħuda jew appoġġati mis-sistemi awtomatizzati u ma jkollhomx il-possibbiltà li jiksbu spjegazzjoni għal dawk id-deċiżjonijiet, li jiddiskutu dawk id-deċiżjonijiet ma' persuna ta' kuntatt jew li jikkontestawhom u li jfittxu rettifika u, fejn rilevanti, rimedju.*** Il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi ***u r-rappreżentanti tagħhom spiss ma jirċevux informazzjoni f'waqtha jew l-opportunità li jiddiskutu, biex jiġu kkonsultati b'mod effettiv, jinnegozjaw u jirrieżaminaw is-sistemi algoritmiċi li***



*madankollu jkollhom impatt dirett fuq il-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.*

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 9

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Meta l-pjattaformi joperaw f'diversi Stati Membri jew min-naħa għal oħra tal-fruntiera, spiss ma jkunx ċar fejn ikun qed jitwettaq ix-xogħol fuq il-pjattaformi u mingħand min. Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx aċċess faċli għad-data fuq il-pjattaformi tax-xogħol diġitali, inkluż l-għadd ta' persuni li jkunu qed iwettqu x-xogħol fuq il-pjattaformi, l-istatus fl-impjieg tagħhom u l-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Dan jikkomplika l-infurzar tar-regoli applikabbli, inkluż fir-rigward tal-liġi tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali.

##### *Emenda*

(9) Meta l-pjattaformi joperaw f'diversi Stati Membri jew min-naħa għal oħra tal-fruntiera, spiss ma jkunx ċar fejn ikun qed jitwettaq ix-xogħol fuq il-pjattaformi u mingħand min, ***speċjalment ix-xogħol fuq il-pjattaformi bbażat online***. Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx aċċess faċli għad-data fuq il-pjattaformi tax-xogħol diġitali, inkluż l-għadd ta' persuni li jkunu qed iwettqu x-xogħol fuq il-pjattaformi, l-istatus fl-impjieg tagħhom u l-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Dan jikkomplika l-infurzar tar-regoli ***nazzjonali u Ewropej*** applikabbli, inkluż fir-rigward tal-liġi tax-xogħol ***u t-taxxa*** u l-protezzjoni soċjali.

## Emenda 12

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 9a (ġdida)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

***(9a) L-għadd ta' pjattaformi attivi fl-Unjoni żdied minn 463 fl-2016 għal 516 f'Marzu 2021. L-ekonomija tal-pjattaformi fl-Unjoni żdiedet bi kważi ħames darbiet matul l-istess perjodu, minn stima ta' EUR 3,4 biljun fl-2016 għal madwar EUR 14-il biljun fl-2020. Il-maġġoranza tal-attività ta' dawn il-pjattaformi hija marbuta mas-servizzi tat-taxi u tal-konsenja tal-ikel, li t-tnejn li huma ntlaw b'mod qawwi mit-tifqigħa tal-COVID-19 (-35 % u +125 %,***

*rispettivamente). Il-pjattaformi li joriġinaw minn barra l-Unjoni għandhom rwol importanti fl-ekonomija tal-pjattaformi tal-UE.*

## Emenda 13

### Proposta għal direttiva Premessa 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Korp ta' strumenti legali jipprevedi l-istandards minimi fil-kondizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tax-xogħol madwar l-Unjoni. Dan jinkludi b'mod partikolari d-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>55</sup> dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli, id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>56</sup> dwar il-ħin tax-xogħol, id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>57</sup> dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, u strumenti speċifiċi oħra dwar aspetti bħas-saħħa u **sikurezza** okkupazzjonali, il-ħaddiema nisa tqal, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, ix-xogħol għal żmien fiss, ix-xogħol part-time, l-istazzjonar tal-ħaddiema u l-informazzjoni u l-konsultazzjoni mal-ħaddiema, fost l-oħrajn. Filwaqt li daww l-istrumenti jipprovdu livell ta' protezzjoni lill-ħaddiema, dawn ma japplikawx għall-persuni b'impjeg indipendenti **ġenwin**.

#### *Emenda*

(10) Korp ta' strumenti legali jipprevedi l-istandards minimi fil-kondizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tax-xogħol madwar l-Unjoni. Dan jinkludi b'mod partikolari d-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>55</sup> dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli, id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>56</sup> dwar il-ħin tax-xogħol, id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>57</sup> dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, u strumenti speċifiċi oħra dwar aspetti bħas-saħħa u **s-sikurezza** okkupazzjonali, il-ħaddiema nisa tqal, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, ix-xogħol għal żmien fiss, ix-xogħol part-time, l-istazzjonar tal-ħaddiema u l-informazzjoni u l-konsultazzjoni mal-ħaddiema, fost l-oħrajn. **Daww l-istrumenti legali ġew interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-Qorti tal-Ġustizzja) f'ġurisprudenza partikolarment rilevanti, li skontha l-ħin "stand-by", li matulu l-opportunitajiet tal-ħaddiem li jwettaq attivitajiet oħra huma ristretti b'mod sinifikanti, għandu jitqies bħala ħin tax-xogħol<sup>57a</sup>. L-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija partikolarment rilevanti għall-ħaddiema tal-pjattaformi li jgħattghu 8 jew 9 sigħat fil-ġimgħa<sup>57b</sup> jagħmlu kompiti mhux imħallsa, bħal kompiti ta' riċerka, stennija għal inkarigi, parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet biex jiksbu inkarigi u analiżi tar-reklami tax-xogħol, li mhuwiex**



*meqjus bħala ħin tax-xogħol meta huma klassifikati inkorrettament bħala persuni b'impjieg indipendenti.* Filwaqt li daw k l-istrumenti jipprovdu livell ta' protezzjoni lill-ħaddiema, dawn ma japplikawx għall-persuni *ġenwinament* b'impjieg indipendenti.

---

<sup>55</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

<sup>56</sup> Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).

<sup>57</sup> Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

---

<sup>55</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

<sup>56</sup> Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).

<sup>57</sup> Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

*57a Is-Sentenza tal-Qorti tal-21 ta' Frar 2018 f'Ville de Nivelles vs Rudy Matzak, C-518/15, ECLI: EU:C:2018:82). Dan ir-raġunament ġie kkonfermat u elaborat f'żewġ sentenzi tal-2021 (Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tad-9 ta' Marzu 2021, fil-kawża RJ vs Stadt Offenbach am Main, C-580/19, ECLI:EU:C:2021:183; Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tad-9 ta' Marzu 2021, fil-kawża D.J. vs Radiotelevizija Slovenija, C-344/19, ECLI:EU:C:2021:182.*

*57b Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja l-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jittejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi fl-Unjoni Ewropea, SWD(2021)396 final, p. 2.*

## Emenda 14

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 11**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2019/C 387/01<sup>58</sup> dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom tirrakkomanda lill-Istati Membri jieħdu miżuri li jiżguraw il-kopertura formali u effettiva, l-adegwatezza u t-trasparenza tal-iskemi tal-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni kollha li jaħdmu għal rashom. L-Istati Membri bħalissa għandhom gradi differenti ta' għoti tal-protezzjoni soċjali għall-persuni b'impjieg indipendenti.

---

<sup>58</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (2019/C 387/01) (ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1).

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>59</sup> ("**Regolament Ġenerali dwar il-**

*Emenda*

(11) ***Il-protezzjoni soċjali hija xibka ta' sikurezza bbażata fuq is-solidarjetà li hija ta' benefiċċju mhux biss għall-individwu iżda wkoll għas-soċjetà kollha kemm hi.*** Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2019/C 387/01<sup>58</sup> dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom tirrakkomanda lill-Istati Membri jieħdu miżuri li jiżguraw il-kopertura formali u effettiva, l-adegwatezza u t-trasparenza tal-iskemi tal-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni kollha li jaħdmu għal rashom. L-Istati Membri bħalissa għandhom gradi differenti ta' għoti tal-protezzjoni soċjali għall-persuni b'impjieg indipendenti. ***Huwa essenzjali li jiġi żgurat, u fejn meħtieġ, jiġi estiż l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi inkluż għal persuni li jgħaddu minn status għal ieħor sabiex tiġi żgurata l-portabbiltà tad-drittijiet u l-intitolamenti soċjali akkumulati.***

---

<sup>58</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (2019/C 387/01) (ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1).

*Emenda*

(12) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jiżgura l-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward

**Protezzjoni tad-Data")** jiżgura l-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, u jipprovdi, b'mod partikolari, ċerti drittijiet u obbligi kif ukoll salvagwardji li jikkonċernaw l-ipproċessar legali, ġust u trasparenti tad-data personali, inkluż fir-rigward tat-teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati. Ir-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>60</sup> jippromwovi l-korrettezza u t-trasparenza għall-"utenti kummerċjali" li jużaw is-servizzi tal-intermedjazzjoni online pprovduti mill-operaturi tal-pjattaformi online. Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet aktar leġiżlazzjoni li tistabbilixxi regoli armonizzati għall-fornituri u għall-utenti tas-sistemi ta' intelliġenza artifiċjali<sup>61</sup>.

---

***59 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).***

<sup>60</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 57).

<sup>61</sup> COM (2021) 206 finali, 21.4.2021.

tal-ipproċessar ta' data personali, u jipprovdi, b'mod partikolari, ċerti drittijiet u obbligi kif ukoll salvagwardji li jikkonċernaw l-ipproċessar legali, ġust u trasparenti tad-data personali, inkluż fir-rigward tat-teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati. Ir-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>60</sup> jippromwovi l-korrettezza u t-trasparenza għall-"utenti kummerċjali" li jużaw is-servizzi tal-intermedjazzjoni online pprovduti mill-operaturi tal-pjattaformi online. Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet aktar leġiżlazzjoni li tistabbilixxi regoli armonizzati għall-fornituri u għall-utenti tas-sistemi ta' intelliġenza artifiċjali<sup>61</sup>, ***li se tapplika mingħajr preġudizzju għar-regoli aktar speċifiċi stabbiliti f'din id-Direttiva.***

---

<sup>60</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 57).

<sup>61</sup> COM (2021) 206 finali, 21.4.2021.

## **Emenda 16**

### **Proposta għal direttiva Premessa 13**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Filwaqt li l-atti legali eżistenti jew

*Emenda*

(13) Filwaqt li l-atti legali eżistenti jew

proposti tal-Unjoni jipprevedu ċerti salvagwardji ġenerali, l-isfidi fix-xogħol fuq il-pjattaformi jitolbu xi miżuri speċifiċi ulterjuri. Sabiex jiġi inkwadrat b'mod adegwat l-iżvilupp tax-xogħol fuq il-pjattaformi b'mod sostenibbli, huwa meħtieġ li l-Unjoni tistabbilixxi standards minimi ġodda fil-kondizzjonijiet tax-xogħol biex tindirizza l-isfidi li jirriżultaw mix-xogħol fuq il-pjattaformi. ***Il-persuni*** li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi ***fl-Unjoni*** jenħtieġ li jiġu pprovduti b'għadd ta' drittijiet minimi ***mmirati lejn l-iżgurar tad-determinazzjoni*** korretta tal-istatus ***fl-impjieg*** tagħhom, ***lejn il-promozzjoni tat-trasparenza, tal-ġustizzja u tar-responsabbiltà*** fil-ġestjoni algoritmika, ***u lejn it-tiġib tat-trasparenza*** fix-xogħol fuq il-pjattaformi, inkluż f'sitwazzjonijiet transfruntiera. Jenħtieġ li dan isir bil-għan li tittejjeb iċ-ċertezza legali, jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti bejn il-pjattaformi tax-xogħol diġitali u l-fornituri ta' servizzi offline u li jiġi appoġġat it-tkabbir sostenibbli tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali fl-Unjoni.

proposti tal-Unjoni jipprevedu ċerti salvagwardji ġenerali, l-isfidi fix-xogħol fuq il-pjattaformi jitolbu xi miżuri speċifiċi ulterjuri. Sabiex jiġi inkwadrat b'mod adegwat l-iżvilupp tax-xogħol fuq il-pjattaformi b'mod sostenibbli, huwa meħtieġ li l-Unjoni tistabbilixxi standards minimi ġodda fil-kondizzjonijiet tax-xogħol biex tindirizza l-isfidi li jirriżultaw mix-xogħol fuq il-pjattaformi ***u tiproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema tal-pjattaformi.*** ***Il-ħaddiema tal-pjattaformi u, fejn applikabbli, persuni*** li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jenħtieġ li jiġu pprovduti b'għadd ta' drittijiet minimi, ***id-determinazzjoni*** korretta tal-istatus ***kuntrattwali*** tagħhom, ***kif ukoll kondizzjonijiet tax-xogħol ekwi u ġusti li jippromwovu t-trasparenza, il-ġustizzja, ir-responsabbiltà u n-nondiskriminazzjoni, li jimpedixxu r-riskji għas-saħħa u s-sikurezza*** fil-ġestjoni algoritmika, ***itejbu t-trasparenza*** fix-xogħol fuq il-pjattaformi, inkluż f'sitwazzjonijiet transfruntiera ***u jiżguraw id-dritt ta' negozjar kollettiv f'konformità mad-dritt u l-prattika nazzjonali.*** Jenħtieġ li dan isir bil-għan li tittejjeb iċ-ċertezza legali, jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti bejn il-pjattaformi tax-xogħol diġitali u l-fornituri ta' servizzi offline u li jiġi appoġġat it-tkabbir sostenibbli tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali fl-Unjoni. ***Sabiex jinkiseb dan, il-persuni li jaħdmu permezz ta' pjattaforma tax-xogħol diġitali jenħtieġ li jiġu klassifikati korrettament fir-rigward tal-istatus kuntrattwali tagħhom sabiex ikollhom aċċess għal-liġi nazzjonali applikabbli dwar ix-xogħol u l-protezzjoni soċjali.***

## Emenda 17

### Proposta għal direttiva Premessa 14

*Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni fuq żewġ stadji mas-sħab soċjali, f'konformità mal-Artikolu 154 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi. Ma kien hemm ebda ftehim bejn is-sħab soċjali biex jidħlu f'negozjati fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet. Madankollu, huwa importanti li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni f'dan il-qasam, billi l-qafas legali attwali jiġi adattat għall-emerġenza tax-xogħol fuq il-pjattaformi.

*Emenda*

(14) Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni fuq żewġ stadji mas-sħab soċjali, f'konformità mal-Artikolu 154 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi. Ma kien hemm ebda ftehim bejn is-sħab soċjali biex jidħlu f'negozjati fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet. Madankollu, huwa importanti li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni f'dan il-qasam, billi l-qafas legali attwali jiġi adattat għall-emerġenza tax-xogħol fuq il-pjattaformi ***u tal-użu tas-sistemi ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati.***

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet skambji estensivi mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż il-pjattaformi tax-xogħol diġitali, l-assoċjazzjonijiet tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, l-esperti mill-akkademja, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

*Emenda*

(15) Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet skambji estensivi mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż il-pjattaformi tax-xogħol diġitali, l-assoċjazzjonijiet tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, ***is-sħab soċjali***, l-esperti mill-akkademja, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 16**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi fl-Unjoni li għandhom, jew li

*Emenda*

(16) Jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi fl-Unjoni li għandhom, jew li

abbażi ta' valutazzjoni tal-fatti jista' jitqies li għandhom, kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ **fl-Istati Membri**, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja **tal-Unjoni Ewropea**. Jenħtieġ li din tinkludi sitwazzjonijiet fejn l-istatus fl-impjieg tal-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi ma jkunx ċar, sabiex tippermetti d-determinazzjoni korretta ta' dak l-istatus. Id-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni algoritmika li huma marbuta mal-ipproċessar tad-data personali jenħtieġ li japplikaw ukoll għall-persuni b'impjieg indipendenti **ġenwin** u għall-persuni l-oħra li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi fl-Unjoni li ma għandhomx relazzjoni ta' impjieg.

## Emenda 20

### Proposta għal direttiva Premessa 17a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

abbażi ta' valutazzjoni tal-fatti jista' jitqies li għandhom, kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ **f'kull Stat Membru**, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Jenħtieġ li din tinkludi sitwazzjonijiet fejn l-istatus fl-impjieg tal-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi ma jkunx ċar, sabiex tippermetti d-determinazzjoni korretta ta' dak l-istatus. Id-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni algoritmika li huma marbuta mal-ipproċessar tad-data personali jenħtieġ li japplikaw ukoll għall-persuni **ġenwinament** b'impjieg indipendenti u għall-persuni l-oħra li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi fl-Unjoni li ma għandhomx relazzjoni ta' impjieg.

*Emenda*

**(17a) Persuni intermedjarji b'impjieg indipendenti koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 86/653/KEE<sup>1a</sup>, li għandhom l-awtorità kontinwa li jinnegożjaw il-bejgħ jew ix-xiri ta' merkanzija f'isem persuna oħra jew li jinnegożjaw u jikkonkludu tali tranżazzjonijiet f'isem u għan-nom ta' dik il-persuna, jenħtieġ li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, dment li pjattaforma tax-xogħol diġitali ma tkunx torganizza x-xogħol ta' aġenti kummerċjali jew intermedjarji bejn tali aġenti kummerċjali u l-prinċipali tagħhom.**

---

<sup>1a</sup> **Id-Direttiva tal-Kunsill 86/653/KEE dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal**

## Emenda 21

### Proposta għal direttiva Premessa 17b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(17b) Is-servizzi tad-dispaċċ tat-taxi, kif irregolati skont il-liġi u l-prattika nazzjonali, jistgħu jiġu distinti minn pjattaformi tax-xogħol diġitali għal ride hailing, meta dawn ikunu biss "żieda" ma' servizz li diġà jeżisti u jgħaqqdu biss lis-sewwieqa tat-taxi liċenzjati ġenwinament b'impjeg indipendenti mal-klijenti tagħhom, billi jibagħtu l-komunikazzjonijiet li jirċievu minn persuni li jfittxu servizz ta' taxi lis-sewwieqa tat-taxi liċenzjati, dment li ma jeżerċitaw l-ebda tip ta' kontroll jew direzzjoni, f'konformità ma' din id-Direttiva, fuq is-sewwieqa tat-taxi liċenzjati, jiġifieri li, fost l-oħrajn, il-fornitur tas-servizz ma jistabbilixxix u ma jiġborx in-noll għall-vjaġġ u ma jkollux kontroll fuq il-kwalità tal-vetturi jew fuq is-sewwieqa u l-prestazzjoni tagħhom tax-xogħol. Is-sewwieqa tat-taxis b'impjeg indipendenti normalment ikunu liberi li jagħżlu kif jiġġeneraw il-fatturat tagħhom minħabba d-drittijiet li tipikament jirċievu bil-liċenzja tagħhom, bħad-dritt li jkollhom aċċess liberu għall-klijenti permezz ta' bejgħ fit-toroq, waqfiet pubbliċi dedikati għat-taxis jew modi ekwivalenti.*

## Emenda 22

### Proposta għal direttiva Premessa 17c (ġdida)



**(17c) L-esternalizzazzjoni miftuħa tista' tiġi definita bħala l-organizzazzjoni tal-esternalizzazzjoni jew l-allokkazzjoni ta' kompiti potenzjalment ipprovduti lil grupp kbir ta' klijenti jew impjegaturi, permezz ta' pjattaformi online. L-esternalizzazzjoni miftuħa taqşam bosta similaritajiet ma' forom oħra ta' impjeg mhux standard bħal xogħol temporanju, xogħol part-time jew xogħol temporanju permezz ta' aġenzija. Tipikament titwettaq fuq l-internet permezz ta' intermedjarju teknoloġiku li spiss ikun pjattaforma. Il-pjattaformi tal-mikroxogħol jew tal-esternalizzazzjoni miftuħa jikkoordinaw kompiti żgħar online. Dawk il-pjattaformi ta' mikrokompiti huma tip ta' pjattaforma tax-xogħol diġitali online li tipprovdni lin-negozji u lil klijenti oħra b'aċċess għal forza tax-xogħol kbira u flessibbli ("folla") biex jitlestew kompiti żgħar li jistgħu jitlestew mill-bogħod bl-użu ta' konnessjoni tal-kompjuter u tal-internet. Il-kompiti jitqassmu lil għadd kbir ta' individwi – l-hekk imsejħa folla – li jistgħu jwettqu attivitajiet individwali b'mod asinkroniku u mill-bogħod permezz tal-kompjuters personali tagħhom. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jenħtieġ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.**

## Emenda 23

### Proposta għal direttiva Premessa 18

(18) Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali huma differenti mill-pjattaformi online l-oħra fis-sens li jorganizzaw ix-xogħol imwettaq mill-individwi fuq **it-talba**, ta' darba jew ripetuta, **tar-riċevitur** ta' **servizz pprovdut mill-pjattaforma**. L-

(18) Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali huma differenti mill-pjattaformi online l-oħra fis-sens li jorganizzaw ix-xogħol imwettaq mill-individwi fuq **talba ta' riċevitur ta' servizz jew bl-allokkazzjoni tax-xogħol permezz ta' sejħa miftuħa**, ta'



organizzazzjoni tax-xogħol imwettaq mill-individwi jenħtieġ li timplika bħala minimu, rwol **sinifikanti** fit-tqabbil tad-domanda **għas-servizz** mal-provvista tax-xogħol minn individwu li jkollu relazzjoni kuntrattwali mal-pjattaforma tax-xogħol diġitali u li jkun disponibbli biex iwettaq kompitu speċifiku, u jista' jinkludi attivitajiet oħra bħall-ipproċessar tal-pagamenti. Il-pjattaformi online li ma jorganizzawx ix-xogħol imwettaq mill-individwi iżda sempliċiment jipprovdu l-mezzi **li bihom il-fornituri tas-servizzi jistgħu jaslu għand l-utent finali, pereżempju billi** jirreklamaw l-offerti jew it-talbiet għas-servizzi jew billi jaggregaw u juru l-fornituri ta' servizzi disponibbli f'żona speċifika, mingħajr aktar involviment, jenħtieġ li ma jitqisux bħala pjattaforma tax-xogħol diġitali. Id-definizzjoni ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali jenħtieġ li ma tinkludix lill-fornituri ta' servizz li l-fini **ewlieni** tagħhom huwa li jisfruttaw jew li jaqsmu l-assi, bħall-kiri tal-akkomodazzjoni għal żmien qasir. **Jenħtieġ li din tkun limitata għall-fornituri ta' servizz li għalihom l-organizzazzjoni tax-xogħol imwettaq mill-individwu, bħat-trasport tal-persuni jew l-oġġetti jew it-tindif, tikkostitwixxi komponent meħtieġ u essenzjali u mhux sempliċiment komponent minuri u purament anċillari.**

## Emenda 24

### Proposta għal direttiva Premessa 18a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

darba jew ripetuta, **permezz ta' mezzi elettroniċi, bħal sit web jew applikazzjoni mobbli.** L-organizzazzjoni tax-xogħol imwettaq mill-individwi jenħtieġ li timplika bħala minimu, rwol fit-tqabbil tad-domanda mal-provvista tax-xogħol minn individwu li jkollu relazzjoni kuntrattwali mal-pjattaforma tax-xogħol diġitali, **irrispettivament mill-ħatra kuntrattwali tar-relazzjoni bejn dak l-individwu u l-persuna fiżika jew ġuridika li ttiprovdi s-servizz,** u li jkun disponibbli biex iwettaq kompitu speċifiku, u jista' jinkludi attivitajiet oħra bħall-ipproċessar tal-pagamenti. Il-pjattaformi online li ma jorganizzawx ix-xogħol imwettaq mill-individwi iżda sempliċiment jipprovdu l-mezzi **biex** jirreklamaw l-offerti jew it-talbiet għas-servizzi jew billi jaggregaw u juru l-fornituri ta' servizzi disponibbli f'żona speċifika, mingħajr aktar involviment, jenħtieġ li ma jitqisux bħala pjattaforma tax-xogħol diġitali. Id-definizzjoni ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali jenħtieġ li ma tinkludix lill-fornituri ta' servizz li l-fini tagħhom huwa li jisfruttaw jew li jaqsmu l-assi, bħall-kiri tal-akkomodazzjoni għal żmien qasir, jew **li jerġgħu jbigħu oġġetti.**

*Emenda*

**(18a) Il-klassifikazzjoni ħażina frekwenti ta' persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, flimkien man-nuqqas ta' post tax-xogħol komuni fejn il-ħaddiema tal-pjattaformi jistgħu jsiru jafu u jikkomunikaw ma' xulxin, inkluż bl-iskop li jiddefendu l-interessi tagħhom kontra l-**

*impjegatur, jagħmlu l-fenomeni tat-trade unions tal-kumpaniji jew tar-rappreżentanti tal-ħaddiema li huma stabbiliti jew ikkontrollati mill-impjegatur fl-interessi tal-impjegatur aktar milli daww tal-ħaddiema<sup>1a</sup>, partikolarment serju fix-xogħol fuq pjattaforma diġitali. Dawn it-trade unions tal-kumpaniji jew ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jmorru kontra l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Nru 98 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u d-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1b</sup>. Meta jiddiffenixxu jew jimplementaw l-arranġamenti prattiċi għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni, l-impjegaturi u r-rappreżentanti tal-ħaddiema jenħtieġ li jaħdmu fi spirtu ta' kooperazzjoni u b'kunsiderazzjoni xierqa tad-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tagħhom, filwaqt li jqisu l-interessi kemm tal-impriża jew tal-istabiliment kif ukoll tal-ħaddiema. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jenħtieġ li jiżguraw, flimkien mat-trade unions l-aktar rappreżentattivi, li l-elezzjonijiet għar-rappreżentanti tal-ħaddiema jikkonformaw mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u jkunu konformi mad-dritt u l-prattika nazjonali applikabbli.*

---

*1a Definizzjoni tal-Eurofound, <https://www.eurofound.europa.eu/observatories/eurwork/industrial-relations-dictionary/company-union>*

*1b Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea - Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza tal-impjegati (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 2).*

**Proposta għal direttiva  
Premessa 18b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(18b) Id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv huma ta' importanza kbira biex jintlaħqu l-għanijiet ta' din id-Direttiva. Il-prerogattivi esklużivi tat-trade unions jenħtieġ li jiġu ppreservati, bħad-dritt tagħhom li jipparteċipaw f'negozjar kollettiv u li jikkonkludu ftehimiet kollettivi. Id-drittijiet u l-prerogattivi tat-trade unions u ta' rappreżentanti oħra tal-ħaddiema stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li jiġu żgurati u rispettati f'konformità mal-konvenzjonijiet tal-ILO<sup>1a</sup> kif ukoll mal-Karta Soċjali Ewropea tal-Kunsill tal-Ewropa.**

---

**Ia B'mod partikolari, il-Konvenzjoni Nru 87 dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni, il-Konvenzjoni Nru 98 tal-ILO dwar id-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Konvenzjoni Nru 135 tal-ILO dwar ir-Rappreżentanti tal-Ħaddiema, il-Konvenzjoni Nru 151 tal-ILO dwar ir-Relazzjonijiet tax-Xogħol (Servizz Pubbliku), il-Konvenzjoni Nru 154 tal-ILO dwar in-Negozjar Kollettiv u r-Rakkomandazzjonijiet relatati tal-ILO.**

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 18c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(18c) Jenħtieġ li s-sistemi awtomatizzati tat-teħid ta' deċiżjonijiet u tal-monitoraġġ jinkludu kwalunkwe mekkaniżmu tal-computing li juża tekniki tax-xjenza tal-**

*kompjuter jew settijiet ta' data li jistgħu jinfluwenzaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol, u jippermettu azzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet għas-soluzzjoni tal-problemi li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi. Tali teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat jinkludi, fost l-oħrajn, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, it-tfassil ta' profili individwali, u l-assenjazzjoni tal-kompiti. L-użu ta' applikazzjonijiet ibbażati fuq il-kompjuter għall-iskambju ta' messaġġi (bħall-posta elettronika) huwa, fil-prinċipju, meqjus bħala mezz ta' komunikazzjoni u għalhekk ma jimplikax li dawk l-applikazzjonijiet huma minnhom infushom deċiżjonijiet awtomatizzati.*

## Emenda 27

### Proposta għal direttiva Premessa 19

*Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Sabiex jiġġieldu kontra l-impjeg indipendenti falz fix-xogħol fuq il-pjattaformi u jiffaċilitaw id-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjeg, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom proċeduri **xierqa** fis-seħħ biex jipprevjenu u jindirizzaw il-klassifikazzjoni ħażina tal-istatus fl-impjeg tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi. Jenħtieġ li l-għan ta' dawk il-miżuri jkun li tiġi aċċertata l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjeg kif definita mid-dritt nazzjonali, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u, fejn tkun teżisti din ir-relazzjoni ta' impjeg, li tiġi żgurata l-konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema kif ukoll **mal-iġi** nazzjonali tax-xogħol, mal-ftehimiet kollettivi u mar-regoli tal-protezzjoni soċjali. Fejn l-impjeg indipendenti **jew l-**

*Emenda*

(19) **Persuna li twettaq xogħol fuq pjattaforma jaf tkun jew ħaddiem tal-pjattaforma jew persuna ġenwinament b'impjeg indipendenti.** Sabiex jiġġieldu kontra l-impjeg indipendenti falz fix-xogħol fuq il-pjattaformi u jiffaċilitaw id-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjeg, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom proċeduri **effettivi** fis-seħħ biex jipprevjenu u jindirizzaw il-klassifikazzjoni ħażina tal-istatus fl-impjeg tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi. Jenħtieġ li l-għan ta' dawk il-miżuri jkun li **tiġi żgurata d-determinazzjoni tal-istatus ta' impjeg**, tiġi aċċertata l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjeg kif definita mid-dritt nazzjonali **u internazzjonali applikabbli**, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u, fejn tkun teżisti din ir-relazzjoni ta' impjeg, li tiġi żgurata l-

*istatus fl-impjieg intermedju* – kif definit fil-livell nazzjonali – ikun l-istatus fl-impjieg korrett, jenħtieġ li japplikaw id-drittijiet u l-obbligi skont dak l-istatus.

## Emenda 28

### Proposta għal direttiva Premessa 20

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20) Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti stabbiliet kriterji għad-determinazzjoni tal-istatus ta' ħaddiem<sup>62</sup>. Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jenħtieġ li titqies l-interpretazzjoni ta' dawk il-kriterji min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-abbuż tal-istatus tal-persuni b'impjieg indipendenti, kif definit fid-dritt nazzjonali, sew fil-livell nazzjonali jew f'sitwazzjonijiet transfruntiera, huwa forma ta' xogħol iddikjarat b'mod falz li sikwit ikun assoċjat ma' xogħol mhux iddikjarat. L-impjieg indipendenti falz iseħħ meta persuna tkun iddikjarata bħala persuna b'impjieg indipendenti filwaqt li tissodisfa l-kondizzjonijiet li jikkarakterizzaw relazzjoni ta' impjieg, sabiex jiġu evitati ċerti obbligi legali jew fiskali.

---

<sup>62</sup> Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Lulju 1986, Deborah Lawrie-Blum vs Land Baden-Württemberg, C-66/85, ECLI:EU:C:1986:284; l-14 ta' Ottubru 2010, Union Syndicale Solidaires Isère vs Premier ministre u Oħrajn, C-428/09, ECLI:EU:C:2010:612; l-4 ta' Diċembru 2014, FNV Kunsten Informatie en Media

konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema kif ukoll **mal-liġi** nazzjonali tax-xogħol, mal-ftehimiet kollettivi u mar-regoli tal-protezzjoni soċjali. Fejn l-impjieg indipendenti – kif definit fil-livell nazzjonali – ikun l-istatus fl-impjieg korrett, jenħtieġ li japplikaw id-drittijiet u l-obbligi skont dak l-istatus.

#### *Emenda*

(20) Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti stabbiliet kriterji għad-determinazzjoni tal-istatus ta' ħaddiem<sup>62</sup>. Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jenħtieġ li titqies l-interpretazzjoni ta' dawk il-kriterji min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-abbuż tal-istatus tal-persuni b'impjieg indipendenti, kif definit fid-dritt nazzjonali, sew fil-livell nazzjonali jew f'sitwazzjonijiet transfruntiera, huwa forma ta' xogħol iddikjarat b'mod falz li sikwit ikun assoċjat ma' xogħol mhux iddikjarat. L-impjieg indipendenti falz iseħħ meta persuna tkun iddikjarata bħala persuna b'impjieg indipendenti filwaqt li tissodisfa l-kondizzjonijiet li jikkarakterizzaw relazzjoni ta' impjieg, sabiex jiġu evitati ċerti obbligi legali jew fiskali, ***u tinħoloq sitwazzjoni ta' kompetizzjoni inġusta fil-konfront ta' kumpaniji li josservaw il-liġi. Dawn il-persuni jenħtieġ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.***

---

<sup>62</sup> Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Lulju 1986, Deborah Lawrie-Blum vs Land Baden-Württemberg, C-66/85, ECLI:EU:C:1986:284; l-14 ta' Ottubru 2010, Union Syndicale Solidaires Isère vs Premier ministre u Oħrajn, C-428/09, ECLI:EU:C:2010:612; l-4 ta' Diċembru 2014, FNV Kunsten Informatie en Media

vs Staat der Nederlanden, C-413/13, ECLI:EU:C:2014:2411; id-9 ta' Lulju 2015, Ender Balkaya vs Kiesel Abbruch- und Recycling Technik GmbH, C-229/14, ECLI:EU:C:2015:455; is-17 ta' Novembru 2016, Betriebsrat der Ruhrlandklinik gGmbH vs Ruhrlandklinik gGmbH, C-216/15, ECLI:EU:C:2016:883; is-16 ta' Lulju 2020, UX vs Governo della Repubblica italiana, C-658/18, ECLI:EU:C:2020:572; u digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' April 2020, B vs Yodel Delivery Network Ltd, C-692/19, ECLI:EU:C:2020:288.

vs Staat der Nederlanden, C-413/13, ECLI:EU:C:2014:2411; id-9 ta' Lulju 2015, Ender Balkaya vs Kiesel Abbruch- und Recycling Technik GmbH, C-229/14, ECLI:EU:C:2015:455; is-17 ta' Novembru 2016, Betriebsrat der Ruhrlandklinik gGmbH vs Ruhrlandklinik gGmbH, C-216/15, ECLI:EU:C:2016:883; is-16 ta' Lulju 2020, UX vs Governo della Repubblica italiana, C-658/18, ECLI:EU:C:2020:572; u digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' April 2020, B vs Yodel Delivery Network Ltd, C-692/19, ECLI:EU:C:2020:288.

## Emenda 29

### Proposta għal direttiva Premessa 22

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Meta l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjeg tiġi stabbilita abbażi tal-fatti, jenħtieġ li l-parti li **taġixxi** bħala impjegatur **tiġi identifikata** b'mod ċar u **jenħtieġ** li **dik il-parti tissodisfa l-obbligi kollha li jirriżultaw mir-rwol tagħha bħala impjegatur.**

#### *Emenda*

(22) Meta l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjeg tiġi stabbilita abbażi tal-fatti, jenħtieġ li l-parti **jew il-partijiet** li **jaġixxu** bħala impjegatur **jiġu identifikati** b'mod ċar, **jissodisfaw l-obbligi kollha li jirriżultaw mir-rwol tagħhom bħala impjegatur skont id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi nazzjonali jew settorjali applikabbli għas-settur tal-attività, li għandu jiġi determinat mill-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, f'konformità mad-dritt u l-prattika nazzjonali.**

## Emenda 30

### Proposta għal direttiva Premessa 23

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(23) Jenħtieġ li l-iżgurar tad-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjeg ma jipprevjenix it-titjib tal-

#### *Emenda*

(23) Jenħtieġ li l-iżgurar tad-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjeg ma jipprevjenix it-titjib tal-



kondizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni b'impjieġ indipendenti **ġenwin** li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi. **Meta pjattaforma** tax-xogħol **diġitali tiddeċiedi** – fuq **bażi purament volontarja jew bi qbil mal-persuni kkonċernati** – li **tħallas għall-protezzjoni soċjali, għall-assigurazzjoni kontra l-aċċidenti jew forom oħra ta' assigurazzjoni, għall-miżuri ta' taħriġ jew għall-benefiċċji simili għall-persuni** b'impjieġ indipendenti li **jaħdmu permezz ta' dik il-pjattaforma, dawk il-benefiċċji fihom infushom jenħtieġ li ma jitqisux bħala elementi determinanti li jindikaw l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieġ.**

kondizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni **ġenwinament** b'impjieġ indipendenti li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi. **In-negożjar kollettiv huwa għodda kruċjali li permezz tagħha jittejjbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, irrispettivament mid-deżinjazzjoni kuntrattwali tar-relazzjoni u jenħtieġ li jitħeġġeġ mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2022 li tinkludi l-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għal ftehimiet kollettivi rigward il-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni waħedhom b'impjieġ indipendenti tista', għal dan il-għan, isservi bħala gwida utli mingħajr preġudizzju għad-dritt nazzjonali u l-prattika dwar l-ambitu u l-forma tar-rappreżentanza kollettiva dment li dawk il-ftehimiet ikopru lill-persuni ġenwinament b'impjieġ indipendenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw protezzjoni effettiva lill-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, speċjalment il-ħaddiema nisa, kif ukoll il-ħaddiema l-aktar vulnerabbli, iż-żgħażaġh, ħaddiema akbar fl-età, ħaddiema fl-ekonomija informali, ħaddiema migranti u ħaddiema b'diżabilità.**

## Emenda 31

### Proposta għal direttiva Premessa 24

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(24) Meta l-pjattaformi tax-xogħol diġitali **jikkontrollaw** ċerti elementi tal-prestazzjoni tax-xogħol, jaġixxu bħala impjegaturi f'relazzjoni ta' impjieġ. Id-direzzjoni u l-kontroll, jew is-subordinazzjoni **legali**, hija element essenzjali tad-definizzjoni ta' relazzjoni ta' impjieġ fl-Istati Membri u fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

#### *Emenda*

(24) Meta l-pjattaformi tax-xogħol diġitali **jissorveljaw jew jeżerċitaw xi tip ta' kontroll fuq** ċerti elementi tal-prestazzjoni tax-xogħol, **huma** jaġixxu bħala impjegaturi f'relazzjoni ta' impjieġ. Id-direzzjoni u l-kontroll, jew is-subordinazzjoni, hija element essenzjali tad-definizzjoni ta' relazzjoni ta' impjieġ fl-Istati Membri u fil-ġurisprudenza tal-Qorti

Għalhekk, ir-relazzjonijiet kuntrattwali *li fihom il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jeżerċitaw ċertu livell ta' kontroll fuq ċerti elementi tal-prestazzjoni* tax-xogħol jenħtieġ li jitqiesu, *abbażi* ta' preżunzjoni legali, *li huma* relazzjoni ta' impjieg *bejn il-pjattaforma u l-persuna* li *twettaq* xogħol fuq il-pjattaformi *permezz tagħha*. *Għaldaqstant, dik il-persuna jenħtieġ li tiġi kklassifikata bħala ħaddiem li għandu d-drittijiet u l-obbligi kollha f'konformità ma' dak l-istatus, kif stabbilit fid-dritt nazzjonali u tal-Unjoni, fil-ftehimiet kollettivi u fil-prattika*. Jenħtieġ li l-preżunzjoni legali tapplika fil-proċedimenti amministrattivi u legali rilevanti kollha u jenħtieġ li tkun ta' benefiċċju għall-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi. L-awtoritajiet responsabbli għall-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti jew għall-infurzar tagħha, bħall-ispettorati tax-xogħol, il-korpi tal-protezzjoni soċjali jew l-awtoritajiet tat-taxxa, jenħtieġ li *jkunu jistgħu jiddependu fuq dik* il-preżunzjoni *wkoll*. L-Istati Membri jenħtieġ li jimplimentaw qafas nazzjonali biex titnaqqas il-litigazzjoni u tiżdied iċ-ċertezza legali.

tal-Ġustizzja. Għalhekk, ir-relazzjonijiet kuntrattwali *bejn il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u l-pjattaforma* tax-xogħol *diġitali* jenħtieġ li jitqiesu, *permezz* ta' preżunzjoni legali, *bħala* relazzjoni ta' impjieg. *L-awtoritajiet nazzjonali għandhom japplikaw il-preżunzjoni meta jqisu li jista' jkun hemm klassifikazzjoni żbaljata ta' persuni li jwettqu* xogħol fuq il-pjattaformi. *Il-preżunzjoni jenħtieġ li tapplika wkoll meta persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi jew trade union li taġixxi f'isem jew b'appoġġ għal diversi persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jikkontestaw il-klassifikazzjoni tagħhom f'proċedimenti amministrattivi jew legali*. Jenħtieġ li l-preżunzjoni legali tapplika *fil-proċeduri amministrattivi u fil-proċedimenti amministrattivi u legali* rilevanti kollha u jenħtieġ li tkun ta' benefiċċju għall-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi. L-awtoritajiet responsabbli għall-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti jew għall-infurzar tagħha, bħall-ispettorati tax-xogħol, il-korpi tal-protezzjoni soċjali jew l-awtoritajiet tat-taxxa, jenħtieġ li *japplikaw* il-preżunzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jimplimentaw qafas nazzjonali biex titnaqqas il-litigazzjoni u tiżdied iċ-ċertezza legali *li tiżgura l-klassifikazzjoni korretta tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi mill-bidu nett tar-relazzjoni kuntrattwali*. *Il-preżunzjoni legali ta' relazzjoni ta' impjieg jenħtieġ li ma twassalx għal klassifikazzjoni awtomatika tal-persuni kollha li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi bħala ħaddiema, peress li l-pjattaforma dejjem ikollha l-possibbiltà li tirribatti l-preżunzjoni qabel ma tittieħed deċiżjoni ta' riklassifikazzjoni mill-awtorità amministrattiva jew legali kompetenti*. *Jenħtieġ li l-preżunzjoni ma tkoprix sitwazzjonijiet fejn il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jkunu persuni ġenwinament b'impjieg indipendenti*. *Jenħtieġ li l-persuni ġenwinament b'impjieg indipendenti li*



*jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jitħallew jibqgħu hekk u jkunu jistgħu jaċċessaw ix-xogħol permezz tal-pjattaformi. Il-persuni ġenwinament b'impjieġ indipendenti huma huma stess responsabbli fil-konfront tal-klijenti tagħhom għal kif iwettqu xogħolhom u għall-kwalità tal-outputs tagħhom.*

## Emenda 32

### Proposta għal direttiva Premessa 25

*Test propost mill-Kummissjoni*

(25) *Il-kriterji li jindikaw li pjattaforma tax-xogħol diġitali tikkontrolla l-prestazzjoni tax-xogħol jenħtieġ li jiġu inklużi fid-Direttiva sabiex il-preżunzjoni legali ssir operazzjonali u jiġi ffaċilitat l-infurzar tad-drittijiet tal-ħaddiema.* Jenħtieġ li dawk *il-kriterji* jkunu ispirati mill-ġurisprudenza tal-Unjoni u dik nazzjonali *u li* jqisu l-kunċetti nazzjonali tar-relazzjoni ta' impjieġ. *Jenħtieġ li l-kriterji jinkludu elementi konkreti* li juru li l-pjattaforma tax-xogħol diġitali, pereżempju, tiddetermina fil-prattika *u mhux sempliċiment tirrakkomanda* l-kondizzjonijiet tax-xogħol jew il-paga jew it-tnejn li huma, tagħti struzzjonijiet dwar kif għandu jitwettag ix-xogħol *jew* tipprevjeni lill-persuna li twettaq ix-xogħol fuq il-pjattaformi milli tiżviluppa kuntatti ta' negozju ma' klijenti potenzjali. *Sabiex tkun effettiva fil-prattika, jenħtieġ li żewġ kriterji dejjem jiġu ssodisfati biex jiskattaw l-applikazzjoni tal-preżunzjoni. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-kriterji ma jkoprux is-sitwazzjonijiet fejn il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jkunu persuni b'impjieġ indipendenti ġenwin. Il-persuni b'impjieġ indipendenti ġenwin infushom huma responsabbli vis-à-vis il-klijenti tagħhom għal kif iwettqu xogħolhom u għall-kwalità tal-outputs tagħhom.* Il-libertà li wieħed jagħżel is-

*Emenda*

(25) *L-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet kompetenti li, abbażi ta' valutazzjoni oġġettiva, jiddeterminaw il-klassifikazzjoni korretta tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi fir-rigward tal-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieġ kif definita mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika applikabbli fl-Istat Membru inkwistjoni, filwaqt li jqisu l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jenħtieġ li jkunu ggwidati minn elementi fattwali li jindikaw li l-pjattaforma tax-xogħol diġitali teżerċita kontroll u direzzjoni fuq il-prestazzjoni tax-xogħol.* Jenħtieġ li dawk *l-elementi* jkunu ispirati mill-ġurisprudenza tal-Unjoni u dik nazzjonali *kif ukoll mir-Rakkomandazzjoni tal-ILO dwar ir-Relazzjonijiet mal-Impjieġ, 2006 (Nru 198) u* jqisu l-kunċetti nazzjonali tar-relazzjoni ta' impjieġ, *u l-evoluzzjoni kostanti tagħha, anke wara l-evoluzzjoni ta' sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Fost l-elementi konkreti li jistgħu jindikaw li l-pjattaforma tax-xogħol diġitali teżerċita kontroll u direzzjoni fuq il-prestazzjoni tax-xogħol, hemm dawk* li juru li l-pjattaforma tax-xogħol diġitali, pereżempju: tiddetermina fil-prattika l-kondizzjonijiet tax-xogħol jew il-paga jew it-tnejn li huma; *toħroġ pagament*

sigħat tax-xogħol jew il-perjodi ta' assenza, li jirrifjuta l-kompiti, li juża sottokuntratturi jew sostituti jew li jaħdem għal kwalunkwe parti terza hija karatteristika tal-impjieg indipendenti ġenwin. Għalhekk, ir-restrizzjoni de facto ta' dawn id-diskrezzjonijiet b'għadd ta' kondizzjonijiet jew permezz ta' sistema ta' **sanzjonijiet, jenħtieġ li titqies** bħala **element** ta' kontroll **tal-prestazzjoni** tax-xogħol. Jenħtieġ li **s-superviżjoni mill-qrib tal-prestazzjoni tax-xogħol jew il-verifika bir-reqqa** tal-kwalità tar-riżultati ta' dak ix-xogħol, inkluż **b'mezzi** elettroniċi li **ma jikkonsistux sempliċiment fl-użu tar-riżamijiet jew tal-klassifikazzjonijiet mir-riċevituri tas-servizz, titqies ukoll bħala element** ta' kontroll **tal-prestazzjoni** tax-xogħol. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jkunu jistgħu jfasslu l-interfaċċi tekniċi tagħhom b'tali mod li jiżguraw **esperjenza tajba għall-konsumatur. Il-miżuri** jew ir-regoli li huma mitluba bil-liġi **jew li huma meħtieġa biex jiġu ssalvagwardjati s-saħħa u s-sikurezza tar-riċevituri tas-servizz jenħtieġ li** ma **tinftex** bħala **kontroll** tal-prestazzjoni tax-xogħol.

**perjodiku ta' ħlas lill-ħaddiem; tirrikjedi r-rispett tar-regoli fir-rigward tal-apparenza jew l-imġiba;** tagħti struzzjonijiet dwar kif għandu jitwettag ix-xogħol; tipprevjeni lill-persuna li twettaq ix-xogħol fuq il-pjattaformi milli tiżviluppa kuntatti ta' negozju ma' klijenti potenzjali, **inkluż permezz tal-kontroll jew ir-restrizzjoni tal-komunikazzjoni bejn il-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi u r-riċevitur ta' oġġetti jew servizzi matul u wara t-twettiq tax-xogħol; tissorvelja l-prestazzjoni tax-xogħol, inkluż b'mezzi elettroniċi; tintraċċa jew tissorvelja l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi waqt li tkun qed twettaq ix-xogħol; tikkontrolla u torganizza l-attività ta' negozju marbuta max-xogħol fuq il-pjattaformi mwettaq minn individwi jew iżżomm ir-responsabbiltà għall-investment u l-ġestjoni relatati; tipprovd lill-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi b'għodod, mezzi diġitali, materjali jew makkinarju li huma meħtieġa għat-twettiq tax-xogħol; jew tirrestrinġi l-libertà tal-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi li tagħżel il-protezzjoni soċjali, l-assigurazzjoni kontra l-inċidenti, l-iskema tal-pensjoni jew forom oħra ta' assicurazzjoni, inkluż permezz ta' konsegwenzi negattivi. Il-libertà li wieħed jagħżel is-sigħat tax-xogħol jew il-perjodi ta' assenza, li jirrifjuta l-kompiti, li juża sottokuntratturi jew sostituti jew li jaħdem għal kwalunkwe parti terza hija karatteristika tal-impjieg indipendenti ġenwin, **għalkemm mhijiex prova per se.** Għalhekk, ir-restrizzjoni de facto ta' dawn id-diskrezzjonijiet **biex wieħed jorganizza xogħlu, b'mod partikolari d-diskrezzjoni li wieħed jagħżel is-sigħat tax-xogħol jew il-perjodi ta' assenza tiegħu, li jaċċetta jew li jirrifjuta kompiti jew juża sottokuntratturi jew sostituti** b'għadd ta' kondizzjonijiet jew permezz ta' sistema ta' **penali, inkluż ir-restrizzjoni tal-aċċess għax-xogħol, jew l-użu ta' sistemi ta' klassifikazzjoni tal-klijenti** bħala **għodda** ta' kontroll **u bażi****

*għal penali jew bħala għodda għall-  
allokazzjoni tal-assenjazzjonijiet tax-  
xogħol jenħtieġ li **titqies ukoll bħala  
element li jindika l-kontroll u d-direzzjoni  
fuq il-prestazzjoni tax-xogħol. Il-verifika  
tal-kwalità tar-riżultati ta' dak ix-xogħol,  
inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi,  
jenħtieġ li **titqies ukoll bħala element li  
jindika l-kontroll u d-direzzjoni tal-  
prestazzjoni tax-xogħol. Din il-lista  
mhijiex eżawrjenti u kwalunkwe element  
rilevanti ieħor jista' jindika li l-  
pjattaforma tax-xogħol diġitali teżerċita  
kontroll jew direzzjoni fuq il-prestazzjoni  
tax-xogħol. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-  
pjattaformi tax-xogħol diġitali jkunu  
jistgħu jfasslu l-interfaċċi tekniċi tagħhom  
b'tali mod li jiżguraw **li l-miżuri** jew ir-  
regoli li huma mitluba bil-liġi ma  
**jinftehmux** bħala **superviżjoni** tal-  
prestazzjoni tax-xogħol.*****

### Emenda 33

#### Proposta għal direttiva Premessa 26

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(26) L-implimentazzjoni effettiva tal-preżunzjoni legali permezz ta' miżuri xierqa, **bħat-tixrid tal-informazzjoni** lill-pubbliku, l-iżvilupp ta' gwida u **t-tisħiħ** tal-kontrolli **u tal-ispezzjonijiet fuq il-post hija essenzjali biex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u t-trasparenza għall-partijiet kollha involuti.** Jenħtieġ li dawn il-miżuri jqisu s-sitwazzjoni speċifika **tan-negozji ġodda biex jappoġġaw il-potenzjal intraprenditorjali u l-kondizzjonijiet għat-kabbir sostenibbli tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali fl-Unjoni.**

##### *Emenda*

(26) L-implimentazzjoni effettiva tal-preżunzjoni legali permezz ta' miżuri xierqa, **hija essenzjali biex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u t-trasparenza għall-partijiet kollha involuti. Tali miżuri jenħtieġ li jinkludu t-tixrid ta' informazzjoni lill-pubbliku, l-iżvilupp ta' gwida komprensiva fil-forma ta' rakkomandazzjonijiet konkreti u prattiċi, it-tisħiħ tal-kontrolli, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti, il-mekkaniżmi għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u l-pjattaformi tax-xogħol diġitali biex jikkonsultaw lill-awtoritajiet rilevanti u l-ispezzjonijiet fuq il-post.** Jenħtieġ li dawn il-miżuri jqisu s-sitwazzjoni speċifika **tal-SMEs fl-iżvilupp sostenibbli tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali. Fl-interess tal-ġustizzja, il-**

*preżunzjoni legali jenħtieġ li ma jkollhiex bħala konsegwenza li xi pjattaformi tax-xogħol diġitali jinkorporaw impriża b'sottokuntrattar bejn il-pjattaforma u l-persuni li jipprovdu s-servizz sabiex jevitaw l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva. Il-pjattaforma tax-xogħol diġitali li tagħha l-impjegatur huwa sottokuntrattur jenħtieġ li tinżamm responsabbli, flimkien mal-impjegatur jew minflok, għal kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema tal-pjattaforma previsti f'din id-Direttiva, inkluż fir-rigward ta' kwalunkwe remunerazzjoni u kontribuzzjoni pendenti dovuti lill-fondi komuni jew lill-istituzzjonijiet tas-sħab soċjali.*

#### **Emenda 34**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 26a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(26a) Sabiex jiġi żgurat li l-ispezzjonijiet tax-xogħol jitwettqu b'mod effettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom biżżejjed spetturi tax-xogħol, f'konformità mal-Konvenzjoni Nru 81 tal-ILO dwar l-Ispezzjoni tax-Xogħol u r-Rapport III tal-ILO dwar il-95 Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fl-2006, li tirrakkomanda li jkun hemm spettur tax-xogħol wieħed għal kull 10 000 ħaddiem. Jenħtieġ li, kull sena, l-Istati Membri jiddeterminaw mira nazzjonali għall-għadd ta' spezzjonijiet li għandhom jitwettqu fir-rigward tas-setturi ta' attività li fihom joperaw il-pjattaformi tax-xogħol diġitali sabiex tiġi determinata l-klassefikkazzjoni korretta tal-ħaddiema. Ir-riklassifikazzjoni ta' persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi minn persuna b'impjeg indipendenti għal ħaddiem fuq il-pjattaformi jenħtieġ li tiġġenera minnufih spezzjoni tal-awtoritajiet rilevanti sabiex tivverifika malajr l-istatus*

*tal-persuni l-oħra li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi għall-istess pjattaforma tax-xogħol diġitali.*

## Emenda 35

### Proposta għal direttiva Premessa 26b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(26b) Bil-għan li tikber l-effettività tal-ispezzjonijiet għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-dritt nazjonali jipprevedi setgħat adegwati lill-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu l-ispezzjonijiet; li tinġabar u tiġi pproċessata informazzjoni dwar l-impjeg indipendenti falz, inklużi r-riżultati ta' spezzjonijiet preċedenti, għall-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva; u li jkun disponibbli biżżejjed persunal bil-ħiliet u l-kwalifiki meħtieġa biex jagħmlu l-ispezzjonijiet b'mod effettiv. Fid-dawl tal-inċidenza għolja ta' klassifikazzjoni ħażina, l-ispetturi tax-xogħol jenħtieġ li jintalbu jiżviluppaw kontrolli proattivi.*

## Emenda 36

### Proposta għal direttiva Premessa 27

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(27) Fl-interess taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li l-preżunzjoni legali ma jkollha ebda effett legali retroattiv **qabel id-data tat-traspożizzjoni** ta' **din id-Direttiva** u għalhekk jenħtieġ li tapplika biss għall-perjodu li jibda minn dik id-data, inkluż għar-relazzjonijiet kuntrattwali konklużi qabel dik id-data u li għadhom għaddejjin f'dik id-data. Il-pretensjonijiet marbuta

(27) Fl-interess taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li l-preżunzjoni legali ma jkollha ebda effett legali retroattiv **mid-data stabbilita fil-leġiżlazzjoni** ta' **traspożizzjoni** u għalhekk jenħtieġ li tapplika biss għall-perjodu li jibda minn dik id-data, inkluż għar-relazzjonijiet kuntrattwali konklużi qabel dik id-data u li għadhom għaddejjin f'dik id-data. Il-pretensjonijiet marbuta

mal-eżistenza possibbli ta' relazzjoni ta' impjieg qabel dik id-data u d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw sa dik id-data għalhekk jenħtieġ li jiġu vvalutati biss abbażi tad-dritt nazzjonali u tad-dritt tal-Unjoni qabel din id-Direttiva.

## Emenda 37

### Proposta għal direttiva Premessa 28

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(28) Ir-relazzjoni bejn il-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi u pjattaforma tax-xogħol diġitali tista' ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' relazzjoni ta' impjieg skont id-definizzjoni stabbilita mill-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ tal-Istat Membru rispettiv fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, **għalkemm il-pjattaforma tax-xogħol diġitali tikkontrolla l-prestazzjoni tax-xogħol fuq aspekk jew ieħor.** L-Istati Membri **għandhom** jiżguraw il-possibbiltà li tiġi kkonfutata l-preżunzjoni legali fil-proċedimenti legali jew amministrattivi jew fit-tnejn li huma billi jagħtu prova, abbażi tad-definizzjoni msemmija hawn fuq, li r-relazzjoni inkwistjoni mhijiex relazzjoni ta' impjieg. Il-bidla mill-oneru tal-provi għall-pjattaformi tax-xogħol diġitali hija ġġustifikata mill-fatt li dawn għandhom ħarsa ġenerali kompluta tal-elementi fattwali kollha li jiddeterminaw ir-relazzjoni, b'mod partikolari l-algoritmi li permezz tagħhom jiġġestixxu l-operazzjonijiet tagħhom. **Il-proċedimenti legali u l-proċedimenti amministrattivi mibdija mill-pjattaformi tax-xogħol diġitali sabiex tiġi kkonfutata l-preżunzjoni legali** jenħtieġ li ma jkollhomx effett sospensiv fuq **l-applikazzjoni tal-preżunzjoni legali.** Konfutazzjoni b'suċċess tal-preżunzjoni fil-proċedimenti

mal-eżistenza possibbli ta' relazzjoni ta' impjieg qabel dik id-data u d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw sa dik id-data għalhekk jenħtieġ li jiġu vvalutati biss abbażi tad-dritt nazzjonali u tad-dritt tal-Unjoni qabel din id-Direttiva, **u b'mod partikolari abbażi tad-Direttiva (UE) 2019/1152.**

#### *Emenda*

(28) Ir-relazzjoni bejn il-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi u pjattaforma tax-xogħol diġitali tista' ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' relazzjoni ta' impjieg skont id-definizzjoni stabbilita mill-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ tal-Istat Membru rispettiv fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. **Jenħtieġ li** l-Istati Membri jiżguraw il-possibbiltà li, **għal kwalunkwe waħda mill-partijiet,** tiġi kkonfutata l-preżunzjoni legali fil-proċedimenti legali jew amministrattivi jew fit-tnejn li huma billi jagħtu prova, abbażi tad-definizzjoni msemmija hawn fuq, li r-relazzjoni inkwistjoni mhijiex relazzjoni ta' impjieg. Il-bidla mill-oneru tal-provi għall-pjattaformi tax-xogħol diġitali hija ġġustifikata mill-fatt li dawn għandhom ħarsa ġenerali kompluta tal-elementi fattwali kollha li jiddeterminaw ir-relazzjoni, b'mod partikolari l-algoritmi li permezz tagħhom jiġġestixxu l-operazzjonijiet tagħhom. **Meta pjattaforma tax-xogħol diġitali tikkontesta deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja li tiddetermina l-istatus fl-impjieg ta' persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi, il-proċedimenti li jirriżultaw minn din il-konfutazzjoni** jenħtieġ li ma jkollhomx effett sospensiv fuq **dik id-deċiżjoni.** Konfutazzjoni b'suċċess tal-



amministrattivi jenħtieġ li ma tipprekludix l-applikazzjoni tal-preżunzjoni fil-proċeduri ġudizzjarji sussegwenti. Meta l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi li tkun is-suġġett tal-preżunzjoni tfittex li tikkonfuta l-preżunzjoni legali, jenħtieġ li l-pjattaforma tax-xogħol diġitali tintalab tassisti ***lil dik il-persuna***, b'mod partikolari billi ttipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha miżmuma mill-pjattaforma fir-rigward ta' dik il-persuna. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu l-gwida meħtieġa għall-proċeduri biex ***il-preżunzjoni*** legali ***tiġi kkonfutata***.

preżunzjoni fil-proċedimenti amministrattivi jenħtieġ li ma tipprekludix l-applikazzjoni tal-preżunzjoni fil-proċeduri ġudizzjarji sussegwenti. Meta l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi li tkun is-suġġett tal-preżunzjoni tfittex li tikkonfuta l-preżunzjoni legali, jenħtieġ li l-pjattaforma tax-xogħol diġitali tintalab tassisti ***fil-proċedimenti***, b'mod partikolari billi ttipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha miżmuma mill-pjattaforma fir-rigward ta' dik il-persuna. ***Fi ħdan qafas Ewropew komuni***, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu l-gwida meħtieġa għall-proċeduri biex ***tiġi kkonfutata l-preżunzjoni*** legali ***u biex jiġi ppruvat li persuna li twettaq xogħol fuq pjattaforma diġitali ġenwinament taħdem għal rasha. Jenħtieġ li din id-Direttiva tinkludi xi elementi li jindikaw il-kontroll u d-direzzjoni li għandhom jitqiesu fil-proċess tal-konfutazzjoni. Jenħtieġ li dawk il-kriterji jiġu vvalutati regolarment mill-Istati Membri, jiġu rieżaminati u, fejn meħtieġ, ikkomplementati, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali.***

## Emenda 38

### Proposta għal direttiva Premessa 28a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(28a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom dispożizzjonijiet ta' infurzar li jiżguraw l-użu ta' preżunzjonijiet favorevoli f'każijiet ta' klassifikazzjoni ħażina tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi meta jiġu kklassifikati mill-ġdid, inkluż, fejn rilevanti, preżunzjoni li l-ħaddiem tal-pjattaformi jkollu relazzjoni ta' impjeg miftuħa, li ma jkun hemm l-ebda perjodu ta' prova u li l-ħaddiem tal-pjattaformi jkollu pożizzjoni full-time fl-impriża.***

## Emenda 39

### Proposta għal direttiva Premessa 30

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(30) Flimkien mad-drittijiet u l-obbligi previsti f'din id-Direttiva, id-drittijiet u l-obbligi previsti fir-Regolament (UE) 2016/679 ikomplu japplikaw meta d-data personali tiġi pproċessata. L-Artikoli 13, 14 u 15 tar-Regolament (UE) 2016/679 **jitolbu** lill-kontrolluri tad-data jiżguraw it-trasparenza fir-rigward tas-suġġetti tad-data dwar il-ġbir u l-ipproċessar tad-data personali. Barra minn hekk, l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 jipprevedi d-dritt tas-suġġetti tad-data li ma jkunux soġġetti għal deċiżjoni bbażata unikament fuq l-ipproċessar awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta' profili, li jipproduċi effetti legali li jikkonċernaw lilu jew li bl-istess mod jaffettwa lilu b'mod sinifikanti, soġġett għall-eċċezzjonijiet previsti fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu. Dawk l-obbligi japplikaw ukoll għall-pjattaformi tax-xogħol diġitali.

#### *Emenda*

(30) Flimkien mad-drittijiet u l-obbligi previsti f'din id-Direttiva, id-drittijiet u l-obbligi previsti fir-Regolament (UE) 2016/679 ikomplu japplikaw meta d-data personali tiġi pproċessata. **L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679 jipprevedi regoli speċifiċi għall-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali. Meta titqies in-natura intrużiva tal-ipproċessar ta' data bijometrika, speċjalment f'relazzjoni ta' ħidma, l-identifikazzjoni bijometrika qatt ma għandha tkun obligatorja. Jenħtieġ li l-impjegaturi dejjem jiggarrantixxu modi inqas intrużivi biex jintlaħaq l-għan maħsub tal-identifikazzjoni. Il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jenħtieġ li dejjem jiġu offruti mod alternattiv faċilment aċċessibbli, disponibbli liberament u effettiv biex jidentifikaw ruħhom, bħal permezz ta' dokumenti tal-identità, tal-ivvjaġġar jew dokumenti oħra jew verifika fiżika u jenħtieġ li ma jiġu offruti l-ebda inċentiv biex jużaw il-mekkaniżmu tal-identifikazzjoni bijometrika u lanqas ma jsofru minn xi tip ta' konsegwenza negattiva.** L-Artikoli 13, 14 u 15 tar-Regolament (UE) 2016/679 **jirrikjedu** lill-kontrolluri tad-data jiżguraw it-trasparenza fir-rigward tas-suġġetti tad-data dwar il-ġbir u l-ipproċessar **tad-data personali. L-Artikoli 16 sa 21 tar-Regolament (UE) 2016/679 jintroduċu d-drittijiet għar-rettifika, għat-tħassir, għar-restrizzjoni tal-ipproċessar tad-data, għall-portabbiltà tad-data u għall-oġġezzjoni għall-ipproċessar** tad-data personali. Barra minn hekk, l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 jipprevedi d-dritt tas-suġġetti tad-data li ma jkunux soġġetti għal deċiżjoni bbażata unikament fuq l-ipproċessar awtomatizzat,



inkluż it-tfassil ta' profili, li jipproduċi effetti legali li jikkonċernaw lilu jew li bl-istess mod jaffettwa lilu b'mod sinifikanti, soġġett għall-eċċezzjonijiet previsti fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu. . ***Għalhekk, skont id-dritt tal-Unjoni, il-ġestjoni algoritmika li tinvolvi teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati li għandu effetti sinifikanti fuq individwi mingħajr input minn manijers umani hija illegali. L-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 jagħti l-mandat lill-kontrollur tad-data biex jimplimenta miżuri adatti biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet u l-libertajiet u l-interessi leġittimi tas-suġġett tad-data, mill-inqas id-dritt li jikseb intervent uman min-naħa tal-kontrollur, li jesprimi l-fehma tiegħu u li jikkontesta d-deċiżjoni.*** Dawk id-drittijiet u l-obbligi japplikaw ukoll għall-pjattaformi tax-xogħol diġitali ***kif ukoll għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi.***

## **Emenda 40**

### **Proposta għal direttiva Premessa 30a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(30a) L-użu ta' sistemi ta' skedar algoritmiku jżid l-użu ta' xiftijiet prekarji, qosra u skedi instabbli u imprevedibbli<sup>1a</sup>. Id-direzzjoni, l-evalwazzjoni u d-dixxiplina algoritmiċi jintensifikaw l-isforz tax-xogħol billi jżidu l-monitoraġġ, iżidu l-pass meħtieġ mill-ħaddiema, jimminimizzaw il-lakuni fil-fluss tax-xogħol, u jestendu l-attività tax-xogħol lil hinn mill-post tax-xogħol u s-siġhat tax-xogħol konvenzjonali. L-użu ta' algoritmi mhux trasparenti biex jittieħdu deċiżjonijiet manijerjali joħloq sens ta' nuqqas ta' sigurtà fost il-ħaddiema u jista' jwassal għal trattament inġust u ċ-ċaħda ta' proċess ġust proċedurali fuq il-post tax-xogħol. It-tagħlim limitat fuq il-post***

*tax-xogħol u l-influwenza fuq il-kompiti minħabba l-użu ta' algoritmi mhux trasparenti, l-intensifikazzjoni tax-xogħol u n-nuqqas ta' sigurtà enfasizzati hawn fuq x'aktarx li jżidu l-istress u l-ansjetà tal-forza tax-xogħol u jkunu ta' ħsara għall-benesseri u s-saħħa kif ukoll għad-dinjità tal-bniedem u drittijiet fundamentali oħra.*

---

*Ia"Algorithmic Management Consequences for Work Organisation and Working Conditions" (Konsegwenzi tal-Ġestjoni Algoritmika għall-Organizzazzjoni tax-Xogħol u l-Kondizzjonijiet tax-Xogħol), Ċentru Konġunt tar-Riċerka, Kummissjoni Ewropea (Sevilja, Spanja)*

## Emenda 41

### Proposta għal direttiva Premessa 31

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(31) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 13, 14, 15 u 22 tar-Regolament (UE) 2016/679, għajr l-Artikoli 13(2)(f), 14(2)(g) u 15(1)(h) tiegħu, li fir-rigward tagħhom l-Artikolu 6 ta' din id-Direttiva jipprevedi regoli aktar speċifiċi fil-kuntest tax-xogħol fuq il-pjattaformi, inkluż biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tal-impjegati skont it-tifsira tal-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) 2016/679.

#### *Emenda*

(31) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 13, 14, 15 u 22 tar-Regolament (UE) 2016/679, għajr l-Artikoli 13(2)(f), 14(2)(g) u 15(1)(h) tiegħu, li fir-rigward tagħhom l-Artikolu 6 ta' din id-Direttiva jipprevedi regoli aktar speċifiċi fil-kuntest tax-xogħol fuq il-pjattaformi, inkluż biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tal-impjegati skont it-tifsira tal-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) 2016/679, **li jippermetti regoli aktar speċifiċi biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tal-impjegati fil-kuntest tal-impjieg, b'mod partikolari għall-finijiet tar-reklutaġġ, it-twettiq tal-kuntratt ta' impjieg, inkluż it-twettiq tal-obbligi stabbiliti bil-liġi jew bi ftehimiet kollettivi, il-ġestjoni, l-ippjanar u l-organizzazzjoni**

*tax-xogħol, l-ugwaljanza, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u d-diversità fuq il-post tax-xogħol, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, il-protezzjoni tal-proprjetà tal-impjegatur jew tal-klijent u għall-finijiet tal-eżerċizzju u t-tgawdija, fuq bażi individwali jew kollettiva, tad-drittijiet u l-benefiċċji relatati mal-impjeg, u għall-fini tat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjeg. L-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) 2016/679 jippermetti regoli aktar speċifiċi fil-kuntest tal-impjeg. Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri speċifiċi fil-kuntest tax-xogħol fuq il-pjattaformi biex jissalvagwardjaw id-dinjità tal-bniedem, l-interessi leġittimi u d-drittijiet fundamentali tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasparenza tal-ipproċessar, it-trasferiment ta' data personali fi grupp ta' impriżi, jew grupp ta' intrapriżi involuti f'attività ekonomika konġunta u s-sistemi ta' monitoraġġ fil-post tax-xogħol. Sabiex jiġi żgurat il-bilanċ tas-setgħa fit-trasparenza tal-algoritmi kif ukoll fir-relazzjonijiet ta' impjeg, il-kunsens infurmat tal-ħaddiem ma għandux jissostitwixxi l-obbligi tal-impriżi fir-rigward tal-protezzjoni tad-data kif previst f'din id-Direttiva.*

## Emenda 42

### Proposta għal direttiva Premessa 32

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(32) Jenħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jkunu soġġetti għall-obbligi ta' trasparenza fir-rigward tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jintużaw biex jimmonitorjaw, jissorveljaw jew jevalwaw il-prestazzjoni tax-xogħol b'mezzi elettroniċi; u s-sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jintużaw biex

#### *Emenda*

(32) Jenħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jkunu soġġetti għall-obbligi ta' trasparenza fir-rigward tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jintużaw biex jimmonitorjaw, jissorveljaw jew jevalwaw il-prestazzjoni tax-xogħol b'mezzi elettroniċi, **jew biex jimmonitorjaw lill-persuni li jwettqu xogħol fuq il-**

jittieħdu d-deċiżjonijiet li jaffettwaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol b'mod sinifikanti jew li jappoġġawhom, inkluż l-aċċess tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi għall-inkarigi tax-xogħol, għall-qligħ tagħhom, għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tagħhom, għall-ħin tax-xogħol tagħhom, għall-promozzjoni u għall-istatus kuntrattwali tagħhom, inkluż ir-restrizzjoni, is-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-kont tagħhom. Flimkien ma' dak li huwa previst fir-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li l-informazzjoni li **tikkonċerna** lil dawn is-sistemi tiġi pprovduta wkoll meta d-deċiżjonijiet ma jkunux ibbażati biss fuq l-ipproċessar awtomatizzat, sakemm dawn ikunu appoġġati mis-sistemi awtomatizzati. Jenħtieġ li jiġi speċifikat ukoll liema tip ta' informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta lill-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi fir-rigward ta' dawn is-sistemi awtomatizzati, kif ukoll f'liema forma u meta jenħtieġ li tiġi pprovduta. L-obbligu tal-kontrollur skont l-Artikoli 13, 14 u 15 tar-Regolament (UE) 2016/679 li jipprovdi lis-suġġett tad-data b'ċerta informazzjoni marbuta mal-ipproċessar tad-data personali li tikkonċerna lis-suġġett tad-data kif ukoll b'aċċess għal din id-data jenħtieġ li jkompli japplika fil-kuntest tax-xogħol fuq il-pjattaformi. Jenħtieġ li l-informazzjoni dwar is-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet tiġi pprovduta wkoll lir-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi **u** lill-awtoritajiet nazzjonali tax-xogħol **fuq talba tagħhom**, sabiex tippermettilhom jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom.

**pjattaformi**; u s-sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jintużaw biex jittieħdu d-deċiżjonijiet li jaffettwaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol b'mod sinifikanti jew li jappoġġawhom, inkluż l-aċċess tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi għall-inkarigi tax-xogħol, għall-qligħ tagħhom, għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tagħhom, għall-ħin tax-xogħol tagħhom, għall-promozzjoni, **għall-intitolamenti tal-protezzjoni soċjali tagħhom** u għall-istatus kuntrattwali tagħhom, inkluż ir-restrizzjoni, is-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-kont tagħhom. Flimkien ma' dak li huwa previst fir-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li l-informazzjoni **u l-konsultazzjoni** li **jikkonċernaw** lil dawn is-sistemi tiġi pprovduta wkoll meta d-deċiżjonijiet ma jkunux ibbażati biss fuq l-ipproċessar awtomatizzat, sakemm dawn ikunu appoġġati mis-sistemi awtomatizzati. Jenħtieġ li jiġi speċifikat ukoll liema tip ta' informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta lill-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi fir-rigward ta' dawn is-sistemi awtomatizzati, kif ukoll f'liema forma u meta jenħtieġ li tiġi pprovduta. L-obbligu tal-kontrollur skont l-Artikoli 13, 14 u 15 tar-Regolament (UE) 2016/679 li jipprovdi lis-suġġett tad-data b'ċerta informazzjoni marbuta mal-ipproċessar tad-data personali li tikkonċerna lis-suġġett tad-data kif ukoll b'aċċess għal din id-data jenħtieġ li jkompli japplika fil-kuntest tax-xogħol fuq il-pjattaformi. Jenħtieġ li l-informazzjoni dwar is-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet tiġi pprovduta wkoll lir-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, lill-awtoritajiet nazzjonali tax-xogħol **u lill-awtoritajiet superviżorji kompetenti**, sabiex tippermettilhom jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom, **kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti fuq talba tagħhom. Il-ħaddiema individwali tal-pjattaformi jenħtieġ li jirċievu dik l-informazzjoni f'forma konċiża, sempliċi u li tinftiehem, sa fejn is-sistemi u l-karatteristiċi**

*tagħhom jaffettwaw direttament lilhom u lill-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, sabiex ikunu infurmati b'mod effettiv. Peress li hija meħtieġa informazzjoni aktar dettaljata għal trasparenza sħiħa, għal konsultazzjoni u negozjati effettivi bejn il-partijiet u għall-infurzar, jenħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jipprovdu wkoll rapport dettaljat u robust li jkun fih dik l-informazzjoni għall-ħaddiema tal-pjattaformi, ir-rappreżentanti tagħhom u l-awtoritajiet kompetenti.*

#### **Emenda 43**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 32a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(32a) Ċerti deċiżjonijiet, bħal dawk li għandhom impatt fuq is-saħħa u s-sikurezza u fuq ir-relazzjoni kuntrattwali jew li jintroduċu bidliet fir-relazzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll deċiżjonijiet biex jiġu applikati miżuri dixxiplinari, jew li jirrestrinġu, jissospendu jew itemmu r-relazzjoni kuntrattwali u l-kont tal-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi, jew kwalunkwe deċiżjoni ta' detriment ekwivalenti, jenħtieġ li dejjem jittieħdu mill-bnedmin u mhux minn sistemi awtomatizzati. Meta jitqies l-impatt ta' tali deċiżjonijiet fuq il-ħaddiema, inkluż l-għajxien u d-drittijiet fundamentali tagħhom, fosthom id-drittijiet soċjali, jenħtieġ li dejjem ikun hemm bniedem responsabbli minn dawn id-deċiżjonijiet.*

#### **Emenda 44**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 32b (ġdida)**

**(32b) Xi tipi ta' pproċessar ta' data fi pjattaformi tax-xogħol diġitali jistgħu jirriżultaw f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tal-ħaddiema. L-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 jistabbilixxi li l-kontrollur, qabel l-iproċessar, iwettaq valutazzjoni tal-impatt tal-operazzjonijiet ta' pproċessar previsti fuq il-protezzjoni tad-data personali. Jiddisponi wkoll li l-kontrollur, fejn xieraq, għandu jfittex il-fehmiet tas-suġġetti tad-data jew tar-rappreżentanti tagħhom dwar l-iproċessar maħsub, mingħajr preġudizzju għall-informazzjoni mgħoddija fuq bażi kunfidenzjali. Dik il-konsultazzjoni jenħtieġ li titwettaq b'mod xieraq u b'kontenut xieraq sabiex tippermetti, b'mod partikolari, lir-rappreżentanti tal-ħaddiema jwettqu studju adegwat u, fejn meħtieġ, iħejju għall-konsultazzjoni. Qabel kull darba li tiġi mnedija sistema ta' monitoraġġ awtomatizzata jew sistema li tieħu jew tassisti fit-teħid ta' deċiżjonijiet u qabel kwalunkwe bidla li taffettwa l-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol jew il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tax-xogħol, jenħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jwettqu valutazzjoni tal-impatt tas-sistema fuq il-protezzjoni tad-data.**

## Emenda 45

### Proposta għal direttiva Premessa 33

(33) Jenħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali **ma jintalbu jikxfu** il-funzjonament dettaljat tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom, inkluż l-algoritmi, **jew data dettaljata oħra li tinkludi sigrieti**

(33) Jenħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali **jintalbu jiżvelaw** il-funzjonament dettaljat tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom, inkluż l-algoritmi, **li jistgħu jaffettwaw id-drittijiet koperti minn din id-**

*kummerċjali jew li hija protetta mid-drittijiet ta' proprjetà intellettwali. Madankollu, ir-riżultat ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet jenħtieġ li ma jkunx riffut li tiġi pprovduta l-informazzjoni kollha mitluba minn din id-Direttiva.*

*Direttiva. Jenħtieġ li l-informazzjoni trażmessa bħala kunfidenzjali lir-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u lil kwalunkwe espert li jgħinhom ma tiġġustifikax ir-riffut li tiġi pprovduta l-informazzjoni kollha meħtieġa minn din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeterminaw lista ta' kriterji oġġettivi biex jiddeterminaw in-natura kunfidenzjali ta' dik l-informazzjoni li r-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u kwalunkwe espert ma jkunux awtorizzati jiżvelaw, kif espressament ipprovdut lilhom b'mod kunfidenzjali.*

## **Emenda 46**

### **Proposta għal direttiva Premessa 34a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(34a) Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jenħtieġ li fl-ebda ċirkostanza ma jippermettu prattiki diskriminatorji fl-ipproċessar tad-data personali. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jenħtieġ li jiżguraw għodod għar-rappreżentanti tal-ħaddiema u għall-ħaddiema biex jiffaċilitaw portabbiltà tad-data effettiva u li tinqara minn magna li tkun mingħajr ħlas sabiex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva u skont ir-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari d-drittijiet skont il-Kapitolu 3 ta' dak ir-Regolament. Il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jenħtieġ li jkollhom id-dritt kemm li jittrasferixxu kif ukoll li ma jittrasferixxux data peress li dan jista' jipperikolahom, pereżempju fir-rigward ta' data dwar ir-reputazzjoni.*

## **Emenda 47**



**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 35**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(35) Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jagħmlu użu estensiv mis-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-ġestjoni tar-riżorsi umani tagħhom. Il-monitoraġġ b'mezzi elettroniċi jista' jkun intrużiv u d-deċiżjonijiet meħuda minn dawn is-sistemi jew appoġġati minnhom jaffettwaw direttament lill-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, li jista' ma jkollhomx kuntatt dirett ma' maniġer jew ma' superviżur uman. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għalhekk **jenħtieġ li jimmonitorjaw** u jevalwaw **b'mod regolari** l-impatt **tad-deċiżjonijiet** individwali meħuda **mis-sistemi** awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet **dwar** il-kondizzjonijiet tax-xogħol **jew appoġġati minnhom**. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali **għandhom** jiżguraw biżżejjed riżorsi umani għal dan il-fini. Il-persuni inkarigati bil-funzjoni **tal-monitoraġġ** mill-pjattaforma tax-xogħol diġitali jenħtieġ li jkollhom il-kompetenza, it-taħriġ u l-awtorità meħtieġa biex jeżerċitaw dik il-funzjoni u jenħtieġ li jkunu protetti mis-sensja, minn miżuri dixxiplinarji jew minn kwalunkwe trattament negattiv ieħor għat-tħassir tad-deċiżjonijiet awtomatizzati jew għas-suġġerimenti għad-deċiżjonijiet. Flimkien mal-obbligi skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Artikolu 7(1) u (3) ta' din id-Direttiva jipprevedi l-obbligi distinti tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali b'rabta mal-monitoraġġ mill-bniedem tal-impatt tad-deċiżjonijiet individwali meħuda mis-sistemi awtomatizzati jew appoġġati minnhom, li japplikaw bħala regoli speċifiċi fil-kuntest tax-xogħol fuq il-pjattaformi, inkluż biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tal-impjegati skont it-tifsira tal-Artikolu 88 tar-Regolament (UE)

*Emenda*

(35) Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jagħmlu użu estensiv mis-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-ġestjoni tar-riżorsi umani tagħhom. Il-monitoraġġ b'mezzi elettroniċi jista' jkun intrużiv u d-deċiżjonijiet meħuda minn dawn is-sistemi jew appoġġati minnhom jaffettwaw direttament lill-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, li jista' ma jkollhomx kuntatt dirett ma' maniġer jew ma' superviżur uman. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali **jenħtieġ** għalhekk **li jiżguraw is-sorveljanza mill-bniedem** u jevalwaw, **flimkien mar-rappreżentanti tal-ħaddiema**, l-impatt **ta' deċiżjonijiet** individwali meħuda **jew appoġġati minn sistemi** awtomatizzati **jew semiawtomatizzati** ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet **fuq** il-kondizzjonijiet tax-xogħol **u fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-ħaddiema, inkluż id-dinjità tal-bniedem, is-saħħa u s-sikurezza tagħhom**. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali **jenħtieġ li** jiżguraw biżżejjed riżorsi umani għal dan il-fini. Il-persuni inkarigati bil-funzjoni **tas-sorveljanza** mill-pjattaforma tax-xogħol diġitali jenħtieġ li jkollhom il-kompetenza, it-taħriġ u l-awtorità meħtieġa biex jeżerċitaw dik il-funzjoni u jenħtieġ li jkunu protetti mis-sensja, minn miżuri dixxiplinarji jew minn kwalunkwe trattament negattiv ieħor għat-tħassir tad-deċiżjonijiet awtomatizzati jew għas-suġġerimenti għad-deċiżjonijiet. Flimkien mal-obbligi skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Artikolu 7(1) u (3) ta' din id-Direttiva jipprevedi l-obbligi distinti tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali b'rabta mal-monitoraġġ mill-bniedem tal-impatt tad-deċiżjonijiet individwali meħuda mis-sistemi awtomatizzati jew appoġġati minnhom, li japplikaw bħala regoli speċifiċi fil-kuntest tax-xogħol fuq il-pjattaformi, inkluż biex

2016/679.

tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tal-impjegati skont it-tifsira tal-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) 2016/679.

## Emenda 48

### Proposta għal direttiva Premessa 36a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(36a) Il-persuni inkarigati mir-rieżami tad-deċiżjonijiet li jaffettwaw b'mod sinifikanti lill-kondizzjonijiet tax-xogħol jenħtieġ li jkunu involuti fil-kontroll tar-rakkomandazzjoni tas-sistema u jenħtieġ li ma japplikawx b'mod regolari r-rakkomandazzjoni awtomatizzata għal individwu. Jenħtieġ li l-involviment tar-rieżaminaturi jkun attiv u mhux sempliċement ġest simboliku. Jenħtieġ li jkollhom influwenza konkreta reali fuq id-deċiżjoni, inkluż l-awtorità u l-kompetenza li jiċħduha, jirrevokawha u jissostitwixxuha. Jenħtieġ li r-rieżaminaturi jiżnu u jinterpretaw ir-rakkomandazzjoni, jikkunsidraw id-data tal-input kollha disponibbli, u jqisu wkoll fatturi addizzjonali oħra sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi kif ukoll is-saħħa u s-sikurezza tagħhom.**

## Emenda 49

### Proposta għal direttiva Premessa 37

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(37) F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jkollhom id-dritt li jiksbu spjegazzjoni mill-pjattaforma tax-xogħol diġitali għal

(37) F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jkollhom id-dritt li jiksbu **rieżami mill-bniedem u** spjegazzjoni mill-pjattaforma

deċiżjoni, nuqqas ta' deċiżjoni jew sett ta' deċiżjonijiet meħuda mis-sistemi awtomatizzati **jew appoġġati minnhom** li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Għal dak il-fini jenħtieġ li l-pjattaforma tax-xogħol diġitali tipprovdi lhom il-possibbiltà li jiddiskutu u jiċċaraw il-fatti, iċ-ċirkostanzi u r-raġunijiet għal dawn id-deċiżjonijiet ma' persuna ta' kuntatt umana fuq il-pjattaforma tax-xogħol diġitali. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-pjattaforma tax-xogħol diġitali jipprovdu lill-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaforma **b'dikjarazzjoni** bil-miktub tar-raġunijiet għal kwalunkwe deċiżjoni li tirrestrinġi, tissospendi jew ittemm il-kont ta' dik il-persuna, li tirrifjuta r-remunerazzjoni għax-xogħol imwettaq minn dik il-persuna, jew li taffettwa l-istatus kuntrattwali tagħha, peress li dawn id-deċiżjonijiet aktarx ikollhom effetti negattivi sinifikanti fuq il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaforma, b'mod partikolari fuq il-qligħ potenzjali tagħhom. Fejn l-ispjegazzjoni jew ir-raġunijiet miksuba ma jkunux sodisfaċenti jew fejn il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaforma jqisu d-drittijiet tagħhom miksuba, jenħtieġ li huma jkollhom ukoll id-dritt li jitolbu lill-pjattaforma tax-xogħol diġitali biex tirrieżamina d-deċiżjoni u biex jirċievu tweġiba sostanzjata **f'perjodu ta' żmien raġonevoli**. Meta dawn id-deċiżjonijiet jiksru d-drittijiet ta' dawk il-persuni, bħad-drittijiet tax-xogħol jew id-dritt għan-nondiskriminazzjoni, jenħtieġ li l-pjattaforma tax-xogħol diġitali tirrettifika dawn id-deċiżjonijiet mingħajr dewmien jew, meta dak ma jkunx possibbli, tipprovdi kumpens adegwat.

tax-xogħol diġitali għal deċiżjoni, nuqqas ta' deċiżjoni jew sett ta' deċiżjonijiet meħuda mis-sistemi awtomatizzati li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom **mal-ewwel opportunità u sa mhux aktar tard mid-data meta dawn id-deċiżjonijiet jidħlu fis-seħħ**. Għal dak il-fini jenħtieġ li l-pjattaforma tax-xogħol diġitali tipprovdi lhom il-possibbiltà li jiddiskutu u jiċċaraw il-fatti, iċ-ċirkostanzi u r-raġunijiet għal dawn id-deċiżjonijiet ma' persuna ta' kuntatt umana fuq il-pjattaforma tax-xogħol diġitali. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-pjattaforma tax-xogħol diġitali jipprovdu lill-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaforma **dikjarazzjoni** bil-miktub tar-raġunijiet għal kwalunkwe deċiżjoni li **tirrestrinġi aċċess għal inkarigi**, tirrestrinġi, tissospendi jew ittemm il-kont ta' dik il-persuna, li **tiċħad ix-xogħol u** tirrifjuta r-remunerazzjoni għax-xogħol imwettaq minn dik il-persuna, jew li taffettwa l-istatus kuntrattwali tagħha **mal-ewwel opportunità u mhux aktar tard mid-data meta dawn id-deċiżjonijiet jidħlu fis-seħħ**, peress li dawn id-deċiżjonijiet aktarx ikollhom effetti negattivi sinifikanti fuq il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaforma, b'mod partikolari fuq il-qligħ potenzjali tagħhom. **Id-dikjarazzjoni bil-miktub tista' tiġi pprovdata u trażmessa fuq karta jew f'forma elettronika, dment li tkun aċċessibbli għall-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaforma, li tkun tista' tinħażen u tiġi stampata, u li l-pjattaforma żżomm prova ta' trażmissjoni jew riċevuta**. Fejn l-ispjegazzjoni jew ir-raġunijiet miksuba ma jkunux sodisfaċenti jew fejn il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaforma jqisu **li ġew iddiskriminati jew li** d-drittijiet tagħhom **ġew** miksuba, jenħtieġ li huma jkollhom ukoll id-dritt li jitolbu lill-pjattaforma tax-xogħol diġitali biex tirrieżamina d-deċiżjoni u biex jirċievu tweġiba sostanzjata **mingħajr dewmien mhux dovut u fi kwalunkwe każ, fi żmien ġimagħtejn minn meta tasal it-talba, jew xahar f'każ ta' intrapriżi mikro,**

*żgħar jew ta' daqs medju.* Meta dawn id-deċiżjonijiet jiksru d-drittijiet ta' dawk il-persuni, bħad-drittijiet ***u l-libertajiet fundamentali, id-drittijiet*** tax-xogħol jew id-dritt għan-nondiskriminazzjoni, jenħtieġ li l-pjattaforma tax-xogħol diġitali tirrettifika dawn id-deċiżjonijiet mingħajr dewmien jew, meta dak ma jkunx possibbli, tipprovdi kumpens adegwat.

## Emenda 50

### Proposta għal direttiva Premessa 38

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(38) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE<sup>63</sup> tintroduċi miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, inkluż l-obbligu tal-impjegaturi li jivvalutaw ir-riskji tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Peress li s-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet potenzjalment għandhom impatt sinifikanti fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, jenħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali ***jevalwaw*** dawk ir-riskji, jivvalutaw jekk is-salvagwardji tas-sistemi humiex xierqa biex jindirizzaw dawk ir-riskji u jieħdu miżuri preventivi u ***protettivi***.

#### *Emenda*

(38) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE<sup>63</sup> tintroduċi miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, inkluż l-obbligu tal-impjegaturi li jivvalutaw ir-riskji tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Peress li s-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet potenzjalment għandhom impatt sinifikanti fuq ***is-sikurezza tal-ħaddiema u fuq*** is-saħħa fiżika u mentali tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, jenħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali ***jevitaw*** dawk ir-riskji, ***jevalwaw u jiġġieldu r-riskji li ma jistgħux jiġu evitati, jiġġieldu r-riskji f'ras il-għajn***, jivvalutaw jekk is-salvagwardji tas-sistemi humiex xierqa biex jindirizzaw dawk ir-riskji u jieħdu miżuri preventivi, ***protettivi u korrettivi. F'dan il-kuntest huwa rilevanti b'mod partikolari l-obbligu tal-impjegatur li jadatta x-xogħol għall-individwu, speċjalment fir-rigward tad-disinn tal-postijiet tax-xogħol, l-għażla tat-tagħmir tax-xogħol u l-għażla tal-metodi tax-xogħol u tal-produzzjoni, bil-ħsieb, b'mod partikolari, li jtaffi x-xogħol monotonu u x-xogħol b'rata ta' xogħol predeterminata u li jnaqqas il-konsegwenzi tagħhom minn fuq is-saħħa. Din id-Direttiva tirrikjedi li l-impjegaturi jikkonsultaw***

*mal-ħaddiema u mar-rappreżentanti tal-ħaddiema u jħalluhom jieħdu sehem fid-diskussjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mas-sikurezza u mas-saħħa fuq ix-xogħol. B'mod partikolari, l-ippjanar u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda jenħtieġ li jkunu soġġetti għal konsultazzjoni mal-ħaddiema u mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, fir-rigward tal-konsegwenzi tal-għażla tat-tagħmir, il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-ambjent tax-xogħol għas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema. Dan jippresupponi l-konsultazzjoni tal-ħaddiema, id-dritt tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tal-ħaddiema li jagħmlu proposti u parteċipazzjoni bbilanċjata f'konformità ma' din id-Direttiva kif ukoll mad-dritt u l-prattika nazzjonali. Barra minn hekk, l-impjegatur jenħtieġ li jiżgura li kull ħaddiem jirċievi taħriġ adegwat dwar is-sikurezza u s-saħħa, b'mod partikolari fil-forma ta' informazzjoni u struzzjonijiet speċifiċi għall-istazzjon tax-xogħol jew l-impjeg tiegħu fil-każ tal-introduzzjoni ta' kwalunkwe teknoloġija ġdida.*

---

<sup>63</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (OJ L 183, 29.6.1989, p. 1).

---

<sup>63</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (OJ L 183, 29.6.1989, p. 1).

## **Emenda 51**

### **Proposta għal direttiva Premessa 38a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(38a) Jenħtieġ li, tal-inqas darba fis-sena, il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jwettqu valutazzjoni tal-impatt tad-deċiżjonijiet individwali meħuda jew***

*appoġġati minn sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet fuq il-kondizzjonijiet tax-xogħol, is-saħħa u s-sikurezza u d-drittijiet fundamentali u jinkludu miżuri biex jiġġieldu kwalunkwe impatt fuq id-drittijiet fundamentali u s-saħħa u s-sikurezza, inkluż is-saħħa mentali. Meta l-impatti possibbli fuq id-drittijiet fundamentali, is-saħħa u s-sikurezza, inkluż is-saħħa mentali, ma jkunux jistgħu jittaffew, jenħtieġ li s-sistemi ma jibdewx jintużaw.*

## Emenda 52

### Proposta għal direttiva Premessa 38b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(38b) Ix-xogħol fuq il-pjattaformi, b'mod partikolari x-xogħol fuq il-pjattaformi online, joħloq firxa ta' riskji kemm preżistenti kif ukoll ġodda tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, kemm fiżiċi kif ukoll psikosoċjali. Barra minn hekk, il-persuni li jaħdmu permezz tal-pjattaformi huma esposti għal riskji partikolari għas-saħħa u s-sikurezza. Huma normalment jirċievu ftit taħriġ jew ebda, u jkollhom prospetti baxxi ta' avvanz fil-karriera<sup>1a</sup>. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jenħtieġ li bl-ebda mod ma jużaw sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jpoġġu pressjoni żejda fuq persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jew inkella jpoġġu f'riskju s-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema tal-pjattaformi, pereżempju permezz tal-użu ta' inċentivi, bħal bonusijiet eċċezzjonali, jew Prattiki punittivi, bħal klassifikazzjonijiet li jħallu impatt fuq il-ħin tax-xogħol u li jwasslu għall-assenjazzjoni ta' inqas xogħol. Jenħtieġ li jiżguraw li s-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet jevitaw kwalunkwe deċiżjoni diskriminatorja potenzjali*



*maħruġa abbażi ta' preġudizzji jew prattiki eżistenti.*

---

*1a "Protecting Workers in EU Platform Economy" (Il-Protezzjoni tal-Ħaddiema fl-Ekonomija tal-Pjattaformi tal-UE), EU OSHA 2017, p. 28.*

## Emenda 53

### Proposta għal direttiva Premessa 39

*Test propost mill-Kummissjoni*

(39) Id-Direttiva 2002/14/KE **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**<sup>64</sup> tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fl-Unjoni. L-introduzzjoni tal-użu tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew bidliet sostanzjali fihom mill-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom impatti diretti fuq l-organizzazzjoni tax-xogħol u fuq il-kondizzjonijiet tax-xogħol individwali tal-ħaddiema tal-pjattaformi. Huma meħtieġa miżuri addizzjonali biex jiġi żgurat li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jinfurmaw u jikkonsultaw **mal-ħaddiema tal-pjattaformi jew** mar-rappreżentanti **tagħhom** qabel ma jittieħdu dawn id-deċiżjonijiet, fil-livell xieraq u, minħabba l-kumplessità teknika tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika, bl-ġhajnuna ta' espert magħżul **mill-ħaddiema tal-pjattaformi jew** mir-rappreżentanti **tagħhom** b'mod ikkoordinat fejn meħtieġ.

*Emenda*

(39) Id-Direttiva 2002/14/KE tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fl-Unjoni. L-introduzzjoni tal-użu tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew bidliet sostanzjali fihom mill-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom impatti diretti fuq l-organizzazzjoni tax-xogħol u fuq il-kondizzjonijiet tax-xogħol individwali tal-ħaddiema tal-pjattaformi. Huma meħtieġa miżuri addizzjonali biex jiġi żgurat li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jinfurmaw u jikkonsultaw **b'mod effettiv** mar-rappreżentanti **tal-ħaddiema in bona fide** qabel ma jittieħdu dawn id-deċiżjonijiet, fil-livell xieraq u, minħabba l-kumplessità teknika tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika, **meta jkun f'waqtu sabiex ikunu jistgħu jsiru konsultazzjonijiet effettivi u** bl-ġhajnuna ta' espert magħżul mir-rappreżentanti **tal-ħaddiema** b'mod ikkoordinat fejn meħtieġ. **F'konformità mad-Direttiva 2002/14/KE, dawk id-dispożizzjonijiet huma maħsuba biex irawmu djalogu soċjali effettiv dwar dawn il-karatteristiċi u, minħabba li s-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet għandhom impatt dirett fuq il-kondizzjonijiet tax-xogħol, dawn jenħtieġ li jkunu soġġetti għal**



*negozjar kollettiv.*

---

<sup>64</sup> *Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).*

#### **Emenda 54**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 39a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(39a) Fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha tal-2021 għall-Ekonomija Soċjali, il-Kummissjoni rrikonoxxiet ir-rwol ekonomiku u soċjali sinifikanti tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali bħala eżempju ta' negozji rregolati mill-parteċipazzjoni li jużaw pjattaformi diġitali biex jiffaċilitaw l-involvement taċ-ċittadini u l-bejgħ ta' oġġetti u servizzi prodotti lokalment, bl-għan li jinkisbu kondizzjonijiet tax-xogħol aħjar għall-membri tagħhom. Il-kooperattivi jistgħu għaldaqstant jikkostitwixxu strument importanti ta' organizzazzjoni minn isfel għal fuq ta' xogħol fuq il-pjattaformi u jistgħu jħeġġu l-kompetizzjoni bejn il-pjattaformi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipproteġu u jippromwovu impriżi kooperattivi u negozji żgħar b'mezzi li għandhom l-għan li jissalvagwardjaw l-impjiegi u jiżguraw il-kapaċità tagħhom għall-iżvilupp sostenibbli u t-kabbir.*

#### **Emenda 55**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 40**

(40) ***Il-persuni li m'għandhomx relazzjoni ta' impjieg jikkostitwixxu parti sinifikanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi. L-impatt tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet użati mill-pjattaformi tax-xogħol diġitali fuq il-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u fuq l-opportunitajiet tal-qligħ tagħhom huwa simili għal dak ta' fuq il-ħaddiema tal-pjattaformi.***  
***Għalhekk***, id-drittijiet fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' din id-Direttiva li jappartjenu għall-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fil-kuntest tal-ġestjoni algoritmika, jiġifieri dawk li jikkonċernaw it-trasparenza fis-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet, ir-restrizzjonijiet fuq l-ipproċessar tad-data personali jew il-ġbir tagħha, il-monitoraġġ mill-bniedem u r-rieżami ta' deċiżjonijiet sinifikanti, jenħtieġ li japplikaw ukoll għall-persuni fl-Unjoni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi li ma għandhomx kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg. Id-drittijiet li jappartjenu għas-saħħa u ***sikurezza*** okkupazzjonali u l-informazzjoni u l-konsultazzjoni mal-ħaddiema tal-pjattaformi jew mar-rappreżentanti tagħhom, li huma speċifiċi għall-ħaddiema fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li ma japplikawx għalihom. Ir-Regolament (UE) 2019/1150 jipprovdi s-salvagwardji fir-rigward tal-ġustizzja u t-trasparenza għall-persuni b'impjieg indipendenti li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, sakemm dawn jitqiesu bħala utenti kummerċjali skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. Meta dawn is-salvagwardji jkunu f'kunflitt mal-elementi tad-drittijiet u tal-obbligi speċifiċi stabbiliti f'din id-Direttiva, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolament (UE) 2019/1150 jipprevalu fir-rigward tal-utenti kummerċjali.

(40) Id-drittijiet fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' din id-Direttiva li jappartjenu għall-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fil-kuntest tal-ġestjoni algoritmika, jiġifieri dawk li jikkonċernaw it-trasparenza fis-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet, ir-restrizzjonijiet fuq l-ipproċessar tad-data personali jew il-ġbir tagħha, il-monitoraġġ mill-bniedem u r-rieżami ta' deċiżjonijiet sinifikanti, jenħtieġ li japplikaw ukoll għall-persuni fl-Unjoni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi li ma għandhomx kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg. Id-drittijiet li jappartjenu għas-saħħa u ***s-sikurezza*** okkupazzjonali u l-informazzjoni u l-konsultazzjoni mal-ħaddiema tal-pjattaformi jew mar-rappreżentanti tagħhom, li huma speċifiċi għall-ħaddiema fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li ma japplikawx għalihom. Ir-Regolament (UE) 2019/1150 jipprovdi s-salvagwardji fir-rigward tal-ġustizzja u t-trasparenza għall-persuni b'impjieg indipendenti li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, sakemm dawn jitqiesu bħala utenti kummerċjali skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. Meta dawn is-salvagwardji jkunu f'kunflitt mal-elementi tad-drittijiet u tal-obbligi speċifiċi stabbiliti f'din id-Direttiva, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolament (UE) 2019/1150 jipprevalu fir-rigward tal-utenti kummerċjali.

## Emenda 56

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 41

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(41) Sabiex jiġi żgurat li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jikkonformaw mal-leġislazzjoni u r-regolamenti tax-xogħol, l-obbligi tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali, il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali u regoli rilevanti oħra, b'mod partikolari jekk ikunu stabbiliti f'pajjiż differenti mill-Istat Membru li fih il-ħaddiem tal-pjattaformi jkun qed iwettaq ix-xogħol, jenħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jiddikjaraw ix-xogħol imwettaq mill-ħaddiema tal-pjattaformi lill-awtoritajiet kompetenti tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali tal-Istat Membru li fih jitwettaq ix-xogħol, f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri stabbiliti fil-liġijiet tal-Istati Membri kkonċernati.

##### *Emenda*

(41) Sabiex jiġi żgurat li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jikkonformaw mal-leġislazzjoni u r-regolamenti tax-xogħol, l-obbligi tal-kontribuzzjoni ***tat-taxxa u*** tas-sigurtà soċjali, il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali u regoli rilevanti oħra, ***u bil-ħsieb li tiġi evitata l-kompetizzjoni inġusta***, b'mod partikolari jekk ikunu stabbiliti f'pajjiż differenti mill-Istat Membru li fih il-ħaddiem tal-pjattaformi jkun qed iwettaq ix-xogħol, jenħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jiddikjaraw ix-xogħol imwettaq mill-ħaddiema tal-pjattaformi lill-awtoritajiet kompetenti tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali tal-Istat Membru li fih jitwettaq ix-xogħol, f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri stabbiliti fil-liġijiet tal-Istati Membri kkonċernati. ***Fir-rigward ta' każijiet transfruntiera bħal dawn, l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol għet stabbilita biex tiffaċilita u tappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-infurzar tad-dritt rilevanti tal-Unjoni, biex tiżgura l-aċċess għall-informazzjoni lill-impjegaturi u lill-ħaddiema dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom fil-qafas tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, biex tikkordina n-Network tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES) u biex trawwem l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-użu ta' għodod elettroniċi għall-iskambju tad-data bejn l-awtoritajiet nazzjonali bħas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern tal-Kummissjoni, is-sistema ta' Skambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali, u biex tikkordina u tappoġġa spezzjonijiet miftiehma jew konġunti bl-għan li jiġi infurzat id-dritt rilevanti tal-Unjoni.***

## Emenda 57

### Proposta għal direttiva Premessa 42

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(42) L-Infurmazzjoni dwar l-għadd ta' persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi permezz ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali **fuq bażi regolari**, l-istatus ta' impjeg jew kuntrattwali tagħhom u t-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali applikabbli għal dawk ir-relazzjonijiet kuntrattwali hija essenzjali biex tappoġġa lill-ispettorati tax-xogħol, lill-korpi tal-protezzjoni soċjali u lill-awtoritajiet rilevanti l-oħra biex jiddeterminaw b'mod korrett l-istatus fl-impjeg tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi legali kif ukoll ir-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom u għalhekk jenħtieġ li jkunu aċċessibbli għalihom. Jenħtieġ li dawk l-awtoritajiet u r-rappreżentanti jkollhom ukoll id-dritt li jitolbu lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali għal kjarifiki u dettalji addizzjonali, bħad-data bażika dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol fir-rigward tal-ħin tax-xogħol u l-paga.

#### *Emenda*

(42) ***Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jenħtieġ li jiġu elenkati fir-reġistru tan-negozji pubbliku applikabbli, li jenħtieġ li jinkludi infurmazzjoni rilevanti dwar il-pjattaformi tax-xogħol diġitali kollha li joperaw fil-pajjiż.*** L-infurmazzjoni dwar l-għadd ta' persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi permezz ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali, l-istatus ta' impjeg jew kuntrattwali tagħhom, ***kopja tal-kuntratt ta' impjeg, id-durata medja tal-attività u l-introjt medju tal-attività*** u t-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali applikabbli għal dawk ir-relazzjonijiet kuntrattwali. ***Tali infurmazzjoni*** hija essenzjali biex tappoġġa lill-ispettorati tax-xogħol, lill-korpi tal-protezzjoni soċjali u lill-awtoritajiet rilevanti l-oħra biex jiddeterminaw b'mod korrett l-istatus fl-impjeg tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi legali kif ukoll ir-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, ***inklużi t-trade unions***, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom u għalhekk jenħtieġ li jkunu aċċessibbli għalihom. Jenħtieġ li dawk l-awtoritajiet u r-rappreżentanti jkollhom ukoll id-dritt li jitolbu lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali għal kjarifiki u dettalji addizzjonali, bħad-data bażika dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol fir-rigward tal-ħin tax-xogħol u l-paga. ***Jenħtieġ li l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound) u l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, skont il-prerogattivi u l-mandati rispettivi tagħhom, jappoġġaw il-ġbir u l-kondiviżjoni ta' dik id-data bl-għan li jiġu żviluppanti għodod xierqa***

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 42a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(42a) L-esperjenza turi li meta d-dritt nazjonali ikun introduċa l-preżunzjoni ta' relazzjoni ta' impjeg għall-pjattaformi tax-xogħol diġitali, l-użu ta' ktajjen ta' sottokuntrattar jintuża bħala mod kif tiġi evitata l-applikazzjoni tal-liġi tax-xogħol għall-ħaddiema tal-pjattaformi<sup>1a</sup>. L-użu tax-xogħol mhux iddikjarat fil-pjattaformi tal-konsenji ġie evidenzjat ukoll f'diversi Stati Membri. Din il-prattika titwettaq permezz ta' identitajiet mikrija: ħaddiema tal-pjattaformi jew persuni bid-dritt li jaħdmu li jirreġistraw fil-pjattaforma jikru l-kontijiet tagħhom prinċipalment lil migranti mingħajr dokumenti u lil minorenni<sup>1b</sup>. Sabiex jiġu evitati x-xogħol mhux iddikjarat kif ukoll l-użu ħażin tas-sottokuntrattar bħala mezz li bih tiġi evitata din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jintroduċu dispożizzjonijiet legali dwar is-sottokuntrattar li jipprevedu l-obbligazzjoni in solidum u aċċess effettiv għal rimedju fil-ktajjen ta' sottokuntrattar, filwaqt li jiżguraw li l-kuntratturi f'katina ta' sottokuntrattar jistgħu jinżammu responsabbli li jħallsu l-pagi, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u l-penali finanzjarji flimkien mal-impjegatur dirett jew minflok. F'każijiet speċifiċi li jinvolvu ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali, il-kuntratturi kollha involuti fil-katina tas-sottokuntrattar jistgħu jkunu responsabbli għal reati kriminali kif previst fid-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1c</sup>. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-migranti mingħajr dokumenti jista' jkollhom aċċess għall-ġustizzja mingħajr biża' ta' xi*

*ritaljazzjoni jew riskju ta' deportazzjoni, anke skont id-Direttiva 2009/52/KE. Sabiex jiġi miġġieled ix-xogħol mhux iddikjarat fuq il-pjattaformi, jenħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jiżguraw proċessi ta' verifika affidabbli tal-identità tal-ħaddiema tal-pjattaformi.*

---

*1a EU-OSHA, "Spain: the 'riders' law', new regulation on digital platform work" (Spanja: il-liġi dwar ix-xufiera, regolament ġdid dwar ix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali), 16.02.2022*

*1b KESE, "The definition of worker in the platform economy: Exploring workers' risks and regulatory solutions" (Id-definizzjoni ta' ħaddiem fl-ekonomija tal-pjattaformi: Nesploraw ir-riskji tal-ħaddiema u s-soluzzjonijiet regolatorji), 13.09.2021; Pjattaforma Ewropea li tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat (ELA WG), "Thematic review workshop: Undeclared work in the collaborative economy" (Workshop tematiku ta' rieżami: Xogħol mhux iddikjarat fl-ekonomija kollaborattiva), 19–20.5.2021.*

*<sup>1c</sup>Id-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 24).*

## Emenda 59

### Proposta għal direttiva Premessa 43

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(43) Ġiet żviluppata sistema estensiva ta' dispożizzjonijiet għall-infurzar tal-acquis soċjali fl-Unjoni, li elementi tagħha jenħtieġ li jiġu applikati għal din id-Direttiva sabiex jiġi żgurat li l-persuni li

#### *Emenda*

(43) Ġiet żviluppata sistema estensiva ta' dispożizzjonijiet għall-infurzar tal-acquis soċjali fl-Unjoni, li elementi tagħha jenħtieġ li jiġu applikati għal din id-Direttiva sabiex jiġi żgurat li l-persuni li



jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jkollhom aċċess għal soluzzjoni għat-tilwim effettiva u imparzjali u għal dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat. Speċifikament, meta titqies in-natura fundamentali tad-dritt għal protezzjoni legali effettiva, il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jenħtieġ li jkomplu jgawdu minn din il-protezzjoni anke wara tmiem ir-relazzjoni ta' impjeg jew relazzjoni kuntrattwali oħra li tkun wasslet għall-allegat ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva.

jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jkollhom aċċess għal soluzzjoni għat-tilwim *xierqa, f'waqtha*, effettiva u imparzjali u għal dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat. ***Jenħtieġ li l-aċċess għal tali soluzzjoni tat-tilwim u d-dritt għal rimedju jkun mingħajr ħlas, tal-anqas għall-persuni li ma jkollhomx mezzi suffiċjenti.*** Speċifikament, meta titqies in-natura fundamentali tad-dritt għal protezzjoni legali effettiva, il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jenħtieġ li jkomplu jgawdu minn din il-protezzjoni anke wara tmiem ir-relazzjoni ta' impjeg jew relazzjoni kuntrattwali oħra li tkun wasslet għall-allegat ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva.

## Emenda 60

### Proposta għal direttiva Premessa 44

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(44) Ir-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrappreżentaw persuna waħda jew aktar li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva biex jinfurzaw kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżultaw minn din id-Direttiva. It-tressiq ta' pretensjonijiet f'isem il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jew b'appoġġ tagħhom huwa mod kif jiġu ffaċilitati l-proċedimenti li inkella ma kinux jitressqu minħabba ostakli proċedurali u finanzjarji jew biża' ta' rappreżalji.

#### *Emenda*

(44) Ir-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, ***inklużi t-trade unions***, jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrappreżentaw persuna waħda jew aktar li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva biex jinfurzaw kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżultaw minn din id-Direttiva. It-tressiq ta' pretensjonijiet f'isem il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jew b'appoġġ tagħhom huwa mod kif jiġu ffaċilitati l-proċedimenti li inkella ma kinux jitressqu minħabba ostakli proċedurali u finanzjarji jew biża' ta' rappreżalji.

## Emenda 61

### Proposta għal direttiva Premessa 45



(45) Ix-xogħol fuq il-pjattaformi huwa kkaratterizzat min-nuqqas ta' post tax-xogħol komuni fejn il-ħaddiema jkunu jistgħu jsiru jafu lil xulxin u jikkomunikaw ma' xulxin u mar-rappreżentanti tagħhom, anke bil-għan li jiddefendu l-interessi tagħhom quddiem l-impjegatur. Għalhekk, huwa meħtieġ li jinħolqu kanali ta' komunikazzjoni diġitali, f'konformità mal-organizzazzjoni tax-xogħol tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali, fejn il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jkunu jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin u jiġu kkuntattjati mir-rappreżentanti tagħhom. Jenħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali joħolqu dawn il-kanali ta' komunikazzjoni fi ħdan l-infrastruttura diġitali tagħhom jew b'mezzi effettivi simili, filwaqt li jirrispettaw il-protezzjoni tad-data personali u joqogħdu lura milli jaċċessaw jew jimmonitorjaw dawk il-komunikazzjonijiet.

(45) Ix-xogħol fuq il-pjattaformi huwa kkaratterizzat min-nuqqas ta' post tax-xogħol komuni fejn il-ħaddiema jkunu jistgħu jsiru jafu lil xulxin u jikkomunikaw ma' xulxin u mar-rappreżentanti tagħhom, anke bil-għan li jiddefendu l-interessi tagħhom quddiem l-impjegatur. ***F'xi oqsma prevalenti fix-xogħol fuq il-pjattaformi, bħas-servizzi diġitali remoti jew ix-xogħol ta' disinn, bosta Stati Membri għandhom nuqqas ta' organizzazzjonijiet tal-ħaddiema jew trade unions stabbiliti. F'konformità mad-dritt u l-prattika nazzjonali, il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jenħtieġ li jkunu liberi li jorganizzaw, jagħżlu r-rappreżentanti u jitqiesu fid-djalogu soċjali u fil-proċessi ta' negozjar kollettiv, irrispettivament mill-istatus fl-impjieg tagħhom. Persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jistgħu jkunu esposti wkoll għal riskju akbar ta' vjolenza, inkluż vjolenza u fastidju abbażi tal-ġeneru.*** Għalhekk, huwa meħtieġ li jinħolqu kanali ta' komunikazzjoni diġitali ***u rapportar privati, sikuri u possibbilment permezz tal-kriptaġġ***, f'konformità mal-organizzazzjoni tax-xogħol tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali, fejn il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jkunu jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin u jiġu kkuntattjati mir-rappreżentanti tagħhom ***u jirraportaw inċidenti ta' vjolenza jew fastidju***. Jenħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali joħolqu dawn il-kanali ta' komunikazzjoni ***u rapportar*** fi ħdan l-infrastruttura diġitali tagħhom jew b'mezzi effettivi simili, filwaqt li jirrispettaw il-protezzjoni tad-data personali u joqogħdu lura milli jaċċessaw jew jimmonitorjaw dawk il-komunikazzjonijiet. ***Għall-istess raġunijiet, jenħtieġ li n-negozjar kollettiv jiġi promoss billi jiġi żgurat li t-trade unions ikunu jistgħu jeżerċitaw ir-rwol tagħhom b'mod effettiv.***

## Emenda 62

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 46

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(46) Fil-proċedimenti amministrattivi jew fil-proċeduri ġudizzjarji rigward id-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieg tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, l-elementi li jikkonċernaw l-organizzazzjoni tax-xogħol li jippermettu l-istabbiliment tal-istatus fl-impjieg u b'mod partikolari jekk il-pjattaforma tax-xogħol diġitali tikkontrollax ċerti elementi tal-prestazzjoni tax-xogħol **jistgħux ikunu** fil-pussess tal-pjattaforma tax-xogħol diġitali u mhux faċilment aċċessibbli għall-persuni li jwettqu x-xogħol fuq il-pjattaformi u għall-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-qrati nazzjonali jew l-awtoritajiet kompetenti għalhekk ikunu jistgħu jordnaw lill-pjattaforma tax-xogħol diġitali tikxef kwalunkwe evidenza rilevanti taħt il-kontroll tagħhom, inkluża informazzjoni kunfidenzjali, soġġetta għall-miżuri effettivi biex jipproteġu din l-informazzjoni.

## Emenda 63

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 47

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(47) Peress li l-Artikolu 6, l-Artikolu 7(1) u (3) u l-Artikolu (8) ta' din id-Direttiva jipprevedu regoli speċifiċi fil-kuntest tax-xogħol fuq il-pjattaformi biex jiżguraw il-protezzjoni tad-data personali tal-impjegati skont it-tifsira tal-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) 2016/679 u li l-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva japplika

##### *Emenda*

(46) Fil-proċedimenti amministrattivi jew fil-proċeduri ġudizzjarji rigward id-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieg tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, l-elementi li jikkonċernaw l-organizzazzjoni tax-xogħol li jippermettu l-istabbiliment tal-istatus fl-impjieg u b'mod partikolari jekk il-pjattaforma tax-xogħol diġitali tikkontrollax **jew tmexxix** ċerti elementi tal-prestazzjoni tax-xogħol, **jistgħu jkunu** fil-pussess tal-pjattaforma tax-xogħol diġitali u mhux faċilment aċċessibbli għall-persuni li jwettqu x-xogħol fuq il-pjattaformi u għall-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-qrati nazzjonali jew l-awtoritajiet kompetenti għalhekk ikunu jistgħu jordnaw lill-pjattaforma tax-xogħol diġitali tikxef kwalunkwe evidenza rilevanti taħt il-kontroll tagħhom, inkluża informazzjoni kunfidenzjali, soġġetta għall-miżuri effettivi biex jipproteġu din l-informazzjoni.

dawk is-salvagwardji anke fil-każ tal-persuni mingħajr kuntratt ta' impjieg jew ta' relazzjoni ta' impjieg, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2016/679 jenħtieġ li jkunu kompetenti biex jimmonitorjaw l-applikazzjoni ta' dawk is-salvagwardji. Jenħtieġ li l-Kapitoli VI, VII u VIII tar-Regolament (UE) 2016/679 japplikaw f'dak li għandu x'jaqsam mal-qafas proċedurali għall-infurzar ta' dawk is-salvagwardji, b'mod partikolari fir-rigward tas-superviżjoni, tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u ta' konsistenza, tar-rimedji, tar-responsabbiltà u tal-penali, inkluż il-kompetenza li jiġu imposti multi amministrattivi sal-ammont imsemmi fl-Artikolu 83(5) ta' dak ir-Regolament.

## Emenda 64

### Proposta għal direttiva Premessa 48

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(48) Is-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet użati fil-kuntest tax-xogħol fuq il-pjattaformi jinvolvu l-ipproċessar tad-data personali u jaffettwaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi. Għalhekk, dawn iqajmu kwistjonijiet dwar il-liġi dwar il-protezzjoni tad-data kif ukoll dwar il-liġi tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali. L-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-data u l-awtoritajiet rilevanti tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali għalhekk jenħtieġ li jikkooperaw fl-infurzar ta' din id-Direttiva, inkluż billi jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti ma' xulxin, mingħajr preġudizzju għall-indipendenza tal-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-data.

dawk is-salvagwardji anke fil-każ tal-persuni mingħajr kuntratt ta' impjieg jew ta' relazzjoni ta' impjieg, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2016/679 jenħtieġ li jkunu kompetenti biex jimmonitorjaw l-applikazzjoni ta' dawk is-salvagwardji. Jenħtieġ li l-Kapitoli VI, VII u VIII tar-Regolament (UE) 2016/679 japplikaw f'dak li għandu x'jaqsam mal-qafas proċedurali għall-infurzar ta' dawk is-salvagwardji, ***kif ukoll mal-kanali ta' komunikazzjoni u rapportar stabbiliti fl-Artikolu 15 ta' din id-Direttiva***, b'mod partikolari fir-rigward tas-superviżjoni, tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u ta' konsistenza, tar-rimedji, tar-responsabbiltà u tal-penali, inkluż il-kompetenza li jiġu imposti multi amministrattivi sal-ammont imsemmi fl-Artikolu 83(5) ta' dak ir-Regolament.

#### *Emenda*

(48) Is-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet użati fil-kuntest tax-xogħol fuq il-pjattaformi jinvolvu l-ipproċessar tad-data personali u jaffettwaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi. Għalhekk, dawn iqajmu kwistjonijiet dwar il-liġi dwar il-protezzjoni tad-data kif ukoll dwar il-liġi tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali. L-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-data u l-awtoritajiet rilevanti tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali għalhekk jenħtieġ li jikkooperaw, ***inkluż fil-livell transfruntier***, fl-infurzar ta' din id-Direttiva, inkluż billi jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti ma' xulxin, mingħajr preġudizzju għall-indipendenza tal-awtoritajiet superviżorji

tal-protezzjoni tad-data.

## Emenda 65

### Proposta għal direttiva Premessa 48a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(48a) Peress li d-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi jistgħu jiġu mminati serjament minn sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ jew teħid ta' deċiżjonijiet, huwa essenzjali li l-individwi affettwati jkollhom aċċess sinifikanti għal mekkaniżmi ta' rapportar u rimedju mal-awtorità nazzjonali rilevanti, kemm jekk tkun l-awtorità tal-protezzjoni tad-data jew l-ispettorat tax-xogħol. Jenħtieġ li jkun jistgħu jirrapportaw ksur possibbli ta' din id-Direttiva lill-awtorità nazzjonali kompetenti u jkollhom id-dritt li jinstemgħu u li jiġu infurmati dwar l-eżitu tal-ilment tagħhom u jkollhom dritt għal deċiżjoni f'waqtha.**

## Emenda 66

### Proposta għal direttiva Premessa 49

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(49) Minħabba li ***l-objettiv*** ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari li jittejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-ħtieġa li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi komuni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx

(49) Minħabba li ***wieħed mill-objettivi*** ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari li jittejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-ħtieġa li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi komuni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. ***L-armonizzazzjoni minima fil-livell tal-Unjoni hija meħtieġa biex***

lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

*jittejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi u biex jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema madwar l-Unjoni kollha meta titqies li ħafna pjattaformi tax-xogħol diġitali huma mifruxa madwar l-Unjoni kollha, sabiex tiġi evitata ġirja lejn l-aktar livell baxx madwar l-Unjoni fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol u sabiex jinħolqu kondizzjonijiet ekwi għan-negozji li jirrispettaw l-istandards soċjali.*  
F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

## Emenda 67

### Proposta għal direttiva Premessa 51

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(51) Jenħtieġ li fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva l-Istati Membri jevitaw l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u legali b'tali mod li jżommu lura l-ħolqien u l-iżvilupp tal-intrapriżi mikro, żgħar u medji. Jenħtieġ li l-Istati Membri jivvalutaw l-impatt tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom fuq in-negozji ġodda u fuq l-intrapriżi żgħar u medji biex jiżguraw li dawn ma jiġux affettwati b'mod sproporzjonat, filwaqt li tingħata attenzjoni speċifika lill-mikrointrapriżi u lill-piż amministrattivi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippubblikaw ir-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet.*

*Emenda*

*imħassar*

## Emenda 68

### Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li ttejjeb il-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi billi tiżgura d-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieg tagħhom, billi tippromwovi t-trasparenza, il-ġustizzja u r-responsabbiltà fil-ġestjoni algoritmika fix-xogħol fuq il-pjattaformi u billi ttejjeb it-trasparenza tax-xogħol fuq il-pjattaformi inkluż f'sitwazzjonijiet transfruntiera, filwaqt li **tappoġġa l-kondizzjonijiet** għat-kabbir sostenibbli tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali fl-Unjoni.

**Emenda 69**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

F'konformità mal-Artikolu 10, id-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni ta' persuni fiżiċi ***fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali*** fil-kuntest tal-ġestjoni algoritmika japplikaw ukoll għal kull persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi fl-Unjoni li ma għandhiex kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg.

**Emenda 70**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) dan hu pprovdut fuq talba ta' riċevitur tas-servizz;

*Emenda*

1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li ttejjeb il-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi billi tiżgura d-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieg tagħhom, billi tippromwovi t-trasparenza, il-ġustizzja, ***is-superviżjoni umana, is-sikurezza*** u r-responsabbiltà fil-ġestjoni algoritmika fix-xogħol fuq il-pjattaformi u billi ttejjeb it-trasparenza tax-xogħol fuq il-pjattaformi inkluż f'sitwazzjonijiet transfruntiera, filwaqt li ***trawwem il-kondizzjonijiet*** għat-kabbir sostenibbli tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali fl-Unjoni.

*Emenda*

F'konformità mal-Artikolu 10, id-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fil-kuntest tal-ġestjoni algoritmika japplikaw ukoll għal kull persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi fl-Unjoni li ma għandhiex kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg.

## Emenda 71

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) dan jinvolvi, **bħala komponent neċessarju u essenzjali**, l-organizzazzjoni tax-xogħol imwettaq minn individwi, irrispettivament minn jekk dak ix-xogħol jitwettaqx online jew f'post partikolari;

##### *Emenda*

(c) dan jinvolvi l-organizzazzjoni tax-xogħol imwettaq minn individwi, irrispettivament minn jekk dak ix-xogħol jitwettaqx online jew f'post partikolari **u irrispettivament mid-deżinjazzjoni kuntrattwali tar-relazzjoni bejn dak l-individwu u l-persuna fiżika jew ġuridika li ttipprovi s-servizz**;

## Emenda 72

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) "xogħol fuq il-pjattaformi" tfisser kwalunkwe xogħol organizzat permezz ta' pjattaforma tax-xogħol diġitali u mwettaq fl-Unjoni minn individwu **abbażi ta' relazzjoni kuntrattwali bejn il-pjattaforma tax-xogħol diġitali u l-individwu**, irrispettivament minn jekk teżistix relazzjoni kuntrattwali bejn l-individwu u r-riċevitur tas-servizz;

##### *Emenda*

(2) "xogħol fuq il-pjattaformi" tfisser kwalunkwe xogħol organizzat permezz ta' pjattaforma tax-xogħol diġitali u mwettaq fl-Unjoni minn individwu, irrispettivament minn jekk teżistix relazzjoni kuntrattwali bejn l-individwu u r-riċevitur tas-servizz;

## Emenda 73

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) "**rappreżentanti**" tfisser l-**organizzazzjonijiet** jew **ir-rappreżentanti tal-ħaddiema previsti mid-dritt** jew **mill-prattiki** nazzjonali, jew **mit-tnejn** li huma;

##### *Emenda*

(5) "**rappreżentanti tal-ħaddiema**" tfisser **ir-rappreżentanti ta' trade unions rikonnoxxuti f'konformità mad-dritt u l-prattika nazzjonali** jew **persuni oħra eletti liberament** jew **maħtura mill-ħaddiema**



*f'organizzazzjoni biex  
jirrappreżentawhom f'konformità mad-  
dritt u l-prattiki nazzjonali, jew mat-tnejn  
li huma;*

#### **Emenda 74**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(5a) "rappreżentanti tal-persuni li  
jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi" tfisser  
ir-rappreżentanti ta' trade unions  
rikonoxxuti f'konformità mal-prattika u  
d-dritt nazzjonali jew persuni oħra eletti  
liberament jew maħtura mill-ħaddiema  
jew mill-persuni li jaħdmu għal rashom li  
jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi  
f'organizzazzjoni biex  
jirrappreżentawhom f'konformità mad-  
dritt u l-prattiki nazzjonali, jew mat-tnejn  
li huma;*

#### **Emenda 75**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(5b) "sistemi awtomatizzati ta'  
monitoraġġ" tfisser kwalunkwe sistema  
awtomatizzata użata għall-monitoraġġ, is-  
superviżjoni jew l-evalwazzjoni tal-  
prestazzjoni tax-xogħol jew li  
tappoġġjahom;*

#### **Emenda 76**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5c) "sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet" tfisser kwalunkwe sistema awtomatizzata użata biex jittieħdu deċiżjonijiet jew biex jiġi appoġġat it-teħid ta' deċiżjonijiet;**

#### **Emenda 77**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5d) "data bijometrika" tfisser data bijometrika kif definita fl-Artikolu 4(14) tar-Regolament (UE) 2016/679;**

#### **Emenda 78**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5e (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5e) "data bbażata fuq il-bijometrija" tfisser data li tirriżulta minn ipproċessar tekniku speċifiku relatat ma' karatteristiċi fiżiċi, fiżjoloġiċi, jew ta' mġiba, sinjali, jew karatteristiċi ta' persuna fiżika, bħal espressjonijiet tal-wiċċ, movimenti, frekwenza tal-impuls, vuċi, ittastjar jew mixja.**

#### **Emenda 79**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 2 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Id-definizzjoni ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali stabbilita fil-paragrafu 1,

2. Id-definizzjoni ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali stabbilita fil-paragrafu 1,

punt (1), ma għandhiex tinkludi fornituri ta' servizz li l-għan ewlieni tagħhom huwa li jisfruttaw jew li jaqsmu l-assi. Għandha tiġi limitata għall-fornituri ta' servizz li l-organizzazzjoni tax-xogħol tagħhom imwettaq mill-individwu tikkostitwixxi mhux biss komponent minuri u purament aċċessarji.

punt (1), ma għandhiex tinkludi fornituri ta' servizz li l-għan ewlieni tagħhom huwa li jisfruttaw jew li jaqsmu l-assi ***jew li jippermettu lil individwi privati jbiegħu mill-ġdid l-oġġetti***. Għandha tiġi limitata għall-fornituri ta' servizz li l-organizzazzjoni tax-xogħol tagħhom imwettaq mill-individwu tikkostitwixxi mhux biss komponent minuri u purament aċċessarji.

## Emenda 80

### Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandu jkollhom proċeduri xierqa biex jivverifikaw u jiżguraw id-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieg tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi diġitali, sabiex ***jaċċertaw l-eżistenza*** ta' relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew ***mill-prattika*** fis-seħħ fl-Istati Membri fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u jiġi żgurat li ***huma*** jgawdu mid-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.

#### *Emenda*

1. L-Istati Membri għandu jkollhom proċeduri xierqa ***u effettivi*** biex jivverifikaw u jiżguraw id-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieg tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi diġitali, sabiex ***tiġi applikata l-preżunzjoni*** ta' relazzjoni ta' impjieg ***f'konformità mal-Artikolu 4(1) għall-iskop li tiġi aċċertata l-eżistenza ta' tali relazzjoni***, kif definit mil-liġi ***applikabbli***, mill-ftehimiet kollettivi jew ***mill-prattika*** fis-seħħ fl-Istati Membri ***u*** fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u jiġi żgurat li ***dawn il-persuni*** jgawdu mid-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.

## Emenda 81

### Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Id-determinazzjoni tal-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg għandha tkun iggwidata primarjament mill-fatti marbuta mat-twettiq attwali tax-xogħol, fid-dawl

#### *Emenda*

2. Id-determinazzjoni tal-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg għandha tkun iggwidata primarjament mill-fatti marbuta mat-twettiq attwali tax-xogħol, fid-dawl

tal-użu tal-algoritmi fl-organizzazzjoni tax-xogħol fuq il-pjattaformi, irrispettivament minn kif tiġi kklassifikata r-relazzjoni fi kwalunkwe arranġament kuntrattwali li seta' ġie miftiehem bejn il-partijiet involuti. Meta l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjeg tiġi stabbilita abbażi **tal-fatti**, il-parti li **tassumi** l-obbligi ta' impjegatur **għandha tiġi identifikata** b'mod ċar f'konformità mas-sistemi legali nazzjonali.

tal-użu tal-algoritmi fl-organizzazzjoni tax-xogħol fuq il-pjattaformi, irrispettivament minn kif tiġi kklassifikata r-relazzjoni fi kwalunkwe arranġament kuntrattwali li seta' ġie miftiehem bejn il-partijiet involuti. Meta l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjeg tiġi stabbilita abbażi **ta' dawn il-fatti**, il-parti **jew partijiet** li **jassumu** l-obbligi ta' impjegatur **għandhom jiġu identifikati** b'mod ċar f'konformità mas-sistemi legali nazzjonali **u mal-Artikolu 12b, u għandhom jissodisfaw kif xieraq dawk l-obbligi**.

## Emenda 82

### Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Fejn il-pjattaformi diġitali tax-xogħol huma rikonoxxuti li jeżerċitaw il-prerogattivi tal-impjegaturi, huma għandhom jikkonformaw mal-obbligi korrispondenti tal-impjegaturi skont il-liġi nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi applikabbli fis-settur tal-attività, inkluż fir-rigward tal-liġi tax-xogħol, it-taxxa fuq l-introjtu u l-finanzjament tal-protezzjoni soċjali. Il-ħaddiema tal-pjattaformi għandhom igawdu bis-sħiħ mill-istatus ta' ħaddiem f'konformità mad-dritt nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika fis-seħħ fl-Istati Membri, inklużi d-drittijiet li jissieħbu ma' trade union, li jorganizzaw, u li jinneogzjaw b'mod kollettiv.**

## Emenda 83

### Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2b (ġdid)

**2b.** *Din id-Direttiva tapplika bis-sħiħ għall-pjattaformi tax-xogħol diġitali li jeżerċitaw il-funzjoni ta' aġenziji tax-xogħol temporanju, flimkien mad-Direttiva 2008/104/KE.*

#### Emenda 84

##### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Ir-relazzjoni ta' impjeg bejn il-pjattaforma tax-xogħol diġitali li tikkontrolla, skont it-tifsira tal-paragrafu 2, it-twettiq tax-xogħol u l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi permezz ta' dik il-pjattaforma għandha tiġi preżunta li tkun relazzjoni ta' impjeg. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas ta' miżuri, f'konformità mas-sistemi legali u ġudizzjarji nazzjonali tagħhom.*

*Emenda*

*Persuna li twettaq xogħol fuq pjattaforma għandha tkun jew ħaddiem tal-pjattaforma jew persuna li ġenwinament taħdem għal rasha. Ir-relazzjoni kuntrattwali bejn pjattaforma tax-xogħol diġitali u persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi permezz ta' dik il-pjattaforma għandha tiġi preżunta **legalment** li tkun relazzjoni ta' impjeg **u għalhekk il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom jiġu preżunti li huma impjegaturi.** Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas ta' miżuri, f'konformità mas-sistemi legali u ġudizzjarji nazzjonali tagħhom, **sabiex jiġi żgurat li l-preżunzjoni legali tkun tista' tiġi invokata mill-awtoritajiet u l-korpi kompetenti li jivverifikaw il-konformità mal-legalizzazzjoni rilevanti jew jinfurzawha kif ukoll mill-persuni li jwettqu xogħol fuq pjattaforma diġitali u r-rappreżentanti tagħhom.***

#### Emenda 85

##### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

*Meta l-awtoritajiet u l-korpi kompetenti, inklużi dawk responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, iqisu li persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi tista' tiġi kklassifikata ħażin, huma għandhom japplikaw il-preżunzjoni. Meta persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi jew trade union li taġixxi f'isem jew b'appoġġ għal diversi persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, f'konformità mal-prattika jew mal-liġi nazzjonali, jikkontestaw il-klassifikazzjoni tagħhom fi proċediment amministrattiv jew legali, għandha tiġi applikata l-preżunzjoni.*

## Emenda 86

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

*Il-preżunzjoni* legali għandha tapplika fil-proċedimenti amministrattivi u legali rilevanti kollha. L-awtoritajiet kompetenti li jivverifikaw il-konformità mal-leġislazzjoni rilevanti jew li jinfurzawha għandhom ikunu *jistgħu joqogħdu fuq dik il-preżunzjoni*.

*L-applikazzjoni tal-preżunzjoni legali ma għandhiex twassal għal riklassifikazzjoni awtomatika tal-persuni kollha li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi bħala ħaddiema tal-pjattaformi. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandu jkollhom il-possibbiltà li jirribattu l-preżunzjoni ta' impjeg qabel ma tittieħed deċiżjoni għal riklassifikazzjoni fi proċedimenti amministrattivi jew legali. Il-preżunzjoni konfutabbli ta' impjeg għandha tapplika fil-proċeduri amministrattivi u fil-proċedimenti amministrattivi u legali rilevanti kollha. L-awtoritajiet u l-korpi kompetenti, inklużi dawk responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, li jivverifikaw il-konformità mal-leġislazzjoni rilevanti jew li jinfurzawha, inklużi l-ftehimiet kollettivi, għandhom japplikaw dik il-preżunzjoni b'mod effettiv. Għal dak l-għan, il-pjattaformi tax-xogħol diġitali*

*għandhom ikunu meħtieġa mill-awtoritajiet u l-korpi kompetenti jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha sabiex l-awtoritajiet jiddeterminaw, abbażi ta' valutazzjoni oġġettiva, il-klassifikazzjoni korretta tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi.*

## **Emenda 87**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2**

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda</i>
<p><b>2. Il-kontroll tat-twettiq tax-xogħol skont it-tifsira tal-paragrafu 1 għandu jinftehem li jissodisfa mill-inqas tnejn minn dawn li ġejjin:</b></p> <p><b>(a) id-determinar jew l-iffissar effettiv tal-limiti massimi għal-livell tal-paga;</b></p> <p><b>(b) il-ħtieġa li l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi tħares ir-regoli vinkolanti speċifiċi fir-rigward tad-dehra, tal-kondotta lejn ir-riċevitur tas-servizz jew tat-twettiq tax-xogħol;</b></p> <p><b>(c) is-superviżjoni tat-twettiq tax-xogħol jew verifika tal-kwalità tar-riżultati tax-xogħol inkluż b'mezzi elettroniċi;</b></p> <p><b>(d) it-trażżin effettiv tal-libertà, inkluż permezz ta' sanzjonijiet, li wieħed jorganizza x-xogħol tiegħu, b'mod partikolari d-diskrezzjoni li wieħed jagħżel il-ħinijiet tax-xogħol tiegħu jew il-perjodi ta' assenza, li jaċċetta jew li jirrifjuta kompiti jew l-użu ta' sottokuntratturi jew ta' sostituti;</b></p> <p><b>(e) it-trażżin effettiv tal-possibiltà li tinbena bażi ta' klijenti jew li jitwettaq xogħol għal kwalunkwe parti terza.</b></p>	<p><b>imħassar</b></p>



## Emenda 88

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 4 – paragrafu 3 – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ta' appoġġ li jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-preżunzjoni legali msemmija fil-paragrafu 1, ***filwaqt li jqisu l-impatt fuq in-negozji l-ġodda, jevitaw il-qbid ta' persuni b'impjeg indipendenti ġenwin u jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali.*** B'mod partikolari għandhom:

## Emenda 89

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt b

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) jiżviluppaw gwida għall-pjattaformi tax-xogħol diġitali, għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u għas-šhab soċjali biex jifhmu u jimplimentaw il-preżunzjoni legali inkluż dwar il-proċeduri biex din tiġi kkonfutata f'konformità mal-Artikolu 5;

## Emenda 90

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt c

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) jiżviluppaw gwida għall-awtoritajiet tal-infurzar biex jimmiraw u jsegwu b'mod proattiv il-pjattaformi tax-xogħol diġitali li mhumiex konformi;

##### *Emenda*

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ta' appoġġ li jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-preżunzjoni legali msemmija fil-paragrafu 1, ***sabiex jiżguraw il-protezzjoni effettiva għall-ħaddiema li jwettqu xogħol fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjeg.*** B'mod partikolari għandhom:

##### *Emenda*

(b) jiżviluppaw gwida ***kompreensiva, inkluż fil-forma ta' rakkomandazzjonijiet konkreti u prattiċi,*** għall-pjattaformi tax-xogħol diġitali, għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u għas-šhab soċjali biex jifhmu u jimplimentaw il-preżunzjoni legali inkluż dwar il-proċeduri biex din tiġi kkonfutata f'konformità mal-Artikolu 5;

##### *Emenda*

(c) jiżviluppaw gwida, ***bini tal-kapaċitajiet u taħriġ u jistabbilixxu proċeduri*** għall-awtoritajiet ***kompetenti nazzjonali u*** tal-infurzar biex ***jidentifikaw,*** jimmiraw u jsegwu b'mod proattiv il-

*pjattaformi tax-xogħol diġitali sabiex jiżguraw konformità effettiva ma' din id-Direttiva, inkluż bl-impożizzjoni ta' penali dissważivi kontra l-pjattaformi tax-xogħol diġitali li mhumiex konformi;*

## **Emenda 91**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) jiżviluppaw gwida u jistabbilixxu proċeduri għall-awtoritajiet u għall-istituzzjonijiet amministrattivi kompetenti biex japplikaw b'mod proattiv il-preżunzjoni legali fil-proċeduri amministrattivi u biex jikkondividu d-data ma' awtoritajiet rilevanti oħra sabiex japplikaw il-preżunzjoni legali fl-iproċessar u fir-reġistrazzjoni ta' relazzjonijiet kuntrattwali u data relatata mas-sigurtà soċjali;*

## **Emenda 92**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(d) isaħħu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-ispettorati tax-xogħol jew mill-korpi responsabbli għall-infurzar tal-liġi tax-xogħol, filwaqt li jiżguraw li dawn il-kontrolli u l-ispezzjonijiet jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji.

(d) isaħħu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-ispettorati tax-xogħol jew mill-korpi responsabbli għall-infurzar tal-liġi tax-xogħol, filwaqt li jiżguraw li dawn il-kontrolli u l-ispezzjonijiet jkunu proporzjonati u nondiskriminatorji, ***u jistabbilixxu, kull sena, mira nazżjonali għall-għadd ta' spezzjonijiet li għandhom jitwettqu fir-rigward tas-setturi ta' attività li fihom joperaw il-pjattaformi tax-xogħol diġitali, sabiex tiġi ddeterminata l-klassifikazzjoni korretta tal-ħaddiema;***

### **Emenda 93**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(da) jipprevedu spezzjoni mill-  
ispettorati tax-xogħol jew mill-korpi  
responsabbli għall-infurzar tal-liġi tax-  
xogħol kull darba li persuna li twettaq  
xogħol fuq il-pjattaformi tkun għadha kif  
ġiet rikonoxxuta bħala ħaddiem tal-  
pjattaformi, fi żmien xahar minn tali  
rikonoxximent, sabiex jiġi vverifikat l-  
istatus tal-persuni l-oħra li jwettqu xogħol  
fuq pjattaformi għall-istess pjattaforma  
tax-xogħol diġitali;*

### **Emenda 94**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt db (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(db) jipprevedu biżżejjed riżorsi u  
taħriġ għall-ispettorati tax-xogħol jew  
għall-korpi responsabbli għall-infurzar  
tal-liġi tax-xogħol sabiex isaħħu l-  
kapaċitajiet tagħhom, speċjalment fil-  
qasam teknoloġiku, sabiex ikunu jistgħu  
jikkonformaw b'mod effettiv mal-punti (d)  
u (da), anki billi jwettqu żjarat ta' rutina  
jew imħabbra;*

### **Emenda 95**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt dc (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(dc) jiżguraw li esperti tekniċi u  
speċjalisti kwalifikati kif xieraq, b'mod  
partikolari fir-rigward tal-ġestjoni*

## **Emenda 96**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 4**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Fir-rigward tar-relazzjonijiet kuntrattwali li daħlu fihom qabel u li għadhom għaddejja fid-data stabbilita fl-Artikolu 21(1), il-preżunzjoni legali msemija fil-paragrafu 1 għandha tapplika biss għall-perjodu li jibda minn dik id-data.

#### *Emenda*

4. Fir-rigward tar-relazzjonijiet kuntrattwali li daħlu fihom qabel u li għadhom għaddejja fid-data stabbilita fl-Artikolu 21(1), il-preżunzjoni legali msemija fil-paragrafu 1 għandha tapplika biss għall-perjodu li jibda minn ***dik id-data, mingħajr preġudizzju għad-Direttiva(UE) 2019/1152 li tista' tapplika qabel*** dik id-data.

## **Emenda 97**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-possibbiltà għal kwalunkwe waħda mill-partijiet biex tikkonfuta l-preżunzjoni legali msemija fl-Artikolu 4 fil-proċedimenti legali jew amministrattivi jew fit-tnejn li huma.

#### *Emenda*

**1.** L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-possibbiltà għal kwalunkwe waħda mill-partijiet biex tikkonfuta l-preżunzjoni legali msemija fl-Artikolu 4 fil-proċedimenti legali jew amministrattivi jew fit-tnejn li huma.

*(Il-paragrafu 1 fit-test tal-Kummissjoni sar is-subparagrafu 1 tal-paragrafu 1 fl-emenda tal-Parlament.)*

## **Emenda 98**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta l-pjattaforma tax-xogħol diġitali targumenta li r-relazzjoni ta' impjieg ikkonċernata mhix relazzjoni ta' impjieg kif definita mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-obbligu ta' provi għandu jaqa' fuq il-pjattaforma tax-xogħol diġitali. ***Dawn il-proċedimenti ma għandux ikollhom effett sospensiv fuq l-applikazzjoni tal-preżunzjoni legali.***

*(Il-paragrafu 2 fit-test tal-Kummissjoni sar is-subparagrafu 2 tal-paragrafu 1 fl-emenda tal-Parlament.)*

**Emenda 99**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 5 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi targumenta li r-relazzjoni ta' impjieg ikkonċernata mhix relazzjoni ta' impjieg kif definita mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istati Membru kkonċernat, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-pjattaforma tax-xogħol diġitali għandha tintalab tassisti r-riżoluzzjoni kif suppost tal-proċedimenti, b'mod partikolari billi ttipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha li għandha.

*(Il-paragrafu 3 fit-test tal-Kummissjoni sar is-subparagrafu 3 tal-paragrafu 1 fl-emenda tal-Parlament.)*

**Emenda 100**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Emenda*

Meta l-pjattaforma tax-xogħol diġitali targumenta li r-relazzjoni ta' impjieg ikkonċernata mhix relazzjoni ta' impjieg ***f'konformità mal-Artikolu 4(1) u*** kif definita mil-liġi ***applikabbli***, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-obbligu ta' provi għandu jaqa' fuq il-pjattaforma tax-xogħol diġitali.

*Emenda*

Meta l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi targumenta li r-relazzjoni ta' impjieg ikkonċernata mhix relazzjoni ta' impjieg ***f'konformità mal-Artikolu 4(1), u*** kif definita mil-liġi ***applikabbli***, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istati Membru kkonċernat ***u*** fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-pjattaforma tax-xogħol diġitali għandha tintalab tassisti r-riżoluzzjoni kif suppost tal-proċedimenti, b'mod partikolari billi ttipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha li għandha.

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a.** *L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-possibbiltà li jikkonfutaw il-preżunzjoni msemmija fl-Artikolu 4 billi juru li l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi ġenwinament taħdem għal rasha peress li ż-żewġ kriterji li ġejjin huma ssodisfati:*

## **Emenda 101**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 5 – paragrafu 3a – punt a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(a)** *ir-relazzjoni kuntrattwali kkonċernata mhix relazzjoni ta' impjeg kif definita mil-liġi applikabbli, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi hija ħielsa mill-kontroll u d-direzzjoni tal-pjattaforma tax-xogħol diġitali b'rabta mat-twettiq tax-xogħol tagħha, kemm taħt il-kuntratt għat-twettiq tax-xogħol kif ukoll fir-realtà;*

## **Emenda 102**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 5 – paragrafu 3a – punt b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(b)** *il-persuna li twettaq xogħol fuq pjattaforma normalment tkun involuta f'kummerċ, professjoni jew negozju stabbiliti b'mod indipendenti tal-istess natura bħal dak li miegħu huwa relatat ix-xogħol imwettaq.*

## Emenda 103

### Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 3b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1b. Għandhom jitqiesu l-elementi li ġejjin li jindikaw il-kontroll u d-direzzjoni b'rabta mat-twettiq tax-xogħol, skont it-tifsira tal-punt (a) tal-Artikolu 5(2):***

## Emenda 104

### Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 3b – punt a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(a) id-determinar jew l-iffissar effettiv tal-limiti massimi għal-livell tar-remunerazzjoni jew il-ħruġ ta' pagamenti perjodiċi tar-remunerazzjoni;***

## Emenda 105

### Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 3b – punt b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(b) id-determinar jew il-kontroll effettiv tal-kondizzjonijiet tax-xogħol, inkluż ir-restrizzjoni tal-iskeda tal-ħin u d-durata tal-ħin tax-xogħol, jew l-infurzar tal-prestazzjoni tax-xogħol, inkluż permezz ta' penali jew inċentivi, ir-restrizzjoni tal-aċċess għax-xogħol, jew l-użu ta' sistemi ta' klassifikazzjoni bħala għodda ta' kontroll u bħala bażi għal penali u għodda għall-allokkazzjoni tal-inkarigi tax-xogħol;***

## Emenda 106



**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 3b – punt c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(c) jipprevjenu b'mod effettiv lill-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi milli tiżviluppa kuntatti kummerċjali ma' klijenti potenzjali, inkluż permezz tal-kontroll jew ir-restrizzjoni tal-komunikazzjoni bejn il-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi u r-riċevitur ta' oġġetti jew servizzi matul jew wara t-twettiq tax-xogħol;*

**Emenda 107**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 3b – punt d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(d) it-traċċar jew is-superviżjoni tal-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi waqt li tkun qed twettaq ix-xogħol;*

**Emenda 108**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 3b – punt e (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(e) il-ħtieġa li l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi tikkonforma mar-regoli speċifiċi fir-rigward tad-dehra, tal-kondotta lejn ir-riċevitur tas-servizz jew tat-twettiq tax-xogħol;*

**Emenda 109**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 3b – punt f**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(f) ir-restrizzjoni effettiva tal-użu ta' sottokuntratturi jew sostituti għat-twettiq tax-xogħol;**

#### **Emenda 110**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 5 – paragrafu 3b – punt g**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(g) ir-restrizzjoni effettiva tal-possibbiltà tal-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi li twettaq xogħol għal kwalunkwe parti terza, inklużi kompetituri oħra tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali;**

#### **Emenda 111**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 5 – paragrafu 3b – punt h**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(h) ir-restrizzjoni tal-libertà tal-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi li tagħżel il-protezzjoni soċjali, l-assigurazzjoni kontra l-inċidenti, l-iskema tal-pensjoni jew forom oħra ta' assicurazzjoni, inkluż permezz ta' konsegwenzi negattivi.**

#### **Emenda 112**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 5 – paragrafu 3c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1c. L-Istati Membri għandhom jirrieżaminaw u jivvalutaw regolarment u, fejn meħtieġ, jikkomplementaw l-elementi**

*stabbiliti fil-paragrafu 1b, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali. Meta pjattaforma tax-xogħol diġitali tikkontesta deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja li tiddetermina l-istatus fl-impjieg ta' persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi, il-proċedimenti dovuti għal din il-konfutazzjoni ma għandux ikollhom effett sospensiv fuq dik id-deċiżjoni.*

## Emenda 113

### Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi u għad-drittijiet tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali u tal-ħaddiema tal-pjattaformi skont *id-Direttiva* (UE) 2019/1152, l-Istati Membri għandhom jitolbu lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali biex jgħarrfu lill-ħaddiema *fuq pjattaformi* dwar:

#### *Emenda*

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi u għad-drittijiet tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali u tal-ħaddiema tal-pjattaformi skont *ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttivi 89/2019/KEE, 2009/38/KE u* (UE) 2019/1152, l-Istati Membri għandhom jitolbu lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali biex jgħarrfu lill-ħaddiema *tal-pjattaformi, lir-rappreżentanti tal-ħaddiema u lill-ispettorat tax-xogħol u lill-awtoritajiet kompetenti oħra*, dwar:

## Emenda 114

### Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) is-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ li jintużaw biex jimmonitorjaw, jissorveljaw jew jevalwaw il-prestazzjoni tax-xogħol tal-ħaddiema tal-pjattaformi b'mezzi elettroniċi;

#### *Emenda*

(a) is-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ li jintużaw biex *jappoġġaw*, jimmonitorjaw, jissorveljaw jew jevalwaw il-prestazzjoni tax-xogħol tal-ħaddiema tal-pjattaformi b'mezzi elettroniċi;

## Emenda 115

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) is-sistemi awtomatizzati tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jintużaw biex jieħdu deċiżjonijiet jew jappoġġawhom li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' dawk il-ħaddiema tal-pjattaformi, b'mod partikolari l-aċċess għall-inkarigi tax-xogħol tagħhom **għall-qligħ** tagħhom, għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tagħhom, għall-ħin tax-xogħol tagħhom, għall-promozzjoni tagħhom u għall-istatus kuntrattwali tagħhom, inkluż ir-restrizzjoni, is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-kont tagħhom.

*Emenda*

(b) is-sistemi awtomatizzati tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jintużaw biex jieħdu deċiżjonijiet jew jappoġġawhom li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' dawk il-ħaddiema tal-pjattaformi, b'mod partikolari **r-reklutaġġ tagħhom**, l-aċċess għall-inkarigi tax-xogħol tagħhom **u l-organizzazzjoni tagħhom, il-qligħ tagħhom inkluż l-ipprezzar tal-inkarigi individwali**, għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tagħhom, għall-ħin tax-xogħol tagħhom, għall-promozzjoni tagħhom u għall-istatus kuntrattwali tagħhom, inkluż ir-restrizzjoni, is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-kont tagħhom.

**Emenda 116**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) għandha tiġi pprovduta irrispettivament mis-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jkunu qed jiġu ġestiti mill-pjattaforma tax-xogħol diġitali jew minn kwalunkwe fornitur ta' servizzi li jbigħ is-servizzi manijerjali tiegħu lill-pjattaforma.***

**Emenda 117**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a – punt ii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(ii) il-kategoriji tal-azzjonijiet monitorjati, sorveljati jew evalwati minn dawn is-sistemi, inkluż l-evalwazzjoni mir-riċevitur tas-servizz;

*Emenda*

(ii) il-kategoriji ***tad-data u*** tal-azzjonijiet monitorjati, sorveljati jew evalwati minn dawn is-sistemi, inkluż l-evalwazzjoni mir-riċevitur tas-servizz;

## **Emenda 118**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 6 - paragrafu 2 – punt a – punt iia (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(iia) l-għan tal-monitoraġġ u kif is-sistema għandha tilħqu;***

## **Emenda 119**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a – punt iiib (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(iib) il-funzjonament u l-mod ta' operazzjoni ta' karatteristiċi li jaffettwaw ir-relazzjoni tal-impjeg, b'mod partikolari r-reklutaġġ, l-aċċess għall-inkarigi tax-xogħol, il-qligħ, is-saħħa u s-sikurezza, il-ħin tax-xogħol, il-promozzjoni, il-klassifikazzjoni u r-restrizzjoni, is-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-kontijiet;***

## **Emenda 120**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b – punt iii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(iii) ***il-parametri*** ewlenin li dawn is-sistemi jqisu u l-importanza relattiva ta' dawk il-parametri ewlenin fit-teħid ta'

(iii) ***il-kategoriji tad-data u l-parametri*** ewlenin li dawn is-sistemi jqisu u l-importanza relattiva ta' dawk il-parametri

deċiżjonijiet **awtomatiku**, inkluż il-mod li fih id-data personali jew l-imġiba tal-ħaddiem tal-pjattaformi tinfluwenza d-deċiżjonijiet;

ewlenin fit-teħid ta' deċiżjonijiet **awtomatizzat**, inkluż il-mod li fih id-data personali jew l-imġiba tal-ħaddiem tal-pjattaformi tinfluwenza d-deċiżjonijiet **u l-mekkaniżmi tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni**;

## Emenda 121

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b – punt iv

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(iv) ir-raġunijiet għad-deċiżjonijiet biex jirrestrinġu, jissospendu jew jitterminaw il-kont tal-ħaddiem tal-pjattaformi, biex jirrifjutaw ir-remunerazzjoni tax-xogħol imwettaq mill-ħaddiem tal-pjattaformi, dwar l-istatus kuntrattwali tal-ħaddiem tal-pjattaformi jew kwalunkwe deċiżjoni b'effetti simili.

##### *Emenda*

(iv) ir-raġunijiet għad-deċiżjonijiet biex jirrestrinġu, jissospendu jew jitterminaw il-kont tal-ħaddiem tal-pjattaformi, biex jirrifjutaw ir-remunerazzjoni tax-xogħol imwettaq mill-ħaddiem tal-pjattaformi, dwar l-istatus kuntrattwali tal-ħaddiem tal-pjattaformi jew kwalunkwe deċiżjoni b'effetti simili, **ir-raġunijiet għall-promozzjoni, għall-allokkazzjoni tal-kompiti u, fejn it-teħid ta' deċiżjonijiet huwa appoġġat jew ibbażat fuq il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, kif tkun ġiet evalwata l-imġiba u r-raġunijiet għall-evalwazzjoni.**

## Emenda 122

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

**2a. Deċiżjonijiet li jkollhom impatt fuq is-saħħa u s-sikurezza u fuq ir-relazzjoni kuntrattwali jew li jintroduċu bidliet fit-termini miftiehma tar-relazzjoni ta' impjeg, u deċiżjonijiet biex jiġu applikati miżuri dixxiplinari, jew li jirrestrinġu, jissospendu jew jitterminaw ir-relazzjoni kuntrattwali u l-kont tal-ħaddiem tal-pjattaforma, jew kwalunkwe deċiżjoni ta' detriment ekwivalenti, ma għandhomx**

*jittieħdu permezz ta' sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet u għandhom jittieħdu f'konformità mal-liġi nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi.*

## Emenda 123

### Proposta għal direttiva Artikolu 6 paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 fl-għamla ta' dokument li jista' jkun f'format elettroniku. ***Dawn għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni sa mhux aktar tard mill-ewwel ġurnata tax-xogħol, kif ukoll f'każ ta' bidliet sostanzjali jew fi kwalunkwe ħin fuq talba tal-ħaddiema tal-pjattaformi.*** L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata b'mod konċiż, trasparenti, li jinftiehem u aċċessibbli faċilment, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi.

#### *Emenda*

3. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 fl-għamla ta' dokument li jista' jkun f'format elettroniku. ***L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata b'mod trasparenti, li jinftiehem u aċċessibbli faċilment, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi. Għal sistemi awtomatizzati li għadhom kif ġew varati, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta qabel l-użu tagħhom u qabel kwalunkwe bidla li taffettwa l-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol jew il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tax-xogħol.***

***Il-ħaddiema individwali tal-pjattaformi għandhom jirċievu dik l-informazzjoni mill-pjattaforma tax-xogħol diġitali sa fejn is-sistemi u l-karatteristiċi tagħhom jaffettwawhom u jaffettwaw lill-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom direttament sa mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol, jew qabel l-introduzzjoni tal-bidliet li jaffettwaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol jew il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tax-xogħol u fi kwalunkwe ħin fuq talba tal-ħaddiema tal-pjattaformi. L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata b'mod konċiż, trasparenti, li jinftiehem u aċċessibbli faċilment, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi. Dik l-informazzjoni ma għandhiex tkun soġġetta għar-regoli ta' kunfidenzjalità stabbiliti bl-Artikolu 6a.***



## Emenda 124

### Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom jagħmlu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 disponibbli **għar-rappreżentanti tal-ħaddiema tal-pjattaformi** u **għall-awtoritajiet tax-xogħol** nazzjonali fuq talba tagħhom.

*Emenda*

4. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali **dejjem** għandhom jagħmlu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 disponibbli **għall-awtoritajiet tax-xogħol nazzjonali** u **awtoritajiet** nazzjonali **kompetenti oħra** fuq talba tagħhom.

## Emenda 125

### Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 5 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jipproċessaw kwalunkwe data personali dwar l-istat emottiv jew psikoloġiku tal-ħaddiem tal-pjattaformi;

*Emenda*

(a) jipproċessaw kwalunkwe data personali dwar l-istat emottiv jew psikoloġiku tal-ħaddiem tal-pjattaformi **jew jiddeduċu l-istat emozzjonali jew psikoloġiku tal-ħaddiem tal-pjattaformi billi jagħmlu użu minn kwalunkwe data personali miġbura;**

## Emenda 126

### Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 5 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) jipproċessaw kwalunkwe data personali marbuta mal-konverżazzjonijiet privati, inkluż l-iskambji mar-rappreżentanti tal-ħaddiema tal-pjattaformi;

*Emenda*

(c) jipproċessaw kwalunkwe data personali marbuta mal-konverżazzjonijiet privati, inkluż l-iskambji **fost jew mal-ħaddiema u** mar-rappreżentanti tal-ħaddiema tal-pjattaformi, **anke fir-rigward tal-possibbiltà ta' organizzazzjoni kollettiva u ta' difiża tad-drittijiet tagħhom;**

## **Emenda 127**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 5 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) jipproċessaw kwalunkwe data personali, li tiżvela oriġini razzjali jew etnika, status ta' immigrant, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, diżabilità jew stat ta' saħħa, inkluż mard kroniku jew status tal-HIV, jew sħubija fi trade union u l-ipproċessar ta' data ġenetika, data bijometrika għall-fini li tidentifika b'mod uniku persuna, jew data dwar il-ħajja sesswali jew l-orientazzjoni sesswali ta' persuna;*

## **Emenda 128**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 5 – punt da (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(da) jagħmlu użu minn identifikazzjoni bijometrika obbligatorja jew sorveljanza sproporzjonata jew mhux xierqa tal-prestazzjoni tax-xogħol.*

## **Emenda 129**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 5 – punt db (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(db) fi kwalunkwe ċirkostanza jipprevedu Prattiki diskriminatorji fl-ipproċessar ta' data personali;*

## **Emenda 130**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt dc (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(dc) jipproċessaw data personali biex ibassru, jipprevjenu jew jirrestrinġu l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-drittijiet soċjali, bħad-dritt ta' assoċjazzjoni, id-dritt ta' negozjar u azzjoni kollettiva jew id-dritt għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni;**

**Emenda 131**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 6 – paragrafu 5 – punt dd (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(dd) jipproċessaw data bbażata fuq il-bijometrija.**

**Emenda 132**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Il-protezzjoni tad-data personali kif imsemmija f'dan il-paragrafu għandha tapplika għall-ħaddiema tal-pjattaformi kollha sa mill-istadji ta' reklutaġġ qabel il-bidu tar-relazzjoni ta' impjeg.**

**Emenda 133**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 6 – paragrafu 5a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5a. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom iwettqu valutazzjoni tal-impatt**

*fuq il-protezzjoni tad-data u għandhom ifittxu l-fehmiet tas-suġġetti tad-data jew tar-rappreżentanti tagħhom dwar l-iproċessar maħsub. Il-valutazzjoni għandha titwettaq darba, qabel l-introduzzjoni ta' dawk l-operazzjonijiet ta' pproċessar u qabel kwalunkwe bidla li taffettwa l-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol jew il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tax-xogħol. L-informazzjoni misjuba fil-valutazzjoni tal-impatt għandha tiġi ppreżentata f'forma konċiża, trasparenti, intelliġibbli u faċilment aċċessibbli, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi, sabiex il-ħaddiema tal-pjattaformi u r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jħejju, fejn meħtieġ, għall-konsultazzjoni.*

#### **Emenda 134**

##### **Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 5b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5b.** *Il-pjattaformi diġitali tax-xogħol għandhom jinfurmaw lill-ħaddiema tal-pjattaformi u lir-rappreżentanti tal-ħaddiema dwar kwalunkwe trasferiment ta' data personali fi ħdan grupp ta' impriżi, jew grupp ta' impriżi involuti f'attività ekonomika konġunta li jagħmel użu minn sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ.*

#### **Emenda 135**

##### **Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 5c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5c.** *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jipprovdu lill-ħaddiema tal-*

*pjattaformi b'interfaċċa u b'għodod biex jiffaċilitaw portabbiltà effettiva tad-data li tinqara minn magna li tkun mingħajr ħlas, inkluż fir-rigward ta' data reputazzjonali, id-dritt għal rettifika, għal tħassir u li d-dritt li jkun minsi, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679. Il-ħaddiema tal-pjattaformi għandu jkollhom ukoll id-dritt li dik id-data ma tiġix trasferita.*

## **Emenda 136**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 6a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 6a*

##### *Informazzjoni kunfidenzjali*

*1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li, fil-kuntest tal-proċessi ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni u soġġett għall-kondizzjonijiet u l-limiti stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali u għal kriterji oġġettivi, ir-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u kwalunkwe espert li jgħinhom ma jkunux awtorizzati jiżvelaw informazzjoni li, fl-interess leġittimu tal-impriża jew tal-istabbiliment, tkun għet ipprovduta lilhom b'mod kunfidenzjali b'mod espliċitu.*

*Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal:*

*(a) komunikazzjoni bejn ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u l-kunsilli tax-xogħlijiet Ewropej, nazzjonali jew lokali u l-organizzazzjonijiet tat-trade unions rikonoxxuti kompetenti dwar informazzjoni li tista' taffettwa l-impjiegi jew il-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema;*

*(b) informazzjoni dwar elementi li jistgħu jaffettwaw id-drittijiet protetti*

*minn din id-Direttiva.*

**2.** *Il-pjattaforma tax-xogħol diġitali għandha tispeċifika lir-rappreżentanti tal-ħaddiema l-kriterji oġġettivi użati biex tittieħed deċiżjoni dwar in-natura kunfidenzjali tal-informazzjoni, kif ukoll għal kemm żmien tapplika l-kunfidenzjalità. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw bil-liġi l-lista ta' tali kriterji oġġettivi u għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkollhom il-possibbiltà li jirrevedu l-klassifikazzjoni ta' kwistjoni permezz ta' deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja urġenti.*

### **Emenda 137**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 7 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Monitoraġġ** mill-bniedem tas-sistemi awtomatizzati

*Emenda*

**Superviżjoni** mill-bniedem tas-sistemi awtomatizzati

### **Emenda 138**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu -1 (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**-1.** *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jipprevedu superviżjoni umana tad-deċiżjonijiet kollha li jaffettwaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol.*

### **Emenda 139**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali **jimmonitorjaw** u **jevalwaw** regolarment **l-impatt** tad-deċiżjonijiet individwali meħuda jew appoġġati mis-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1), dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali, **bl-involviment tar-rappreżentanti tal-ħaddiema jissorveljaw** u **jwettqu valutazzjoni**, regolarment **u mill-inqas darba fis-sena, tal-impatt** tad-deċiżjonijiet individwali meħuda jew appoġġati mis-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1), dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol, **is-saħħa u s-sikurezza u d-drittijiet fundamentali**.

**Emenda 140**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jevalwaw **ir-riskji** tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema tal-pjattaformi, **b'mod partikolari** fir-rigward tar-riskji possibbli tal-aċċidenti relatati max-xogħol, tar-riskji psikosoċjali u ergonomiċi;

*Emenda*

(a) **jevitaw ir-riskji, jew jevalwaw u jiġġieldu r-riskji li ma jistgħux jiġu evitati** tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema tal-pjattaformi, **inkluż** fir-rigward tar-riskji possibbli tal-aċċidenti relatati max-xogħol, tar-riskji psikosoċjali u ergonomiċi;

**Emenda 141**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(aa) **jevalwaw ir-riskju ta' diskriminazzjoni li jirriżulta minn deċiżjonijiet meħuda minn daww is-sistemi, inkluż fir-replikazzjoni ta' preġudizzji bejn il-ġeneri, razzjali u oħrajn soċjali fl-għażla u t-trattament ta' gruppi differenti;**

*Emenda*



## Emenda 142

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) jintroduċu miżuri preventivi u ta' protezzjoni xierqa.

*Emenda*

(c) jintroduċu miżuri preventivi, **korrettivi** u ta' protezzjoni xierqa.

## Emenda 143

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Il-valutazzjoni tal-impatt imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 u għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet kompetenti tax-xogħol u tal-protezzjoni tad-data, u lir-rappreżentanti tal-ħaddiema.**

## Emenda 144

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 7 – paragrafu 2b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b. Jekk il-valutazzjoni tal-impatt imsemmija fil-paragrafu 1 issib riskji għas-saħħa u s-sikurezza jew għad-drittijiet fundamentali li ma jistgħux jiġu evitati jew imtaffija, kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-pjattaforma tax-xogħol diġitali għandha twaqqaf minnufih l-użu tas-sistema awtomatizzata.**

## Emenda 145

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 7 - paragrafu 2c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2c. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali ma għandhomx jużaw is-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u t-teħid ta' deċiżjonijiet bi kwalunkwe mod li jpoġġi pressjoni bla bżonn fuq il-ħaddiema tal-pjattaformi jew inkella jpoġġi fir-riskju s-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema tal-pjattaformi.**

**Emenda 146**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali jiżguraw biżżejjed riżorsi umani **għall-monitoraġġ** tal-impatt tad-deċiżjonijiet individwali meħuda jew appoġġati mis-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet f'konformità ma' dan l-Artikolu. Il-persuni assenjati mill-pjattaforma tax-xogħol diġitali bil-funzjoni **tal-monitoraġġ** għandu jkollhom il-kompetenza, it-taħriġ u l-awtorità meħtieġa biex jeżerċitaw dik il-funzjoni. Huma għandhom jibbenefikaw minn protezzjoni mis-sensja, mill-miżuri dixxiplinarji jew minn kwalunkwe trattament negattiv ieħor għat-tħassir tad-deċiżjonijiet awtomatizzati jew għas-suġġerimenti għad-deċiżjonijiet.

3. L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali jiżguraw biżżejjed riżorsi umani **għas-superviżjoni effettiva** tal-impatt tad-deċiżjonijiet individwali meħuda jew appoġġati mis-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet f'konformità ma' dan l-Artikolu. Il-persuni assenjati mill-pjattaforma tax-xogħol diġitali bil-funzjoni **li jwettqu l-valutazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu u li jissorveljaw jew jirrevedu t-teħid ta' deċiżjonijiet meħuda jew appoġġati minn sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ jew ta' teħid ta' deċiżjonijiet** għandu jkollhom il-kompetenza, it-taħriġ u l-awtorità meħtieġa biex jeżerċitaw dik il-funzjoni, **inkluża l-possibbiltà li jintervjenu u jreġghu lura dawk id-deċiżjonijiet**. Huma għandhom jibbenefikaw minn protezzjoni mis-sensja, mill-miżuri dixxiplinarji jew minn kwalunkwe trattament negattiv ieħor għat-tħassir tad-deċiżjonijiet awtomatizzati jew għas-suġġerimenti għad-deċiżjonijiet.

## Emenda 147

### Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a.** *Meta valutazzjoni tal-impatt kif imsemmija fil-paragrafu 1 jinstab li mhijiex konformi ma' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet rilevanti tas-saħħa u s-sikurezza, il-protezzjoni tad-data, ix-xogħol u awtoritajiet kompetenti oħra għandhom jieħdu miżuri kkoordinati biex jinfurzaw dawk id-dispożizzjonijiet.*

## Emenda 148

### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Rieżami uman ta' deċizzjonijiet sinifikanti

Rieżami uman ta' deċizzjonijiet **li jaffettwaw b'mod** sinifikanti **l-kondizzjonijiet tax-xogħol**

## Emenda 149

### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema tal-pjattaformi jkollhom id-dritt li **jiksbu** spjegazzjoni mill-pjattaforma tax-xogħol diġitali għal kwalunkwe deċizzjoni meħuda jew appoġġata minn sistema awtomatizzata ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċizzjonijiet li taffettwa b'mod sinifikanti l-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiem tal-pjattaformi, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1)(b). B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jipprovdu lill-ħaddiema tal-

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema tal-pjattaformi jkollhom id-dritt li **jirċievu** spjegazzjoni mill-pjattaforma tax-xogħol diġitali għal kwalunkwe deċizzjoni meħuda jew appoġġata minn sistema awtomatizzata ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċizzjonijiet li taffettwa b'mod sinifikanti l-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiem tal-pjattaformi, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1)(b). **L-ispejgazzjoni għandha tiġi ppreżentata b'mod trasparenti u li jinftiehem, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u**

pjattaformi b'aċċess għal persuna ta' kuntratt deżinjata mill-pjattaforma tax-xogħol diġitali biex tiddiskuti dwar il-fatti, iċ-ċirkostanzi u r-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni u tikkjarifikahom. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom jiżguraw li dawn il-persuni ta' kuntatt għandhom il-kompetenza, it-taħriġ u l-awtorità meħtieġa biex jeżerċitaw dik il-funzjoni.

*sempliċi fi żmien xieraq u mhux aktar tard mill-ewwel jum tal-applikazzjoni tad-deċiżjoni.* B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jipprovdu lill-ħaddiema tal-pjattaformi b'aċċess għal persuna ta' kuntratt deżinjata mill-pjattaforma tax-xogħol diġitali biex tiddiskuti dwar il-fatti, iċ-ċirkostanzi u r-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni u tikkjarifikahom. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom jiżguraw li dawn il-persuni ta' kuntatt għandhom il-kompetenza, it-taħriġ u l-awtorità meħtieġa biex jeżerċitaw dik il-funzjoni.

## Emenda 150

### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom jipprovdu lill-ħaddiem tal-pjattaformi dikjarazzjoni bil-miktub bir-raġunijiet għal kwalunkwe deċiżjoni ***meħuda jew*** appoġġata minn sistema awtomatizzata għat-teħid ta' deċiżjonijiet biex jirrestrinġu, jissospendu jew jitterminaw il-kont tal-ħaddiem tal-pjattaformi, kwalunkwe deċiżjoni biex jirrifjutaw ir-remunerazzjoni tax-xogħol imwettaq mill-ħaddiem tal-pjattaformi, kwalunkwe deċiżjoni dwar l-istatus kuntrattwali tal-ħaddiem tal-pjattaformi jew kwalunkwe deċiżjoni b'effetti simili.

#### *Emenda*

Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom jipprovdu lill-ħaddiem tal-pjattaformi, ***fil-ħin u mill-inqas fl-ewwel jum ta' applikazzjoni,*** dikjarazzjoni bil-miktub bir-raġunijiet għal kwalunkwe deċiżjoni appoġġata minn sistema awtomatizzata għat-teħid ta' deċiżjonijiet biex jirrestrinġu ***l-aċċess għall-inkarigi tax-xogħol, jew jirrestrinġu,*** jissospendu jew jitterminaw il-kont tal-ħaddiem tal-pjattaformi, kwalunkwe deċiżjoni biex jirrifjutaw ir-remunerazzjoni tax-xogħol imwettaq mill-ħaddiem tal-pjattaformi, kwalunkwe deċiżjoni dwar l-istatus kuntrattwali tal-ħaddiem tal-pjattaformi jew kwalunkwe deċiżjoni ***li għandha effett fuq it-termini maqbula tar-relazzjoni ta' impjeg jew kwalunkwe deċiżjoni*** b'effetti simili. ***Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu f'konformità mad-dritt jew il-prattika nazjonali u l-ftehimiet kollettivi applikabli.***

## Emenda 151

### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Meta l-ħaddiema** tal-pjattaformi **ma jkunux sodisfatti bl-ispjegazzjoni jew bid-dikjarazzjoni bil-miktub tar-raġunijiet miksuba jew iqisu li d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 tikser drittijiethom**, għandu jkollhom id-dritt li jitolbu lill-pjattaforma tax-xogħol diġitali biex tirrieżamina **dik id-deċiżjoni**. Il-pjattaforma tax-xogħol diġitali għandha twieġeb għal din it-talba billi tipprovdli lill-ħaddiem tal-pjattaformi bi tweġiba sostanzjata mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien **ġimgħa** minn meta tasal it-talba.

*Emenda*

**Il-ħaddiema** tal-pjattaformi **u r-rappreżentanti tal-ħaddiema** għandu jkollhom id-dritt li jitolbu lill-pjattaforma tax-xogħol diġitali biex tirrieżamina **d-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1**. Il-pjattaforma tax-xogħol diġitali għandha twieġeb għal din it-talba billi tipprovdli lill-ħaddiem tal-pjattaformi bi tweġiba **biżżejjed preċiża u sostanzjata b'mod adegwat** mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien **ġimgħatejn** minn meta tasal it-talba.

## Emenda 152

### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Fir-rigward tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali li huma intrapriżi mikro, żgħar u medji, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li **l-iskadenza għal tweġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu** tiġi estiża **b'ġimgħatejn**.

*Emenda*

Fir-rigward tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali li huma intrapriżi mikro, żgħar u medji, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li **dik l-iskadenza** tiġi estiża **b'xahar**.

## Emenda 153

### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Meta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 tikser id-drittijiet tal-ħaddiem tal-pjattaformi, il-pjattaforma tax-xogħol diġitali għandha tirrettifika dik id-deċiżjoni

*Emenda*

3. Meta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 tikser id-drittijiet tal-ħaddiem tal-pjattaformi, il-pjattaforma tax-xogħol diġitali għandha tirrettifika dik id-deċiżjoni

mingħajr dewmien jew, fejn din ir-rettifika mhix possibbli, *toffri* kumpens adegwat.

mingħajr dewmien jew, fejn din ir-rettifika mhix possibbli, *jipprovd* kumpens adegwat, *li għandu jkun proporzjonali għall-gravità tal-ksur*.

## Emenda 154

### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – subparagrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-proċeduri ta' sensja stabbiliti fid-dritt nazzjonali.

#### *Emenda*

4. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-proċeduri ta' sensja *jew kwalunkwe proċedura dixxiplinari oħra* stabbiliti fid-dritt nazzjonali, *mill-prattika jew mill-ftehimiet kollettivi applikabbli*.

## Emenda 155

### Proposta għal direttiva Artikolu 9 - paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u għall-obbligi skont *id-Direttiva* 2002/14/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema tal-pjattaformi jew, fejn ma jkunx hemm dawn ir-rappreżentanti, tal-ħaddiema tal-pjattaformi kkonċernati mill-pjattaformi tax-xogħol diġitali, dwar deċiżjonijiet li x'aktarx iwasslu għall-introduzzjoni *tal-użu* tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew għat-tibdil sostanzjali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 6(1), f'konformità ma' dan l-Artikolu.

#### *Emenda*

1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u għall-obbligi skont *id-Direttivi* 89/391/KEE, 2002/14/KE u 2009/38/KE,, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-informazzjoni *f'waqtha* u l-konsultazzjoni *effettiva* tar-rappreżentanti *tal-ħaddiema u* tal-ħaddiema tal-pjattaformi jew, fejn ma jkunx hemm dawn ir-rappreżentanti, tal-ħaddiema tal-pjattaformi kkonċernati mill-pjattaformi tax-xogħol diġitali, dwar deċiżjonijiet li x'aktarx iwasslu għall-introduzzjoni *ta' tibdil sostanzjali li jaffettwa l-kondizzjonijiet tax-xogħol u s-saħħa u s-sikurezza fl-użu* tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew għat-tibdil sostanzjali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 6(1), f'konformità ma' dan l-Artikolu. *Meta jiddeffenixxu jew jimplementaw l-arranġamenti prattiċi għall-informazzjoni*

*u l-konsultazzjoni, il-pjattaforma tax-xogħol diġitali u r-rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom jaħdmu fi spirtu ta' kooperazzjoni u billi jkunu meqjusa kif xieraq id-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tagħhom, billi jkunu meqjusa l-interessi kemm tal-pjattaforma tax-xogħol diġitali kif ukoll tal-ħaddiema.*

## **Emenda 156**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 2**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ta' "informazzjoni" u ta' "konsultazzjoni" kif stabbiliti fl-Artikolu 2, il-punti (f) u (g) tad-Direttiva 2002/14/KE. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 4(1), (3) u (4), fl-Artikolu **6 u l-Artikolu 7** tad-Direttiva 2002/14/KE għandhom japplikaw kif xieraq.

#### *Emenda*

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ta' "informazzjoni" u ta' "konsultazzjoni" kif stabbiliti fl-Artikolu 2, il-punti (f) u (g) tad-Direttiva 2002/14/KE. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 4(1), (3) u (4), fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/14/KE għandhom japplikaw kif xieraq.

## **Emenda 157**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**2a. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1), (2), (5a) u (5b) u fl-Artikolu 7 lir-rappreżentanti tal-ħaddiema b'biżżejjed żmien biex jippermettu eżami bir-reqqa u konsultazzjoni effettiva. Għal sistemi awtomatizzati varati ġodda, il-konsultazzjoni għandha ssir qabel l-użu tagħhom u qabel kwalunkwe bidla li taffettwa l-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol jew il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tax-xogħol.**



## Emenda 158

### Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema tal-pjattaformi jew il-ħaddiema tal-pjattaformi kkonċernati jistgħu jiġu meġhuna minn espert tal-għażla tagħhom, dment li dan hu meħtieġ sabiex huma jeżaminaw il-kwistjoni li hi s-suġġett tal-informazzjoni u tal-konsultazzjoni u biex isawru opinjoni. Meta pjattaforma tax-xogħol diġitali għandha aktar minn **500** ħaddiem tal-pjattaformi fi Stat Membru, il-kostijiet tal-espert għandhom jiġihallu mill-pjattaforma tax-xogħol diġitali, sakemm ikunu proporzjonati.

#### *Emenda*

3. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema tal-pjattaformi jew il-ħaddiema tal-pjattaformi kkonċernati jistgħu jiġu meġhuna minn espert tal-għażla tagħhom, dment li dan hu meħtieġ sabiex huma jeżaminaw il-kwistjoni li hi s-suġġett tal-informazzjoni u tal-konsultazzjoni u biex isawru opinjoni. Meta pjattaforma tax-xogħol diġitali għandha aktar minn **250** ħaddiem tal-pjattaformi fi Stat Membru, il-kostijiet tal-espert għandhom jiġihallu mill-pjattaforma tax-xogħol diġitali, sakemm ikunu proporzjonati.

## Emenda 159

### Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**3a. L-informazzjoni u l-konsultazzjoni effettiva għandhom jiġu żgurati irrispettivament mis-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jkunu qed jiġu ġestiti mill-pjattaforma tax-xogħol diġitali jew minn fornitur ta' servizz li jbigħ is-servizzi ta' ġestjoni tiegħu lill-pjattaforma.**

## Emenda 160

### Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

1. **L-Artikolu 6, l-Artikolu 7(1) u (3)**

1. **L-Artikoli 6, 7 u 8 għandhom**

*u l-Artikolu 8 għandhom japplikaw ukoll għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi li ma għandhomx kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg.*

japplikaw ukoll għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi li ma għandhomx kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg.

## **Emenda 161**

### **Proposta għal direttiva Kapitolu IIIa (ġdid) – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### ***Kapitolu IIIa***

#### ***PROMOZZJONI TA' NEGOZZAR KOLLETTIV***

## **Emenda 162**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 10a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### ***Artikolu 10a***

#### ***Promozzjoni ta' negozjar kollettiv dwar xogħol fuq il-pjattaformi***

***1. F'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali, l-Istati Membri, bl-involvement tas-sħab soċjali, għandhom jippromwovu n-negozjar kollettiv fix-xogħol fuq il-pjattaformi, inkluż dwar il-karatteristiċi tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet, sabiex jittejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol, permezz ta' dawn kollha li ġejjin:***

***(a) jiżguraw li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali, filwaqt li jqisu d-daqs u l-kapaċità tal-impriża kkonċernata, jipprovdu lir-rappreżentanti tal-ħaddiema b'informazzjoni rilevanti sabiex jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal negozjar kollettiv;***

***(b) jiżguraw li t-trade unions ikollhom id-dritt li jaċċessaw il-ħaddiema tal-pjattaformi, li jiltaqgħu lill-ħaddiema u***

*jikkuntattjawhom individwalment jew kollettivament għall-fini li jorganizzaw il-ħaddiema, jinneozjaw f'isimhom u jirrappreżentawhom;*

*(c) jipprovdu miżuri sabiex jiġi żgurati li d-dritt ta' negozjar u ta' azzjoni kollettivi ma jiddgħajjef minn ebda prattika.*

*2. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-rispett sħiħ tal-awtonomija tas-sħab soċjali, kif ukoll għad-dritt tagħhom li jinneozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi.*

## Emenda 163

### Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004<sup>69</sup>, u 987/2009<sup>70</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Istati Membri għandhom jitolbu lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali **li huma impjegaturi** biex jiddikjaraw ix-xogħol imwettaq mill-ħaddiema tal-pjattaformi lill-awtoritajiet kompetenti ta' impjieg u ta' protezzjoni soċjali tal-Istat Membru li fih jitwettaq ix-xogħol u li jaqsmu d-data rilevanti ma' dawn l-awtoritajiet, f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri stipulati fid-dritt tal-Istati Membri kkonċernati.

---

<sup>69</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p.

#### *Emenda*

Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004<sup>69</sup>, u 987/2009<sup>70</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Istati Membri għandhom jitolbu lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali biex jiddikjaraw ix-xogħol imwettaq mill-ħaddiema tal-pjattaformi lill-awtoritajiet kompetenti ta' impjieg, **tat-taxxa** u ta' protezzjoni soċjali tal-Istat Membru li fih jitwettaq ix-xogħol, **li jinformaw lil daww l-awtoritajiet dwar ix-xogħol imwettaq minn persuni li jwettqu xogħol fuq pjattaforma diġitali, u l-istatus tal-impjieg tagħhom** u li jaqsmu d-data rilevanti ma' dawn l-awtoritajiet, f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri stipulati fid-dritt tal-Istati Membri kkonċernati, **ukoll sabiex jikkonformaw mal-obbligi fiskali u ta' protezzjoni soċjali tagħhom skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali.**

---

<sup>69</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p.

1).

<sup>70</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1).

## Emenda 164

### Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta l-awtoritajiet tax-xogħol, tal-protezzjoni soċjali u oħra rilevanti jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom biex jiżguraw il-konformità mal-obbligi legali applikabbli għall-istatus fl-impjieg tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u meta r-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' rappreżentazzjoni tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jpoġġu dan it-tagħrif li ġej għad-disponibbiltà tagħhom:

(a) l-għadd ta' persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi permezz tal-pjattaforma tax-xogħol diġitali kkonċernata ***fuq bażi regolari*** u l-istatus kuntrattwali jew l-istatus fl-impjieg tagħhom;

(b) it-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali applikabbli għal dawk ir-relazzjonijiet kuntrattwali, ***sakemm dawn it-termini u l-kondizzjonijiet huma determinati b'mod unilaterali mill-pjattaforma tax-xogħol diġitali u li japplikaw għal għadd kbir ta'***

1).

<sup>70</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1).

#### *Emenda*

1. Meta l-awtoritajiet tax-xogħol, ***tas-saħħa u s-sikurezza***, tal-protezzjoni soċjali u oħra rilevanti jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom biex jiżguraw il-konformità mal-obbligi legali applikabbli għall-istatus fl-impjieg tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u meta r-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' rappreżentazzjoni tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jpoġġu dan it-tagħrif li ġej għad-disponibbiltà tagħhom, ***irrispettivament mill-pajjiż fejn tkun stabbilita l-pjattaforma:***

(a) l-għadd ta' persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi permezz tal-pjattaforma tax-xogħol diġitali kkonċernata u l-istatus kuntrattwali jew l-istatus fl-impjieg tagħhom;

***(aa) kopja tal-kuntratti ta' impjieg, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679;***

(b) it-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali applikabbli għal dawk ir-relazzjonijiet kuntrattwali;

*relazzjonijiet kuntrattwali.*

*(ba) id-durata medja tal-attività, l-għadd medju ta' sghat maħduma fil-ġimgħa għal kull persuna u l-introjtu medju mill-attività ta' persuni li jwettqu xogħol fuq pjattaforma diġitali fuq bażi regolari permezz tal-pjattaforma tax-xogħol diġitali kkonċernata.*

## Emenda 165

### Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-awtoritajiet ta' xogħol, ta' protezzjoni soċjali u oħra rilevanti u r-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi għandhom id-dritt jitolbu lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali aktar kjarifiki u dettalji fir-rigward ta' kwalunkwe data pprovduta. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom jagħtu rispons għal din it-talba *f'perjodu ta' żmien raġonevoli billi jipprovdu tweġiba sostanzjata.*

*Emenda*

3. L-awtoritajiet ta' xogħol, ta' protezzjoni soċjali u oħra rilevanti u r-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi għandhom id-dritt jitolbu lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali aktar kjarifiki u dettalji fir-rigward ta' kwalunkwe data pprovduta. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom jagħtu rispons għal din it-talba *billi jiprovdu tweġiba sostanzjata mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar minn mindu tasal it-talba. Dik l-iskadenza għandha tiġi estiża għal xahrejn għall-intrapriżi mikro u żgħar.*

## Emenda 166

### Proposta għal direttiva Artikolu 12a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 12a*

#### *Kooperazzjoni f'każijiet transfruntiera*

1. *L-awtoritajiet kompetenti tax-xogħol, tal-protezzjoni soċjali u tat-taxxa għandhom jiskambjaw informazzjoni fir-rigward ta' persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi diġitali fi Stat Membru*

*differenti minn dak li fih tkun stabbilita l-pjattaforma tax-xogħol diġitali. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom ikunu jistgħu jiddependu fuq sistemi rilevanti eżistenti għall-iskambju ta' informazzjoni, inklużi s-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern tal-Kummissjoni u l-EURES.*

*2. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2019/1149, għall-każijiet li jkollhom rilevanza transfruntiera, l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol għandha tiffaċilita u tappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti inkarigati mill-monitoraġġ tal-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u l-koordinazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali, kif ukoll tappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-indirizzar tax-xogħol mhux iddikjarat, tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi rigward il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol madwar l-Unjoni, inklużi dawk li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, tippromwovi l-kooperazzjoni effettiva u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, u tikkoordina u tappoġġa spezzjonijiet miftiehma u konġunti, fejn mitlub minn Stat Membru wieħed jew aktar.*

## **Emenda 167**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 12b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 12b**

##### **Ir-Responsabbiltà tas-sottokuntrattar**

*1. L-Istati Membri għandhom, wara li jikkonsultaw mas-sħab soċjali rilevanti f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali, jipprevedu miżuri li jiżguraw li fil-ktajjen ta' sottokuntrattar il-persuni li*

*jwettqu xogħol fuq pjattaforma diġitali jkollhom rimedju effettiv fejn il-pjattaforma tax-xogħol diġitali li l-impjegatur huwa sottokuntrattur tagħha tista' tinżamm responsabbli, flimkien ma' jew minflok l-impjegatur, għal kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema tal-pjattaforma previsti f'din id-Direttiva, inkluż fir-rigward ta' kwalunkwe remunerazzjoni u kontribuzzjoni pendenti dovuti lill-fondi komuni jew lill-istituzzjonijiet tas-sħab soċjali.*

*2. Ir-responsabbiltà tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandha tkun limitata għad-drittijiet tal-ħaddiema miksuba matul ir-relazzjoni kontrattwali bejn il-kuntrattur u s-sottokuntrattur.*

*3. L-Istati Membri jistgħu, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, jipprevedu b'mod ugwali regoli dwar ir-responsabbiltà aktar strinġenti skont id-dritt nazzjonali fuq bażi nondiskriminatorja u proporzjonata fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-firxa tar-responsabbiltà tas-sottokuntrattur.*

*4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri xierqa ta' infurzar oħrajn, f'konformità mad-dritt u l-prattika tal-Unjoni u nazzjonali, li jipprevedu, f'relazzjoni sottokuntrattwali, penali effettivi u proporzjonati kontra l-kuntrattur, biex jindirizzaw il-frodi u l-abbuż f'sitwazzjonijiet meta l-ħaddiema jkollhom diffikultajiet biex jiksbu d-drittijiet tagħhom.*

## Emenda 168

### Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 79 u*

*1. Mingħajr preġudizzju għall-*



82 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, inkluż dawk li r-relazzjoni ta' impjeg jew relazzjoni kuntrattwali oħra tagħhom intemmet, **għandhom** aċċess għal soluzzjoni għat-tilwim effettiva u għad-dritt għal rimedju, inkluż għal kumpens adegwat, fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn din id-Direttiva.

Artikoli 79 u 82 tar-Regolament (UE) 2016/679 **u l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/52/KE**, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, inkluż dawk li r-relazzjoni ta' impjeg jew relazzjoni kuntrattwali oħra tagħhom intemmet, **ikollhom** aċċess għal soluzzjoni għat-tilwim **adegwata, fil-waqt**, effettiva u għad-dritt għal rimedju, inkluż għal kumpens adegwat, fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn din id-Direttiva. **L-aċċess għal tali soluzzjoni tat-tilwim u d-dritt għal rimedju għandu jkun mingħajr ħlas, tal-anqas għall-ħaddiema li ma jkollhomx mezzi suffiċjenti.**

## Emenda 169

### Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jkollhom id-dritt li jressqu lment quddiem l-awtorità superviżorja kompetenti.**

## Emenda 170

### Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jew entitajiet legali oħra għandhom, f'konformità mal-kriterji stipulati mid-dritt jew prattika nazzjonali, interess leġittimu biex jaqbru għad-drittijiet tal-persuni li

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2016/679, **u l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/52/KE, u f'konformità mad-Direttiva 2002/14/KE**, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jew entitajiet legali oħra għandhom, f'konformità mal-kriterji stipulati mid-dritt

jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, jistgħu jinvolve ruħhom fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva biex jinfurzaw kwalunkwe drittijiet jew obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva. Huma jistgħu jaġixxu f'isem il-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi jew b'appoġġ għaliha f'każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva, bl-approvazzjoni ta' dik il-persuna.

jew prattika nazzjonali, interess leġittimu biex jaqbuza għad-drittijiet tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, jistgħu jinvolve ruħhom fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva biex jinfurzaw kwalunkwe drittijiet jew obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva. Huma jistgħu jaġixxu f'isem il-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi jew b'appoġġ għaliha f'każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva, bl-approvazzjoni ta' dik il-persuna ***fejn rilevanti u f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali.***

## Emenda 171

### Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Ir-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi għandu jkollhom ukoll id-dritt li jaġixxu f'isem bosta persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jew b'appoġġ għalihom, ***bl-approvazzjoni ta' dawk il-persuni.***

#### *Emenda*

2. Ir-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi għandu jkollhom ukoll id-dritt li jaġixxu f'isem bosta persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jew b'appoġġ għalihom, ***f'konformità mal-prattika u d-dritt nazzjonali.***

## Emenda 172

### Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***2a. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tat-trade unions kif stabbiliti fil-prattika u d-dritt nazzjonali.***

## Emenda 173

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 14 – paragrafu 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali ta' proċedura li jikkonċernaw ir-rappreżentanza u d-difiża quddiem il-qrati.**

**Emenda 174**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 15 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Artikolu 15

Artikolu 15

Kanali ta' komunikazzjoni **għall-persuni** li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi

Kanali ta' komunikazzjoni **u rapportar għall-persuni** li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi

**Emenda 175**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jgħall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi biex jikkuntattjaw jew jikkomunikaw ma' xulxin, u biex jiġu kkuntattjati minn rappreżentanti **tal-persuni** li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, permezz tal-infrastrutturi diġitali tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali jew ta' mezzi effettivi simili, filwaqt li jikkonformaw mal-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2016/679. L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali joqogħdu lura milli jaċċessaw jew jimmonitorjaw dawk il-kuntatti u komunikazzjonijiet.

**1.** L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jgħall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi biex jikkuntattjaw jew jikkomunikaw **b'mod privat u sigur** ma' xulxin, u biex jiġu kkuntattjati minn **trade unions u rappreżentanti tal-ħaddiema** li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, permezz tal-infrastrutturi diġitali tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali jew ta' mezzi effettivi simili **b'mod viżibbli u immedjament aċċessibbli**, filwaqt li jikkonformaw mal-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2016/679. L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali

joqogħdu lura *milli jaċċessaw dawn il-kanali apparti għall-manutenzjoni funzjonali tagħhom jew* *milli jaċċessaw jew jimmonitorjaw dawk il-kuntatti u komunikazzjonijiet.*

## Emenda 176

### Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Sabiex il-persuni li jwettqu xogħol fuq pjattaforma diġitali jiġu salvagwardjati mill-vjolenza, inkluż il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-fastidju, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jiżviluppaw politiki kontra l-vjolenza u l-fastidju u jieħdu miżuri preventivi, b'mod partikolari billi jgħolqu, bl-involviment ta' rappreżentanti ta' persuni li jwettqu xogħol fuq pjattaforma diġitali, kanali ta' rappurtar effettivi permezz tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali, infrastruttura diġitali jew mezzi effettivi simili, filwaqt li jikkonformaw mal-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2016/679. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom jiżguraw li l-privatezza ta' dawk l-individwi u l-kunfidenzjalità tar-rapporti jkunu protetti kif xieraq. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jkollhom miżuri preventivi u protettivi u mekkaniżmi ta' investigazzjoni effettivi u f'waqthom biex jindirizzaw tali rapporti.*

## Emenda 177

### Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-proċedimenti li jikkonċernaw ***pretensjoni rigward id-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjeg tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi***, il-qrati nazzjonali jew l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jordnaw lill-pjattaforma tax-xogħol diġitali biex tikxef kwalunkwe evidenza rilevanti li tkun tinsab fil-kontroll tagħhom.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-proċedimenti li jikkonċernaw ***id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva***, il-qrati nazzjonali jew l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jordnaw lill-pjattaforma tax-xogħol diġitali biex tikxef kwalunkwe evidenza rilevanti li tkun tinsab fil-kontroll tagħhom, ***irrispettivament minn fejn hija stabbilita l-pjattaforma tax-xogħol diġitali u minn jekk is-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet humiex ġestiti mill-pjattaforma tax-xogħol diġitali jew minn fornitur ta' servizzi li jbigħ is-servizzi manijerjali tiegħu lill-pjattaforma.***

**Emenda 178**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Artikolu 17

Protezzjoni kontra trattament jew konsegwenzi negattivi

L-Istati Membri għandhom jintroduċu l-miżuri meħtieġa sabiex jipproteġu lill-ħaddiema li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, inkluż dawk li jkunu rappreżentanti tagħhom, minn kwalunkwe trattament negattiv min-naħa tal-pjattaforma tax-xogħol diġitali u minn kwalunkwe konsegwenza negattiva li tirriżulta minn ilment imressaq quddiem il-pjattaforma tax-xogħol diġitali jew li tirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bil-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva.

*Emenda*

Artikolu 17

Protezzjoni kontra trattament jew konsegwenzi negattivi

***1.*** L-Istati Membri għandhom jintroduċu l-miżuri meħtieġa sabiex jipproteġu lill-ħaddiema li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, inkluż dawk li jkunu rappreżentanti tagħhom, minn kwalunkwe trattament negattiv min-naħa tal-pjattaforma tax-xogħol diġitali u minn kwalunkwe konsegwenza negattiva li tirriżulta minn ilment imressaq quddiem il-pjattaforma tax-xogħol diġitali jew li tirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bil-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva.

***1a. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom joqogħdu lura minn kwalunkwe att jew ommissjoni li jistgħu***

*direttament jew indirettament jimminaw id-dritt ta' sħubija fi trade union jew id-dritt ta' negozjar u azzjoni kollettivi, jew li jiddiskriminaw kontra l-ħaddiema u r-rappreżentanti tat-trade unions li jipparteċipaw jew li jixtiequ jipparteċipaw f'negozjar kollettiv.*

## Emenda 179

### Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprojbixxu s-sensja jew l-ekwivalenti tagħha u t-tnejjijiet kollha għas-sensja jew l-ekwivalenti tagħha tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, fuq il-bażi li eżerċitaw id-drittijiet previsti f'din id-Direttiva.

#### *Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprojbixxu s-sensja jew l-ekwivalenti tagħha u t-tnejjijiet kollha għas-sensja jew l-ekwivalenti tagħha, ***inkluża sospensjoni tal-kont***, tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, fuq il-bażi li eżerċitaw id-drittijiet previsti f'din id-Direttiva.

## Emenda 180

### Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-awtorità superviżorja jew l-awtoritajiet responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom ikunu responsabbli wkoll għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6, tal-Artikolu 7(1) u (3) u tal-Artikoli 8 u **10** ta' din id-Direttiva, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-Kapitoli VI, VII u VIII tar-Regolament (UE) 2016/679. ***Huma*** għandu jkollhom il-kompetenza li jimponu multi amministrattivi sal-ammont imsemmi fl-Artikolu 83(5) ta' dak ir-Regolament.

#### *Emenda*

1. L-awtorità superviżorja jew l-awtoritajiet responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom ikunu responsabbli wkoll għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6, tal-Artikolu 7(1) u (3) u tal-Artikoli 8, **10** u **15** ta' din id-Direttiva, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-Kapitoli VI, VII u VIII tar-Regolament (UE) 2016/679, ***flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali tax-xogħol. L-awtorità superviżorja jew l-awtoritajiet responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679*** għandu jkollhom il-kompetenza

li jimponu multi amministrattivi sal-ammont imsemmi fl-Artikolu 83(4), (5) u (6) ta' dak ir-Regolament.

## Emenda 181

### Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u l-awtoritajiet nazzjonali ta' **xogħol u ta'** protezzjoni soċjali għandhom, fejn rilevanti, jikkooperaw fl-infurzar ta' din id-Direttiva, fl-ambitu tal-mandat tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, b'mod partikolari fejn jitqajmu mistoqsijiet dwar l-impatt tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet fuq il-kondizzjonijiet tax-xogħol jew fuq id-drittijiet tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi. Għal dak il-fini, dawk l-awtoritajiet għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti ma' xulxin, inkluż l-informazzjoni miksuba fil-kuntest tal-ispezzjonijiet jew tal-investigazzjonijiet, meta tiġi mitluba jew fuq l-inizjattiva tagħhom stess.

## Emenda 182

### Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1 jew tad-dispożizzjonijiet rilevanti diġà fis-seħħ dwar id-drittijiet li jaqgħu fil-kamp ta'

#### *Emenda*

2. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u l-awtoritajiet nazzjonali ta' protezzjoni soċjali għandhom, fejn rilevanti, jikkooperaw fl-infurzar ta' din id-Direttiva, fl-ambitu tal-mandat tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, b'mod partikolari fejn jitqajmu mistoqsijiet dwar l-impatt tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet fuq il-kondizzjonijiet tax-xogħol jew fuq id-drittijiet tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi. Għal dak il-fini, dawk l-awtoritajiet għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti ma' xulxin, **u** inkluż **f'sitwazzjonijiet transfruntiera, kif ukoll** l-informazzjoni miksuba fil-kuntest tal-ispezzjonijiet jew tal-investigazzjonijiet, meta tiġi mitluba jew fuq l-inizjattiva tagħhom stess.

#### *Emenda*

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali, **inkluż penali finanzjarji**, applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1 jew tad-dispożizzjonijiet rilevanti diġà fis-seħħ dwar id-drittijiet li



applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

## Emenda 183

### Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Il-penali msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jinkludu penali finanzjarji li jkunu proporzjonali għan-natura, il-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur tal-impriża u li għandhom jiżdedu fl-ammont skont in-numru ta' impjegati affettwati.**

*Fil-każ ta' ksur relatat mar-rifjut tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali li jikkonformaw ma' deċiżjoni legali li tiddetermina l-istatus fl-impjeg tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, l-Istati Membri għandhom jipprevedu penali finanzjarji sinifikanti, ekwivalenti għal dawk relatati mal-ksur tar-Regolament (UE) 2016/679, li jistgħu jinkludu l-istabbiliment ta' perċentwal tal-fatturat annwali totali tal-pjattaforma tax-xogħol diġitali fis-sena finanzjarja preċedenti.*

## Emenda 184

### Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 3b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3b. Il-penali msemmija fil-paragrafu 3, fejn xieraq, jistgħu jinkludu:**

**(a) ordnijiet li jeskludu l-impriża minn intitolament għal xi wħud mill-benefiċċji, għajnuniet jew sussidji pubbliċi jew minnhom kollha, inklużi fondi tal-Unjoni ġestiti mill-Istati Membri rilevanti, għal**

*perjodu li ma jaqbiżx it-tliet snin;*

*(b) ordnijiet li jeskludu l-impriża milli tipparteċipa f'kuntratt pubbliku kif definit fid-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>.*

---

*<sup>1a</sup> Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).*

## **Emenda 185**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-prerogattiva tal-Istati Membri li japplikaw jew li jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema tal-pjattaformi, jew li jħeġġu jew jippermettu l-applikazzjoni tal-ftehimiet kollettivi li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema tal-pjattaformi, f'konformità mal-oġġettivi ta' din id-Direttiva. ***Fir-rigward tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi li mhumiex f'relazżjoni ta' impjeg, dan il-paragrafu għandu japplika biss sakemm dawn ir-regoli nazzjonali huma kompatibbli mar-regoli dwar il-funzjonament tas-suq intern.***

## **Emenda 186**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 20a (ġdid)**

*Emenda*

2. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-prerogattiva tal-Istati Membri li japplikaw jew li jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema tal-pjattaformi, jew li jħeġġu jew jippermettu l-applikazzjoni tal-ftehimiet kollettivi li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema tal-pjattaformi, f'konformità mal-oġġettivi ta' din id-Direttiva.

***Artikolu 20a***

***Disseminazzjoni ta' informazzjoni***

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet rilevanti diġà fis-seħħ relatati mas-suġġett kif stabbilit fl-Artikolu 1, jinġiebu għall-attenzjoni tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u pjattaformi tax-xogħol diġitali, inklużi l-SMEs kif ukoll il-pubbliku ġenerali. Dik l-informazzjoni trid tingħata b'mod komprensiv u faċilment aċċessibbli, inkluż lill-persuni b'diżabilità u fejn meħtieġ fl-aktar lingwa/i rilevanti, kif determinat mill-Istat Membru.***

## NOTA SPJEGATTIVA

Ix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali huwa wieħed mit-trasformazzjonijiet ewlenin li t-teknoloġiji diġitali qed iġibu fis-swieq tax-xogħol madwar id-dinja. Diversi setturi qed jaqilbu għall-ekonomija tal-pjattaformi tax-xogħol, mit-trasport u s-servizzi ta' prossimità għal industrij kreattivi. Il-pandemija tal-COVID-19 aċċellerat din ix-xejra, billi ppromwoviet setturi li diġà kienu qed jimxu lejn xogħol fuq il-pjattaformi diġitali bħall-konsenja tal-ikel. Id-data tirrifletti xejra bħal din: skont l-istimi tal-Kummissjoni, aktar minn 28 miljun persuna fl-UE huma involuti f'xogħol fuq il-pjattaformi diġitali, u sal-2025 dan in-numru se jiżdied għal 43 miljun.

Il-flessibilità u t-tkabbir esponenzjali tax-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali madankollu jirriskjaw, mingħajr regolamentazzjoni xierqa tal-fenomeni, li jwasslu għal kondizzjonijiet tax-xogħol prekarji, għad-detriment tal-persuni li jwettqu dak ix-xogħol. L-evidenza madwar l-UE turi li n-nies li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi diġitali spiss ma jgawdux mill-istess drittijiet bħall-ħaddiema fl-ekonomija tradizzjonali, peress li lanqas biss huma rikonoxxuti bħala tali, anki jekk il-fatti jagħtu prova ta' dan u, minħabba l-kondizzjonijiet li jġestixxu l-organizzazzjoni tax-xogħol permezz ta' pjattaforma diġitali, li jinvolvu ġestjoni algoritmika, huma partikolarment soġġetti għall-isfruttament. Għalhekk, din id-Direttiva għandha l-għan li tiżgura li l-iżviluppi li jġibu magħhom it-teknoloġiji l-ġodda ma jfjixklux id-drittijiet li l-ħaddiema fl-UE għustament kisbu matul dawn l-aħħar deċennji.

### Status fl-impjieg

L-ewwel nett, l-istatus fl-impjieg ta' persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi diġitali ta' spiss ma jaqbilx mal-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Il-klassifikazzjoni żbaljata tar-relazzjoni ta' impjieg kienet xprun ewlieni tal-kawżi tal-Qorti madwar l-UE, billi sar tentattiv li jiġi determinat l-istatus fl-impjieg xieraq tal-ħaddiema abbażi tal-kompiti tagħhom u l-grad ta' kontroll u superviżjoni li l-pjattaforma teżereċita fuqhom. Il-biċċa l-kbira tal-Qrati sabu li l-ħaddiema taħt proċess kienu ħaddiema b'impjieg indipendenti fittizju, li jfisser li ffirmaw kuntratt ta' impjieg indipendenti mal-pjattaforma tax-xogħol, iżda – fil-fatt – ġew ippruvati li għandhom il-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' relazzjoni ta' impjieg. Il-fatti għalhekk kienu qed jirrakkontaw storja differenti mir-relazzjoni formali bejnhom u l-pjattaforma. L-impjieg indipendenti fittizju jikkombina l-aġar taż-żewġ sitwazzjonijiet, peress li dawk in-nies ma jgawdux mill-indipendenza tal-impjieg indipendenti fid-determinazzjoni tal-klijenti tagħhom, l-organizzazzjoni tal-pagi u tax-xogħol, iżda xorta jgħorru r-riskju tan-negożju tal-pjattaforma tax-xogħol filwaqt li ma jgawdux id-drittijiet u l-protezzjoni assenjati lill-ħaddiema f'relazzjoni ta' impjieg. Il-kwistjoni tal-klassifikazzjoni żbaljata hija ta' tħassib ukoll għall-kondizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku, peress li l-pjattaformi li jagħmlu użu minn impjieg indipendenti fittizju jġarrbu kostijiet lavorattivi aktar baxxi mill-kompetituri tagħhom, bl-użu ta' lakuna legali fir-regolamentazzjoni tax-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali. Huwa importanti li wieħed jinnota li x-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali huwa fenomenu kumpless, u ħafna nies li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi diġitali, speċjalment fost dawk b'livell għoli ta' ħiliet, huma kklassifikati b'mod korrett bħala persuni b'impjieg indipendenti. L-għan tal-ewwel parti ta' din id-direttiva u l-abbozz ta' rapport huwa għalhekk li tiġi evitata klassifikazzjoni żbaljata tal-istatus fl-impjieg ta' nies li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi diġitali. Fid-dawl ta' dak ir-riskju, l-introduzzjoni ta' preżunzjoni legali konfutabbli tar-relazzjoni ta' impjieg hija l-aħjar mod biex tiġi indirizzata l-kwistjoni sabiex jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema u jiġu pprovdu bi status fl-impjieg xieraq, filwaqt li ma jiġux indirizzati dawk b'impjieg indipendenti ġenwin. Fl-istess ħin, dan se jiżgura r-rispett f'isem il-pjattaformi tad-dmirijiet

fiskali u l-iskemi tas-sigurtà soċjali f'każ li jiġu rikonoxxuti bħala impjegaturi, filwaqt li jipprevedi kompetizzjoni ġusta fl-Unjoni. Sabiex ma tiġix introdotta diskriminazzjoni fost negozji komparabbli u biex jiġi żgurat li d-Direttiva tilħaq l-oġġettivi tagħha u tiġi infurzata kif xieraq, huwa essenzjali li d-definizzjoni ta' pjattaforma tax-xogħol diġitali tirrifletti r-realtà effettiva u l-varjetà tal-pjattaformi.

L-impjieg indipendenti fittizju fl-ekonomija tal-pjattaformi jwassal għal prekarjetà, paga baxxa, riskji għas-sigurtà, u ċ-ċaħda tad-drittijiet kollha li jirriżultaw mill-istatus fl-impjieg, inkluża l-protezzjoni soċjali. Ħafna drabi l-ħaddiema li jieħdu dawn l-impjiegi jiġu minn sfondi vulnerabbli u assolutament jeħtieġu l-introjt addizzjonali minħabba li l-ewwel impjieg tagħhom ma jħallasx biżżejjed, u lanqas jissograw iqajmu dubji dwar l-istatus fl-impjieg tagħhom.

L-awtoritajiet li japplikaw il-preżunzjoni legali se jirċievu gwida xierqa u l-Istati Membri se jistabbilixxu proċeduri sabiex jidentifikaw proċessi rapidi u bla xkiel, inaqqsu l-litigazzjoni filwaqt li jevitaw li jaqdbu lil dawk b'impjieg indipendenti ġenwin. L-ispettorati jew l-organizzazzjonijiet tax-xogħol li jinfurzaw il-liġi tax-xogħol se jirċievu taħriġ adegwat fil-qasam teknoloġiku rilevanti, li jippermettilhom iwettqu dmirijiethom b'mod effettiv. Il-possibbiltà li tiġi kkonfutata l-preżunzjoni legali dejjem se tiġi żgurata lill-pjattaformi li jikkontestawha u konsegwentement l-oneru tal-provi se jkun fuqhom. Is-sentenza finali se tkun ibbażata fuq il-fatti u mhux fuq il-formalitajiet. Din il-proċedura hija l-aktar effettiva u ġusta minħabba li l-ħaddiem huwa l-aktar parti dgħajfa fil-litigazzjoni, u l-għarfien sħiħ tal-mudell kummerċjali u l-funzjonament tal-algoritmu huwa f'idejn il-pjattaformi.

### **Ġestjoni algoritmika**

Filwaqt li madwar l-UE n-negozjar kollettiv jew ir-regolamenti tax-xogħol jistabbilixxu l-istandards tax-xogħol fl-ekonomija tradizzjonali, il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi diġitali jaċċettaw kondizzjonijiet tax-xogħol stabbiliti unilateralment minn pjattaformi permezz ta' sistemi awtomatizzati u semiawtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u xi drabi lanqas biss ikunu f'sitwazzjoni li jirrikonoxxu abbuż. Tabilħaqq, mhumiex konxji tal-funzjonament tal-algoritmu u d-deċiżjonijiet li jieħu rigward il-ħin tax-xogħol tagħhom, il-klijenti li huma assenjati lilhom, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tagħhom, il-garanziji tas-saħħa u tas-sigurtà tagħhom u saħansitra l-aċċess għax-xogħol. Sal-ġurnata tal-lum, il-maġġoranza tal-pjattaformi ftit li xejn jużaw superviżjoni umana tad-deċiżjonijiet meħuda mill-algoritmu tagħhom u ma hemm l-ebda dispożizzjoni uniformi u ċara li tiddetermina l-kontroll fuq il-konformità ta' dawk is-sistemi la mar-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-data, u lanqas fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq is-saħħa u s-sikurezza. Barra minn hekk, il-ġestjoni algoritmika mhijiex kwistjoni li tirrigwarda esklużivament il-pjattaformi tax-xogħol diġitali, peress li illum aktar u aktar impjegaturi jadottaw għodod algoritmiċi biex jissorveljaw, jimmonitorjaw u jikkontrollaw il-ħaddiema. Din hija r-raġuni għaliex kapitolu estensiv tar-Rapport huwa ddedikat biex jistabbilixxi sett ta' regoli li jipproteġu lill-ħaddiema kollha minn Prattiki ta' ġestjoni algoritmika abbużivi madwar l-Unjoni.

Jidher ċar minnufih kif dan il-kapitolu huwa rilevanti ħafna mhux biss għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi diġitali (indipendentement mill-istatus fl-impjieg tagħhom) iżda għal kull ħaddiem li l-kondizzjonijiet tax-xogħol tiegħu huma affettwati minn dawk is-sistemi. Fil-fatt, il-pandemija saħansitra aċċellerat l-hekk imsejjaħ fenomenu ta' "pjattaformizzazzjoni" tal-ekonomija, li jirreferi għall-użu dejjem akbar ta' dawk is-sistemi sabiex tiġi organizzata u kkontrollata l-ħidma anke ferm lil hinn min-negozju tal-pjattaformi. Id-dispożizzjonijiet introdotti f'din it-taqsimha japplikaw għalhekk għall-ħaddiema kollha affettwati minn sistemi ta' informazzjoni awtomatizzati jew semiawtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta'

deċiżjonijiet. Il-ħaddiema li jittrattaw il-ġestjoni algoritmika u r-rappreżentanti tagħhom għandhom jiġu infurmati minn qabel dwar l-elementi kollha li jaffettwaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, sabiex jingħataw l-opportunità li jifhmu l-funzjonament tal-algoritmu u jinnegozjaw b'mod kollettiv dwaru. Id-deċiżjonijiet kollha li jkollhom impatt fuq dawk it-termini għandhom jittieħdu mill-bnedmin, u, b'mod parallel, is-supervizzjoni umana tad-deċiżjonijiet meħuda mill-algoritmu trid tiġi garantita. Fl-istess ħin, il-pjattaformi jridu jiggarantixxu li l-protezzjoni tad-data tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi tiġi rispettata bis-sħiħ u li l-algoritmu la jaċċessa u lanqas jiġbor data li ma tkunx primarjament marbuta mal-prestazzjoni tax-xogħol.

### **Trasparenza u rimedji li jikkonċernaw ix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali**

In-natura mifruxa tax-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali tagħmilha diffiċli għall-ħaddiema tal-pjattaformi biex jingħaqdu flimkien u jaġixxu b'mod kollettiv biex itejbu s-sitwazzjoni tagħhom. L-organizzazzjoni fit-trade unions ġiet skoraġġuta b'mod attiv minn xi pjattaformi tax-xogħol li jiddependu fuq impjieg indipendenti fittizju għall-mudell kummerċjali tagħhom.

Ix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali mbagħad huwa fenomenu diffiċli ħafna biex jinftiehem peress li ma hemm l-ebda post tax-xogħol evidenti u ħafna drabi l-persuni li jaħdmu għall-istess pjattaforma ma jkunux konxji ta' xulxin. Dan jikkostitwixxi problema mhux biss għal dawk in-nies iżda wkoll għall-awtoritajiet nazzjonali, speċjalment l-istituzzjonijiet pubbliċi tat-taxxa u tal-protezzjoni soċjali. Ladarba r-relazzjoni ta' impjieg tiġi rikonoxxuta bħala impjieg subordinat, il-pjattaforma tiġi rikonoxxuta bħala impriża u għalhekk japplikaw il-leġiżlazzjoni u d-dispożizzjonijiet applikabbli kollha li jirriżultaw minn ftehimiet kollettivi marbuta mas-settur tal-attività. Tabilħaqq, l-aħħar parti tal-abbozz ta' Rapport hija ffukata fuq it-trasparenza fix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali u r-rimedji, li huma meħtieġa fid-dawl tan-natura msemmija hawn fuq tax-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali.

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi (COM(2021)0762 – C9-0454/2021 – 2021/0414(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Karima Delli

### **ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA**

Skont l-istimi tal-Kummissjoni, aktar minn 28 miljun persuna fl-UE huma involuti f'xogħol fuq il-pjattaformi, u sal-2025 dan in-numru se jiżdied għal 43 miljun. Il-pandemija tal-COVID-19 aċċellerat din ix-xejra, billi ppromwoviet setturi li diġà kienu qed jimxu lejn xogħol fuq il-pjattaformi bħal xogħol fuq il-post determinat mill-pjattaformi b'livell baxx ta' ħiliet fis-settur tat-trasport Ewropew bħall-konsenja tal-ikel, ir-ride-hailing u t-trasport tal-merkanzija. L-ekonomija tal-pjattaformi għandha potenzjal dejjem jikber f'termini ta' ħolqien ta' opportunitajiet ta' xogħol għal persuni li jinsabu fix-xifer tas-suq tax-xogħol; madankollu, il-flessibbiltà u t-tkabbir esponenzjali tax-xogħol fuq il-pjattaformi jirriskjaw li jwasslu għal kondizzjonijiet tax-xogħol prekarji għall-persuni li jwettqu dak ix-xogħol mingħajr regolamentazzjoni xierqa. Barra minn hekk, l-ekonomiji tal-pjattaformi bbażati fuq klassifikazzjoni ħażina tal-ħaddiema, protezzjoni soċjali insuffiċjenti u evitar tat-taxxa huma inaċċettabbli u jiswew ħażna flus għall-Istati Membri f'remunerazzjoni tat-taxxa mitlufa u joħolqu kondizzjonijiet mhux ekwivalenti bejn il-pjattaformi online u l-mudelli kummerċjali tradizzjonali li joperaw fis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu fl-Unjoni.

Abbażi tal-opinjoni tas-sena l-oħra, ir-rapporteur tfittex li tiżgura kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa, li jirrispettaw is-saħħa psikosoċjali u fiżika, is-sikurezza u d-dinjità tal-ħaddiema tal-pjattaformi. Dan japplika speċjalment għas-setturi tat-trasport Ewropej u b'mod partikolari għal xogħol fuq il-post determinat mill-pjattaformi b'livell baxx ta' ħiliet, fejn ix-xogħol fuq il-pjattaformi żdied b'mod sinifikanti minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

### **Saħħa u sikurezza**

Minbarra r-riskji tipiċi tax-xogħol, bħall-għeja, l-istress u l-eżawriment, il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi fis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu huma esposti għal riskju psikosoċjali minħabba l-prekarjetà tax-xogħol fuq il-pjattaformi bħal pressjoni minħabba monitoraġġ online, klassifikazzjoni u skadenzi stretti. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet ukoll li l-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, b'mod partikolari dawk li jwettqu xogħol fuq il-post determinat mill-pjattaformi b'livell baxx ta' ħiliet fis-settur Ewropew tat-trasport u tat-turiżmu, kienu esposti għal riskju għas-sikurezza u s-saħħa u għalhekk għandhom ikunu mgħammra b'taġħmir protettiv, assigurazzjonijiet kontra l-aċċidenti u protezzjoni soċjali bħall-aċċess għal-liv minħabba mard u l-protezzjoni mill-qgħad. Ħaddiema vulnerabbli bħal ħaddiema migranti u ħaddiema żgħażaġħ huma affettwati b'mod speċjali mill-inċertezza tar-relazzjoni ta' impjeg kif ukoll mir-riskji għas-saħħa u s-sikurezza, għaliex dawn jeħtieġu



protezzjoni effettiva.

## **Ġestjoni algoritmika**

Il-ġestjoni algoritmika hija komponent ewlieni tal-mudell kummerċjali tas-setturi tal-pjattaformi, inklużi l-kumpaniji tal-pjattaformi fis-settur Ewropew tat-trasport u tat-turiżmu. Ir-rapporteur tfittex li twessa' l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, is-saħħa u d-dinjità tal-ħaddiema kollha soġġetti għal ġestjoni algoritmika inklużi sistemi ta' monitoraġġ u teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati u semiawtomatizzati. Dan jinkludi l-ħtieġa ta' sorveljanza mill-bniedem tad-deċiżjonijiet kollha li jaffettwaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol, is-saħħa u s-sikurezza jew l-introduzzjoni ta' bidliet fit-termini miftiehma tar-relazzjoni ta' impjeg.

## **Djalogu soċjali**

In-nuqqas ta' post tax-xogħol komuni għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi japplika wkoll għal xogħol fuq pjattaforma diġitali fis-settur Ewropew tat-trasport u tat-turiżmu. Għalhekk, ir-rapporteur tfittex li tiżgura d-djalogu soċjali permezz tar-rappreżentanza xierqa, inkluż id-dritt li wieħed jissieħeb fi trade union, li jorganizza u jinneogzja b'mod kollettiv.

## **Aċċess għat-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet**

Minħabba n-natura prekarja u r-riskji għas-saħħa u s-sikurezza tax-xogħol fuq il-pjattaformi, b'mod partikolari f'xogħol fuq il-post determinat mill-pjattaformi b'livell baxx ta' ħiliet fis-settur Ewropew tat-trasport u tat-turiżmu, hemm il-ħtieġa li jiġi żviluppat taħriġ obligatorju regolari dwar is-sigurtà u jiġu offruti perkorsi ta' żvilupp professjonali sabiex jitwessgħu l-għażliet professjonali ta' persuni li jaħdmu permezz ta' dawn il-pjattaformi li jiżguraw is-sikurezza, is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

## **EMENDI**

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### **Emenda 1**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"). B'mod partikolari, l-Artikolu 31 tal-Karta jipprevedi d-dritt ta'

*Emenda*

(2) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"). B'mod partikolari, l-Artikolu 31 tal-Karta jipprevedi d-dritt ta'

kull ħaddiem għal kondizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità **tiegħu**. L-Artikolu 27 tal-Karta jipproteġi d-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni fi ħdan l-impriża. L-Artikolu 8 tal-Karta jipprevedi li kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali li tirrigwardaha. L-Artikolu 16 tal-Karta jirrikonoxxi l-libertà ta' intrapriża.

kull ħaddiem għal kondizzjonijiet tax-xogħol **ġusti u xierqa** li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità **tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, speċjalment fis-setturi Ewropej tat-trasport u tat-turiżmu u b'mod partikolari għal xogħol fuq il-post determinat mill-pjattaformi bħas-servizzi tas-sewqan u tal-konsenja**. L-Artikolu 27 tal-Karta jipproteġi d-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni fi ħdan l-impriża. L-Artikolu 8 tal-Karta jipprevedi li kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali li tirrigwardaha. L-Artikolu 16 tal-Karta jirrikonoxxi l-libertà ta' intrapriża. **L-Artikolu 21 tal-Karta jipprevedi d-dritt ta' nondiskriminazzjoni.**

## Emenda 2

### Proposta għal direttiva Premessa 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Id-diġitalizzazzjoni qed tiddel id-dinja tax-xogħol, ittejjeb il-produttività u ssaħħaħ il-flessibbiltà, filwaqt li ġgħorr magħha wkoll xi riskji għall-impjiegi u għall-kondizzjonijiet tax-xogħol. It-teknoloġiji bbażati fuq l-algoritmu, inklużi s-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet, ippermettew l-emerġenza u t-tkabbir tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali.

#### *Emenda*

(4) Id-diġitalizzazzjoni qed tiddel id-dinja tax-xogħol, ittejjeb il-produttività u ssaħħaħ il-flessibbiltà, **u wasslet għal opportunitajiet ġodda ta' impjeg u negozju, b'mod partikolari fis-setturi tat-trasport u t-turiżmu**, filwaqt li ġgħorr magħha wkoll xi riskji **potenzjali** għall-impjiegi u għall-kondizzjonijiet tax-xogħol **f'termini ta' klassifikazzjoni ta' status fl-impjeg korrett u fil-promozzjoni tat-trasparenza, il-ġustizzja u s-sikurezza, għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema u għall-protezzjoni tad-dritt fundamentali tagħhom għall-privatezza**. It-teknoloġiji bbażati fuq l-algoritmu, inklużi s-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet, ippermettew l-emerġenza u t-tkabbir tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali, **li ħolqu opportunità ekonomika għal mijiet ta' eluf ta' ċittadini u negozji tal-UE filwaqt li offrew għażla u valur lill-konsumaturi fl-UE. Madankollu, il-**

*mudell kummerċjali tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandu konsegwenzi sinifikanti li l-pjattaformi jenħtieġ li jimmitigaw sabiex jiġu evitati kondizzjonijiet tax-xogħol negattivi potenzjali għall-ħaddiema.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 4a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4a) Il-kumpaniji tal-pjattaformi jista' jkollhom rwol fl-iffaċilitar tal-mobilità bħala servizz (MaaS), il-loġistika bħala servizz (LaaS) u l-mobilità kollaborattiva. Soluzzjonijiet diġitali u innovattivi ġodda jistgħu jgħallqu possibiltajiet għal bidla modali fit-trasport f'żoni urbani u suburbani, billi jindirizzaw it-tħassib ambjentali u tas-saħħa potenzjali, jiffrankaw il-ħin u l-isforzi għall-konsumaturi u jsaħħu l-kompetittività tan-negozji relatati. Barra minn hekk, it-teknoloġiji diġitali ġodda jistgħu jgħinuna nimmaniġġjaw u nsegwu b'mod aħjar l-użu tar-riżorsi, intejbu l-effiċjenza, u nikkollaboraw biex nilħqu miri ambjentali ambizzjużi tal-UE.*

### **Emenda 4**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 4b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4b) Il-pandemija tal-COVID-19 żiedet b'mod sinifikanti r-rata ta' tkabbir tal-industrija tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali, b'mod partikolari għal xogħol fuq il-post determinat mill-pjattaformi, inklużi s-sewqan u l-konsenja. Il-pandemija wriet li dawn il-ħaddiema kienu esposti għal*

***riskju għas-sikurezza u s-saħħa u għalhekk jenħtieġ li jkunu mgħammra b'tagħmir protettiv, assigurazzjonijiet kontra l-aċċidenti u protezzjoni soċjali bħall-aċċess għal-liv minħabba mard u l-protezzjoni mill-qgħad.***

## **Emenda 5**

### **Proposta għal direttiva Premessa 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Ix-xogħol fuq il-pjattaformi jitwettaq minn individwi permezz tal-infrastruttura diġitali tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali li jipprovdu servizz lill-klijenti tagħhom. Permezz tal-algoritmi, il-pjattaformi tax-xogħol diġitali ***jistgħu*** jikkontrollaw, sa ċertu punt – abbażi tal-mudell kummerċjali tagħhom – il-prestazzjoni tax-xogħol, ir-remunerazzjoni tiegħu u r-relazzjoni bejn il-klijenti tagħhom u l-persuni li jwettqu x-xogħol. Ix-xogħol fuq il-pjattaformi jista' jitwettaq esklużivament online permezz ta' għodod elettroniċi ("xogħol fuq il-pjattaformi online") jew b'mod ibridu li jgħaqqad il-proċess ta' komunikazzjoni online ma' attività sussegwenti fid-dinja fiżika ("xogħol fuq il-pjattaformi fuq il-post"). Ħafna mill-pjattaformi tax-xogħol diġitali eżistenti huma atturi tan-negozju internazzjonali li qed ivaraw l-attivitajiet u l-mudelli kummerċjali tagħhom f'diversi Stati Membri jew min-naħa għal oħra tal-fruntiera.

## **Emenda 6**

### **Proposta għal direttiva Premessa 5a (ġdida)**

*Emenda*

(5) Ix-xogħol fuq il-pjattaformi jitwettaq minn individwi permezz tal-infrastruttura diġitali tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali li jipprovdu servizz lill-klijenti tagħhom. Permezz tal-algoritmi ***u l-intelliġenza artifiċjali***, il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jikkontrollaw, sa ċertu punt – abbażi tal-mudell kummerċjali tagħhom – il-prestazzjoni tax-xogħol, ir-remunerazzjoni tiegħu u r-relazzjoni bejn il-klijenti tagħhom u l-persuni li jwettqu x-xogħol. Ix-xogħol fuq il-pjattaformi jista' jitwettaq esklużivament online permezz ta' għodod elettroniċi ("xogħol fuq il-pjattaformi online") jew b'mod ibridu li jgħaqqad il-proċess ta' komunikazzjoni online ma' attività sussegwenti fid-dinja fiżika ("xogħol fuq il-pjattaformi fuq il-post"). Ħafna mill-pjattaformi tax-xogħol diġitali eżistenti huma atturi tan-negozju internazzjonali li qed ivaraw l-attivitajiet u l-mudelli kummerċjali tagħhom f'diversi Stati Membri jew min-naħa għal oħra tal-fruntiera.

**(5a) Individwi li jwettqu xogħol fuq il-post determinat mill-pjattaformi fis-setturi Ewropej tat-trasport u tat-turiżmu jistgħu, minbarra r-riskji tipiċi ta' xogħol online u offline, ikunu esposti wkoll għal riskji psikosoċjali addizzjonali bħal stress u ansjetà relatati mal-ġestjoni algoritmika u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-attivitajiet tax-xogħol, li jistgħu jpoġġu pressjoni eċċessiva fuq il-ħaddiema b'implikazzjonijiet għas-s-sikurezza tagħhom stess kif ukoll għas-sikurezza fit-toroq.**

## Emenda 7

### Proposta għal direttiva Premessa 6

(6) Ix-xogħol fuq il-pjattaformi jista' jipprovdi l-opportunitajiet biex wieħed jaċċessa s-suq tax-xogħol b'mod aktar faċli, li jikseb introjtu addizzjonali permezz ta' attività sekondarja jew li jgawdi minn ftit flessibbiltà fl-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. Fl-istess ħin, ix-xogħol fuq il-pjattaformi jgħib miegħu l-isfidi, għax jista' jċajpar il-linja li tifred ir-relazzjoni ta' impjieg mill-attività tal-persuna b'impjieg indipendenti, u r-responsabbiltajiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema. Il-klassifikazzjoni ħażina tal-istatus fl-impjieg għandha konsegwenzi għall-persuni affettwati, peress li aktarx tirrestrinġi l-aċċess għad-drittijiet tax-xogħol u soċjali eżistenti. Din twassal ukoll għal kondizzjonijiet mhux ekwivalenti fir-rigward tan-negozi li jikklassifikaw lill-ħaddiema tagħhom b'mod korrett, u għandha implikazzjonijiet għas-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali tal-Istati Membri, il-bażi għat-taxxa tagħhom u l-kopertura u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni

(6) Ix-xogħol fuq il-pjattaformi jista' jipprovdi l-opportunitajiet biex wieħed jaċċessa s-suq tax-xogħol b'mod aktar faċli, li jikseb introjtu addizzjonali permezz ta' attività sekondarja jew li jgawdi minn ftit flessibbiltà fl-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. **F'dan ir-rigward, l-ekonomija tal-pjattaformi saret parti integrali u li qed tikber b'rata mgħaġġla tas-setturi Ewropej tat-trasport u tat-turiżmu, li tipprovdi mudelli kummerċjali, talent u opportunitajiet ta' xogħol ġodda.** Fl-istess ħin, ix-xogħol fuq il-pjattaformi jgħib miegħu l-isfidi, **meta l-pjattaformi diġitali ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni rilevanti,** għax jista' jċajpar il-linja li tifred ir-relazzjoni ta' impjieg mill-attività tal-persuna b'impjieg indipendenti, u r-responsabbiltajiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema. Il-klassifikazzjoni ħażina tal-istatus fl-impjieg għandha konsegwenzi għall-persuni affettwati, peress li aktarx tirrestrinġi l-aċċess għad-drittijiet tax-xogħol u soċjali eżistenti. Din twassal ukoll

soċjali tagħhom. Filwaqt li dawn l-isfidi huma usa' mix-xogħol fuq il-pjattaformi, huma partikolarment akuti u urġenti fl-ekonomija tal-pjattaformi.

għal kondizzjonijiet mhux ekwivalenti fir-rigward tan-negozji li jikklassifikaw lill-ħaddiema tagħhom b'mod korrett, u għandha implikazzjonijiet għas-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali tal-Istati Membri, il-bażi għat-taxxa tagħhom u l-kopertura u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom. Filwaqt li dawn l-isfidi huma usa' mix-xogħol fuq il-pjattaformi, huma partikolarment akuti u urġenti fl-ekonomija tal-pjattaformi.

## Emenda 8

### Proposta għal direttiva Premessa 6a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(6a) Għalhekk, is-soluzzjonijiet proposti jenħtieġ li jgħinu lill-ħaddiema tal-pjattaformi jkomplu bl-attivitajiet professjonali tagħhom bil-flessibbiltà preferuta tagħhom biex jorganizzaw u jikkontrollaw l-istatus tagħhom stess (eż. bħala sors addizzjonali ta' introjtu), l-ammont ta' xogħol u l-iskeda tagħhom.**

## Emenda 9

### Proposta għal direttiva Premessa 6b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(6b) Jissottolinja li l-biċċa l-kbira tal-ħaddiema tal-pjattaformi għandhom impjieġ ieħor jew sors ieħor ta' introjtu u li għal ħafna minnhom l-attivitajiet tal-pjattaforma mhumiex l-impjieġ primarju tagħhom<sup>1a</sup>. Skont ir-riċerka, il-ħaddiema tal-pjattaformi għandhom it-tendenza li jkollhom paga baxxa, iżda bi ftit introjti relattivament tajba. Barra minn hekk, il-ħaddiema fl-ekonomija tal-pjattaformi għandhom it-tendenza li jkunu iżgħar u b'livell ogħla ta' edukazzjoni mill-**

*popolazzjoni usa<sup>1b</sup>.*

---

*<sup>1a</sup> Study of the Value of Flexible Work for Local Delivery Couriers (Studju tal-Valur tax-Xogħol Flessibbli għall-Kurrieri ta' Kunsinna Lokali), p.5*

*<sup>1b</sup> The Social Protection of Workers in the Platform Economy (Il-Protezzjoni Soċjali tal-Ħaddiema fl-Ekonomija tal-Pjattaformi)*  
*[https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2017/614184/IPOL\\_STU\(2017\)614184\\_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2017/614184/IPOL_STU(2017)614184_EN.pdf)*

## Emenda 10

### Proposta għal direttiva Premessa 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Il-kawżi quddiem il-qrati f'diversi Stati Membri wrew ***il-persistenza tal-klassifikazzjoni*** ħażina tal-istatus fl-impjieg f'ċerti tipi ta' xogħol fuq il-pjattaformi, b'mod partikolari fis-setturi fejn il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jeżerċitaw ċertu livell ta' kontroll fuq il-paga u l-prestazzjoni tax-xogħol. Filwaqt li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali sikwit jikklassifikaw lill-persuni li jaħdmu permezz tagħhom bħala persuni b'impjieg indipendenti ġenwin jew "kuntratturi indipendenti", ħafna qrati sabu li l-pjattaformi jeżerċitaw direzzjoni u kontroll *de facto* fuq dawk il-persuni, li spiss jintegrawhom fl-attivitajiet kummerċjali ewlenin tagħhom u jiddeterminaw il-livell tal-paga b'mod unilaterali. Għalhekk, dawk il-qrati kklassifikaw mill-ġdid lill-persuni li allegatament għandhom impjieg indipendenti bħala ħaddiema impjegati mill-pjattaformi. Madankollu, il-ġurisprudenza nazzjonali rriżultat f'eżiti diversi u l-pjattaformi tax-xogħol diġitali adattaw il-mudell kummerċjali tagħhom

#### *Emenda*

(7) Il-kawżi quddiem il-qrati f'diversi Stati Membri wrew ***il-każijiet ta' klassifikazzjoni*** ħażina tal-istatus fl-impjieg f'ċerti tipi ta' xogħol fuq il-pjattaformi, b'mod partikolari fis-setturi fejn il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jeżerċitaw ċertu livell ta' kontroll fuq il-paga u l-prestazzjoni tax-xogħol. Filwaqt li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali sikwit jikklassifikaw lill-persuni li jaħdmu permezz tagħhom bħala persuni b'impjieg indipendenti ġenwin jew "kuntratturi indipendenti", ħafna qrati sabu li l-pjattaformi jeżerċitaw direzzjoni u kontroll *de facto* fuq dawk il-persuni, li spiss jintegrawhom fl-attivitajiet kummerċjali ewlenin tagħhom u jiddeterminaw il-livell tal-paga b'mod unilaterali. Għalhekk, dawk il-qrati kklassifikaw mill-ġdid lill-persuni li allegatament għandhom impjieg indipendenti bħala ħaddiema impjegati mill-pjattaformi. Madankollu, ***b'definizzjonijiet nazzjonali differenti ta' impjegat u ta' relazzjoni ta' impjieg***, il-ġurisprudenza nazzjonali rriżultat f'eżiti



b'diversi modi, u b'hekk żiedu n-nuqqas ta' ċertezza legali dwar l-istatus fl-impjeg.

diversi u l-pjattaformi tax-xogħol diġitali adattaw il-mudell kummerċjali tagħhom b'diversi modi, u b'hekk żiedu n-nuqqas ta' ċertezza legali dwar l-istatus fl-impjeg.

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva Premessa 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Is-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jaħdmu bl-algoritmi qegħdin dejjem aktar jieħdu post il-funzjonijiet li normalment jitwettqu mill-maniġers fin-negozji, bħall-allokazzjoni tal-kompiti, l-għoti ta' struzzjonijiet, l-evalwazzjoni tax-xogħol imwettaq, l-għoti ta' inċentivi jew l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jużaw dawn is-sistemi algoritmiċi bħala mod standard ta' kif jorganizzaw u jiġġestixxu x-xogħol fuq il-pjattaformi permezz tal-infrastruttura tagħhom. Il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi soġġetti għal din il-ġestjoni algoritmika spiss jonqsilhom informazzjoni dwar kif jaħdmu l-algoritmi, liema data personali tkun qed tintuża u kif l-imġiba tagħhom taffettwa d-deċiżjonijiet meħuda mis-sistemi awtomatizzati. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u l-ispettorati tax-xogħol lanqas ma **għandhomx** aċċess għal din l-informazzjoni. Barra minn hekk, il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi spiss ma jkunux jafu r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet meħuda jew appoġġati mis-sistemi awtomatizzati u ma jkollhomx il-possibbiltà li jiddiskutu dawk id-deċiżjonijiet ma' persuna ta' kuntatt jew li jikkontestawhom.

#### *Emenda*

(8) Is-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jaħdmu bl-algoritmi qegħdin dejjem aktar jieħdu post il-funzjonijiet li normalment jitwettqu mill-maniġers fin-negozji, bħall-allokazzjoni tal-kompiti, l-għoti ta' struzzjonijiet, l-evalwazzjoni tax-xogħol imwettaq, l-għoti ta' inċentivi jew l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jużaw dawn is-sistemi algoritmiċi bħala mod standard ta' kif jorganizzaw u jiġġestixxu x-xogħol fuq il-pjattaformi permezz tal-infrastruttura tagħhom. Il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi soġġetti għal din il-ġestjoni algoritmika spiss jonqsilhom informazzjoni dwar kif jaħdmu l-algoritmi, liema data personali tkun qed tintuża u kif l-imġiba tagħhom taffettwa d-deċiżjonijiet meħuda mis-sistemi awtomatizzati. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u l-ispettorati tax-xogħol lanqas ma **għandhom** aċċess għal din l-informazzjoni. Barra minn hekk, il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi spiss ma jkunux jafu r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet meħuda jew appoġġati mis-sistemi awtomatizzati u ma jkollhomx il-possibbiltà li **jiksbu spjegazzjoni għal dawn id-deċiżjonijiet, li jiddiskutu dawk id-deċiżjonijiet ma' persuna ta' kuntatt jew li jikkontestawhom u jfittxu rimedju. Jenħtieġ li din id-Direttiva jkollha l-għan, fost l-oħrajn, li ttejjeb l-aċċess tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi għal informazzjoni, spjegazzjonijiet u, fejn**

*meħtieġ, kontestazzjoni u rimedju għal tali deċiżjonijiet.*

## **Emenda 12**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 9a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(9a) Il-ħaddiema tal-pjattaformi jenħtieġ li jibbenefikaw minn kompetizzjoni ġenwina bejn il-pjattaformi permezz ta' aċċess aħjar għad-data u ta' standardizzazzjoni tal-konnettività tad-data biex jissaħħu l-kondizzjonijiet għall-ħaddiema tal-pjattaformi filwaqt li tinżamm ukoll il-kapaċità dinamika tal-ekonomija tal-pjattaformi;**

## **Emenda 13**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 9b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(9b) Il-maġġoranza l-kbira tan-nies li jaħdmu permezz tal-pjattaformi magħżula huma, skont l-informazzjoni disponibbli, liberi li jagħżlu u jibdlu l-ħin tax-xogħol tagħhom, fis-sens li huma stess jistgħu jidħlu fil-pjattaforma meta jixtiequ jew jistgħu jagħżlu s-siġhat li fihom huma disponibbli. Huwa stmat li 3 % biss tal-qligħ tan-nies li jaħdmu permezz ta' pjattaformi magħżula huma marbuta b'ħin tax-xogħol miftiehem. Barra minn hekk, l-ebda waħda mill-pjattaformi mistħarrġa ma kienet tinkludi provvediment ta' "esklużività ta' servizzi" fit-termini u l-kondizzjonijiet tagħhom<sup>1a</sup>.**

---

<sup>1a</sup> *Digital Labour Platforms in the EU: Mapping and Business Models (Pjattaformi tax-Xoghol Digitali fl-UE:*

## **Emenda 14**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 11**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2019/C 387/01<sup>58</sup> dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom tirrakkomanda lill-Istati Membri jieħdu miżuri li jiżguraw il-kopertura formali u effettiva, l-adeqwatezza u t-trasparenza tal-iskemi tal-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni kollha li jaħdmu għal rashom. L-Istati Membri bħalissa għandhom gradi differenti ta' għoti tal-protezzjoni soċjali għall-persuni b'impjieġ indipendenti.

---

<sup>58</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (2019/C 387/01) (ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1).

## **Emenda 15**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 13**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Filwaqt li l-atti legali eżistenti jew proposti tal-Unjoni jipprevedu ċerti salvagwardji ġenerali, l-isfidi fix-xogħol fuq il-pjattaformi jitolbu xi miżuri speċifiċi ulterjuri. Sabiex jiġi inkwadrat b'mod adegwat l-iżvilupp tax-xogħol fuq il-pjattaformi b'mod sostenibbli, huwa

##### *Emenda*

(11) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2019/C 387/01<sup>58</sup> dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom tirrakkomanda lill-Istati Membri jieħdu miżuri li jiżguraw il-kopertura formali u effettiva, l-adeqwatezza u t-trasparenza tal-iskemi tal-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni kollha li jaħdmu għal rashom. L-Istati Membri bħalissa għandhom gradi differenti ta' għoti tal-protezzjoni soċjali għall-persuni b'impjieġ indipendenti ***u l-kwistjoni tas-sigurtà soċjali tibqa' kompetenza esklużiva tal-Istati Membri.***

---

<sup>58</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (2019/C 387/01) (ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1).

meħtieġ li l-Unjoni tistabbilixxi standards minimi ġodda fil-kondizzjonijiet tax-xogħol biex tindirizza l-isfidi li jirriżultaw mix-xogħol fuq il-pjattaformi. Il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi fl-Unjoni jenħtieġ li jiġu pprovduti b'għadd ta' drittijiet minimi mmirati lejn l-iżgurar tad-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieġ tagħhom, lejn il-promozzjoni tat-trasparenza, tal-ġustizzja u tar-responsabbiltà fil-ġestjoni algoritmika, u lejn it-titjib tat-trasparenza fix-xogħol fuq il-pjattaformi, inkluż f'sitwazzjonijiet transfruntiera. Jenħtieġ li dan isir bil-għan li tittejjeb iċ-ċertezza legali, jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti bejn il-pjattaformi tax-xogħol diġitali u ***l-fornituri*** ta' servizzi offline u li jiġi appoġġat ***it-tkabbir sostenibbli*** tal-pjattaformi ***tax-xogħol diġitali*** fl-Unjoni.

## Emenda 16

### Proposta għal direttiva Premessa 13a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

meħtieġ li l-Unjoni tistabbilixxi standards minimi ġodda fil-kondizzjonijiet tax-xogħol biex tindirizza l-isfidi li jirriżultaw mix-xogħol fuq il-pjattaformi. Il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi fl-Unjoni jenħtieġ li jiġu pprovduti b'għadd ta' drittijiet minimi mmirati lejn l-iżgurar tad-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieġ tagħhom, lejn il-promozzjoni tat-trasparenza, tal-ġustizzja u tar-responsabbiltà fil-ġestjoni algoritmika, u lejn it-titjib tat-trasparenza fix-xogħol fuq il-pjattaformi, inkluż f'sitwazzjonijiet transfruntiera. Jenħtieġ li dan isir bil-għan li tittejjeb iċ-ċertezza legali, jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti bejn il-pjattaformi tax-xogħol diġitali ***differenti*** u ***lejn il-fornituri*** ta' servizzi offline u li jiġi appoġġat ***l-iżvilupp*** tal-pjattaformi ***b'mod sostenibbli*** fl-Unjoni.

*Emenda*

***(13a) L-ekonomija kollaborattiva pproduċiet mudelli kummerċjali differenti u se tkompli tevolvi hekk kif tiżviluppa t-teknoloġija u tinbidel l-imġiba. Dawn l-iżviluppi jeħtieġ li jiġu integrati fit-trasport u fil-pjan ta' mobilità urbana sostenibbli, billi jottimizzaw il-hteġa ta' bidla modali u l-kwalità tal-provvista tas-servizz. L-industrija tal-pjattaformi kkontribwiet għall-formazzjoni tan-negozju u t-tkabbir fl-impjieġi, ħolqot mudelli tax-xogħol flessibbli bħal impjieġi part-time, u naqqset l-ostakli għad-dħul fis-suq tax-xogħol.***

## Emenda 17

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(17) Din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika għall-pjattaformi tax-xogħol diġitali kollha, irrispettivament mill-post tal-istabbiliment tagħhom u irrispettivament mil-liġi inkella applikabbli, sakemm ix-xogħol fuq il-pjattaformi organizzat permezz ta' dik il-pjattaforma tax-xogħol diġitali jitwettaq fl-Unjoni. Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett immirat ta' regoli obbligatorji fil-livell tal-Unjoni biex jiġu żgurati d-drittijiet minimi dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi.

*Emenda*

(17) Din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika għall-pjattaformi tax-xogħol diġitali kollha, irrispettivament mill-post tal-istabbiliment tagħhom u irrispettivament mil-liġi inkella applikabbli, sakemm ix-xogħol fuq il-pjattaformi organizzat permezz ta' dik il-pjattaforma tax-xogħol diġitali jitwettaq fl-Unjoni. Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett immirat ta' regoli obbligatorji fil-livell tal-Unjoni biex jiġu żgurati d-drittijiet minimi dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi ***filwaqt li tiġi żgurata ċertezza legali u prevedibbiltà għas-setturi l-aktar ikkonċernati, bħal fl-oqsma tat-trasport u t-turiżmu.***

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 18a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(18a) Meta jiddiffenixxu jew jimplementaw l-arranġamenti prattiċi għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni, l-impjegaturi u r-rappreżentanti tal-ħaddiema jenħtieġ li jaħdmu fi spirtu ta' kooperazzjoni u b'kunsiderazzjoni xierqa tad-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tagħhom, filwaqt li jqisu l-interessi kemm tal-impriża jew tal-istabbiliment kif ukoll tal-ħaddiema.***

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 23**

(23) Jenħtieġ li l-iżgurar tad-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieg ma jipprevjenix it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni b'impjieg indipendenti ġenwin li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi. ***Meta pjattaforma tax-xogħol diġitali tiddeċiedi – fuq bażi purament volontarja jew bi qbil mal-persuni kkonċernati – li tħallas għall-protezzjoni soċjali, għall-assigurazzjoni kontra l-aċċidenti jew forom oħra ta' assicurazzjoni, għall-miżuri ta' taħriġ jew għall-benefiċċji simili għall-persuni b'impjieg indipendenti li jaħdmu permezz ta' dik il-pjattaforma, dawk il-benefiċċji fihom infushom jenħtieġ li ma jitqisux bħala elementi determinanti li jindikaw l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg.***

## **Emenda 20**

### **Proposta għal direttiva Premessa 23a (ġdida)**

(23) Jenħtieġ li l-iżgurar tad-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieg ma jipprevjenix it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ***ġusti u xierqa*** tal-persuni b'impjieg indipendenti ġenwin li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi. ***Jenħtieġ li, fil-politiki nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari biex jiżguraw protezzjoni effettiva għall-ħaddiema speċjalment affettwati mill-inċertezza dwar l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg, inklużi l-ħaddiema l-aktar vulnerabbli. Dan huwa ta' rilevanza partikolari għall-migranti u l-ħaddiema zghażaġh fis-settur tal-konsenja. Dan huwa minnu wkoll għan-nisa li jirrappreżentaw biss 22 % tal-ħaddiema fis-settur tat-trasport u jirrappreżentaw ukoll minoranza ta' ħaddiema tal-pjattaformi fis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu.***

***(23a) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jappoġġaw u jħeġġu lill-kumpaniji tal-pjattaformi jiżviluppaw mogħdijiet ta' taħriġ u żvilupp professjonali sabiex iwessgħu l-għażliet professjonali tal-ħaddiema tagħhom; Taħriġ ta' sigurtà obligatorju regolari dwar ir-regoli tat-traffiku u s-sikurezza fit-toroq u taħriġ speċifiku fis-settur tat-trasport u jiġi żgurat li l-pjattaformi online u l-ħaddiema tal-pjattaformi jaġixxu b'mod responsabbli, b'mod partikolari fir-rigward ta' aspetti relatati mas-sikurezza, is-sigurtà, is-saħħa, il-protezzjoni tal-privatezza u l-provvista ta' informazzjoni preċiża; il-ħaddiema tal-***

***pjattaformi fis-settur tat-trasport huma esposti għal riskji għas-saħħa u s-sikurezza u għalhekk jeħtieġ li jkunu mgħammra b'tagħmir protettiv adegwat f'konformità mal-liġi nazzjonali. Assigurazzjonijiet kontra l-aċċidenti, kontrolli tekniċi u manutenzjoni u tiswijiet tal-vetturi tagħhom huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-vetturi użati mill-ħaddiema tal-pjattaformi, inklużi r-roti elettriċi, l-iscooters u l-muturi, jikkonformaw mar-regolamenti u l-istandards rilevanti. Huwa importanti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jqisu d-diġitalizzazzjoni fil-programmi edukattivi u ta' taħriġ tagħhom biex jagħmluhom adatti għall-era diġitali.***

## **Emenda 21**

### **Proposta għal direttiva Premessa 23b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(23b) Jisħaq fuq l-importanza li jinħolqu xbieki ta' sikurezza għall-ħaddiema tal-pjattaformi għall-protezzjoni mill-aċċidenti, il-qgħad u l-pensjoni f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kompetenzi nazzjonali tal-Istati Membri filwaqt li jenħtieġ li jitqies il-potenzjal ta' benefiċċji volontarji minn pjattaformi tax-xogħol diġitali;***

## **Emenda 22**

### **Proposta għal direttiva Premessa 23c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(23c) Jisħaq li l-kriterji ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jirrispettaw il-karatteristiċi uniċi tax-xogħol fuq pjattaforma; iqis li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea evalwat l-istatus tar-***



*relazzjoni ta' impjieg fil-kawża Yodel (C-692/19) f'April 2020, u jindirizza lill-koleġiżlaturi biex ikunu konsistenti mal-osservanza ta' dawn il-kriterji, li jidentifikaw l-ispeċifitàjiet tax-xogħol fuq il-pjattaformi;*

## **Emenda 23**

### **Proposta għal direttiva Premessa 24**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(24) Meta l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jikkontrollaw ċerti elementi tal-prestazzjoni tax-xogħol, jaġixxu bħala impjegaturi f'relazzjoni ta' impjieg. Id-direzzjoni u l-kontroll, jew is-subordinazzjoni legali, hija element essenzjali tad-definizzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg fl-Istati Membri u fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għalhekk, ir-relazzjonijiet kuntrattwali li fihom il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jeżerċitaw ċertu livell ta' kontroll fuq ċerti elementi tal-prestazzjoni tax-xogħol jenħtieġ li jitqiesu, abbażi ta' preżunzjoni legali, li huma relazzjoni ta' impjieg bejn il-pjattaforma u l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi permezz tagħha. Għaldaqstant, dik il-persuna jenħtieġ li tiġi kklassifikata bħala ħaddiem li għandu d-drittijiet u l-obbligi kollha f'konformità ma' dak l-istatus, kif stabbilit fid-dritt nazzjonali u tal-Unjoni, fil-ftehimiet kollettivi u fil-prattika. Jenħtieġ li l-preżunzjoni legali tapplika fil-proċedimenti amministrattivi u legali rilevanti kollha u jenħtieġ li tkun ta' benefiċċju għall-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi. L-awtoritajiet responsabbli għall-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti jew għall-infurzar tagħha, bħall-ispettorati tax-xogħol, il-korpi tal-protezzjoni soċjali jew l-awtoritajiet tat-taxxa, jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq dik il-preżunzjoni wkoll. L-Istati Membri jenħtieġ li

#### *Emenda*

(24) Meta l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jikkontrollaw ċerti elementi tal-prestazzjoni tax-xogħol, jaġixxu bħala impjegaturi f'relazzjoni ta' impjieg. Id-direzzjoni u l-kontroll, jew is-subordinazzjoni legali, hija element essenzjali tad-definizzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg fl-Istati Membri u fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għalhekk, ir-relazzjonijiet kuntrattwali li fihom il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jeżerċitaw ċertu livell ta' kontroll fuq ċerti elementi tal-prestazzjoni tax-xogħol jenħtieġ li jitqiesu, abbażi ta' preżunzjoni legali, li huma relazzjoni ta' impjieg bejn il-pjattaforma u l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi permezz tagħha. Għaldaqstant, dik il-persuna jenħtieġ li tiġi kklassifikata bħala ħaddiem li għandu d-drittijiet u l-obbligi kollha f'konformità ma' dak l-istatus, kif stabbilit fid-dritt nazzjonali u tal-Unjoni, fil-ftehimiet kollettivi u fil-prattika. Jenħtieġ li l-preżunzjoni legali tapplika fil-proċedimenti amministrattivi u legali rilevanti kollha u jenħtieġ li tkun ta' benefiċċju għall-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi. L-awtoritajiet responsabbli għall-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti jew għall-infurzar tagħha, bħall-ispettorati tax-xogħol, il-korpi tal-protezzjoni soċjali jew l-awtoritajiet tat-taxxa, jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq dik il-preżunzjoni wkoll. L-Istati Membri jenħtieġ li

jimplimentaw qafas nazzjonali biex titnaqqas il-litigazzjoni u tiżdied iċ-ċertezza legali.

jimplimentaw qafas nazzjonali biex titnaqqas il-litigazzjoni u tiżdied iċ-ċertezza legali. ***F'dan ir-rigward, l-oqfsa nazzjonali jenħtieġ li jqisu l-opportunitajiet ipprovduti mis-servizzi u mill-pjattaformi kollaborattivi fis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu. Barra minn hekk, il-qafas nazzjonali jenħtieġ li jipprevedi l-awtonomija u l-flessibilità meħtieġa għal dawn is-setturi.***

## Emenda 24

### Proposta għal direttiva Premessa 25

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(25) Il-kriterji li jindikaw li pjattaforma tax-xogħol diġitali tikkontrolla l-prestazzjoni tax-xogħol jenħtieġ li jiġu inklużi fid-Direttiva sabiex il-preżunzjoni legali ssir operazzjonali u jiġi ffaċilitat l-infurzar tad-drittijiet tal-ħaddiema. Jenħtieġ li daww il-kriterji jkunu ispirati mill-ġurisprudenza tal-Unjoni u dik nazzjonali u li jqisu l-kunċetti nazzjonali tar-relazzjoni ta' impjieg. Jenħtieġ li l-kriterji jinkludu elementi konkreti li juru li l-pjattaforma tax-xogħol diġitali, pereżempju, tiddetermina fil-prattika u mhux sempliċiment tirrakkomanda l-kondizzjonijiet tax-xogħol jew il-paga jew it-tnejn li huma, tagħti struzzjonijiet dwar kif għandu jitwettaq ix-xogħol jew tipprevjeni lill-persuna li twettaq ix-xogħol fuq il-pjattaformi milli tiżviluppa kuntatti ta' negozju ma' klijenti potenzjali. Sabiex tkun effettiva fil-prattika, jenħtieġ li ***żewġ kriterji*** dejjem jiġu ssodisfati biex jiskattaw l-applikazzjoni tal-preżunzjoni. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-kriterji ma jkoprux is-sitwazzjonijiet fejn il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jkunu persuni b'impjieg indipendenti ġenwin. Il-persuni b'impjieg indipendenti ġenwin infushom huma responsabbli *vis-à-vis* il-klijenti tagħhom għal kif iwettqu xogħolhom u

#### *Emenda*

(25) Il-kriterji li jindikaw li pjattaforma tax-xogħol diġitali tikkontrolla l-prestazzjoni tax-xogħol jenħtieġ li jiġu inklużi fid-Direttiva sabiex il-preżunzjoni legali ssir operazzjonali u jiġi ffaċilitat l-infurzar tad-drittijiet tal-ħaddiema. Jenħtieġ li daww il-kriterji jkunu ispirati mill-ġurisprudenza tal-Unjoni u dik nazzjonali u li jqisu l-kunċetti nazzjonali tar-relazzjoni ta' impjieg. Jenħtieġ li l-kriterji jinkludu elementi konkreti li juru li l-pjattaforma tax-xogħol diġitali, pereżempju, tiddetermina fil-prattika u mhux sempliċiment tirrakkomanda l-kondizzjonijiet tax-xogħol jew il-paga jew it-tnejn li huma, tagħti struzzjonijiet dwar kif għandu jitwettaq ix-xogħol jew tipprevjeni lill-persuna li twettaq ix-xogħol fuq il-pjattaformi milli tiżviluppa kuntatti ta' negozju ma' klijenti potenzjali. Sabiex tkun effettiva fil-prattika, ***u tevita l-inċertezza legali***, jenħtieġ li ***l-maġġoranza tal-kriterji*** dejjem jiġu ssodisfati biex jiskattaw l-applikazzjoni tal-preżunzjoni. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-kriterji ma jkoprux is-sitwazzjonijiet fejn il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jkunu persuni b'impjieg indipendenti ġenwin. Il-persuni b'impjieg indipendenti ġenwin infushom huma responsabbli *vis-à-vis* il-

għall-kwalità tal-outputs tagħhom. Il-libertà li wieħed jagħżel is-sigħat tax-xogħol jew il-perjodi ta' assenza, li jirrifjuta l-kompiti, li juża sottokuntratturi jew sostituti jew li jaħdem għal kwalunkwe parti terza hija karatteristika tal-impjeg indipendenti ġenwin. Għalhekk, ir-restrizzjoni *de facto* ta' dawn id-diskrezzjonijiet b'għadd ta' kondizzjonijiet jew permezz ta' sistema ta' sanzjonijiet, jenħtieġ li titqies bħala element ta' kontroll tal-prestazzjoni tax-xogħol. Jenħtieġ li s-supervizzjoni mill-qrib tal-prestazzjoni tax-xogħol jew il-verifika bir-reqqa tal-kwalità tar-riżultati ta' dak ix-xogħol, inkluż b'mezzi elettroniċi li ma jikkonsistux sempliċiment fl-użu tar-rieżamijiet jew tal-klassifikazzjonijiet mir-riċevituri tas-servizz, titqies ukoll bħala element ta' kontroll tal-prestazzjoni tax-xogħol. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jkunu jistgħu jfasslu l-interfaċċi tekniċi tagħhom b'tali mod li jiżguraw esperjenza tajba għall-konsumatur. Il-miżuri jew ir-regoli li huma mitluba bil-liġi jew **li huma meħtieġa** biex jiġu ssalvagwardjati s-saħħa u s-sikurezza tar-riċevituri tas-servizz jenħtieġ li ma tinftehimx bħala kontroll tal-prestazzjoni tax-xogħol.

klijenti tagħhom għal kif iwettqu xogħolhom u għall-kwalità tal-outputs tagħhom. Il-libertà li wieħed jagħżel is-sigħat tax-xogħol jew il-perjodi ta' assenza, li jirrifjuta l-kompiti, li juża sottokuntratturi jew sostituti jew li jaħdem għal kwalunkwe parti terza hija karatteristika tal-impjeg indipendenti ġenwin. Għalhekk, ir-restrizzjoni *de facto* ta' dawn id-diskrezzjonijiet b'għadd ta' kondizzjonijiet jew permezz ta' sistema ta' sanzjonijiet, jenħtieġ li titqies bħala element ta' kontroll tal-prestazzjoni tax-xogħol. Jenħtieġ li s-supervizzjoni mill-qrib tal-prestazzjoni tax-xogħol jew il-verifika bir-reqqa tal-kwalità tar-riżultati ta' dak ix-xogħol, inkluż b'mezzi elettroniċi li ma jikkonsistux sempliċiment fl-użu tar-rieżamijiet jew tal-klassifikazzjonijiet mir-riċevituri tas-servizz, titqies ukoll bħala element ta' kontroll tal-prestazzjoni tax-xogħol. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jkunu jistgħu jfasslu l-interfaċċi tekniċi tagħhom b'tali mod li jiżguraw esperjenza tajba għall-konsumatur. Il-miżuri jew ir-regoli li huma mitluba bil-liġi **lokali applikabbli** jew **regolamenti, jew ftehimiet ta' negozjar kollettiv**, biex jiġu ssalvagwardjati s-saħħa u s-sikurezza tar-riċevituri tas-servizz, **jipprovdur servizz sodisfaċenti għall-konsumatur, jipprevjenu l-frodi għad-detriment tal-konsumaturi jew tal-ħaddiema tal-pjattaformi, jintlaħqu għanijiet relatati mal-mobilità b'emissjonijiet baxxi u mingħajr emissjonijiet**, jenħtieġ li ma tinftehimx bħala kontroll tal-prestazzjoni tax-xogħol.

## Emenda 25

### Proposta għal direttiva Premessa 28

*Test propost mill-Kummissjoni*

(28) Ir-relazzjoni bejn il-persuna li

RR\1269650MT.docx

*Emenda*

(28) Ir-relazzjoni bejn il-persuna li

141/165

PE731.497

twettaq xogħol fuq il-pjattaformi u pjattaforma tax-xogħol diġitali tista' ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' relazzjoni ta' impjieg skont id-definizzjoni stabbilita mill-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ tal-Istat Membru rispettiv fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm il-pjattaforma tax-xogħol diġitali tikkontrolla l-prestazzjoni tax-xogħol fuq aspekt jew ieħor. L-Istati Membri **għandhom** jiżguraw il-possibbiltà li tiġi kkonfutata l-preżunzjoni legali fil-proċedimenti legali jew amministrattivi jew fit-tnejn li huma billi jagħtu prova, abbażi tad-definizzjoni msemmija hawn fuq, li r-relazzjoni inkwistjoni mhijiex relazzjoni ta' impjieg. Il-bidla mill-oneru tal-provi għall-pjattaformi tax-xogħol diġitali hija ġġustifikata mill-fatt li dawn għandhom ħarsa ġenerali kompluta tal-elementi fattwali kollha li jiddeterminaw ir-relazzjoni, b'mod partikolari l-algoritmi li permezz tagħhom jiġġestixxu l-operazzjonijiet tagħhom. Il-proċedimenti legali u l-proċedimenti amministrattivi mibdija mill-pjattaformi tax-xogħol diġitali sabiex tiġi kkonfutata l-preżunzjoni legali jenħtieġ li **ma jkollhomx** effett suspensiv fuq l-applikazzjoni tal-preżunzjoni legali. Konfutazzjoni b'suċċess tal-preżunzjoni fil-proċedimenti amministrattivi jenħtieġ li ma tipprekludix l-applikazzjoni tal-preżunzjoni fil-proċeduri ġudizzjarji sussegwenti. Meta l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi li tkun is-suġġett tal-preżunzjoni tfittex li tikkonfuta l-preżunzjoni legali, jenħtieġ li l-pjattaforma tax-xogħol diġitali tintalab tassisti lil dik il-persuna, b'mod partikolari billi ttipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha miżmuma mill-pjattaforma fir-rigward ta' dik il-persuna. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu l-gwida meħtieġa għall-proċeduri biex il-preżunzjoni legali tiġi kkonfutata.

twettaq xogħol fuq il-pjattaformi u pjattaforma tax-xogħol diġitali tista' ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' relazzjoni ta' impjieg skont id-definizzjoni stabbilita mill-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ tal-Istat Membru rispettiv fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm il-pjattaforma tax-xogħol diġitali tikkontrolla l-prestazzjoni tax-xogħol fuq aspekt jew ieħor. **Jenħtieġ li** l-Istati Membri jiżguraw il-possibbiltà li tiġi kkonfutata l-preżunzjoni legali fil-proċedimenti legali jew amministrattivi jew fit-tnejn li huma billi jagħtu prova, abbażi tad-definizzjoni msemmija hawn fuq, li r-relazzjoni inkwistjoni mhijiex relazzjoni ta' impjieg. Il-bidla mill-oneru tal-provi għall-pjattaformi tax-xogħol diġitali hija ġġustifikata mill-fatt li dawn għandhom ħarsa ġenerali kompluta tal-elementi fattwali kollha li jiddeterminaw ir-relazzjoni, b'mod partikolari l-algoritmi li permezz tagħhom jiġġestixxu l-operazzjonijiet tagħhom. Il-proċedimenti legali u l-proċedimenti amministrattivi mibdija mill-pjattaformi tax-xogħol diġitali sabiex tiġi kkonfutata l-preżunzjoni legali jenħtieġ li **jkollhom** effett suspensiv fuq l-applikazzjoni tal-preżunzjoni legali **sabiex jiġi evitat l-iskattar u l-konfutazzjoni sussegwenti f'każijiet ta' impjieg indipendenti ġenwin**. Konfutazzjoni b'suċċess tal-preżunzjoni fil-proċedimenti amministrattivi jenħtieġ li ma tipprekludix l-applikazzjoni tal-preżunzjoni fil-proċeduri ġudizzjarji sussegwenti. Meta l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi li tkun is-suġġett tal-preżunzjoni tfittex li tikkonfuta l-preżunzjoni legali, jenħtieġ li l-pjattaforma tax-xogħol diġitali tintalab tassisti lil dik il-persuna, b'mod partikolari billi ttipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha miżmuma mill-pjattaforma fir-rigward ta' dik il-persuna. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu l-gwida meħtieġa għall-proċeduri biex il-preżunzjoni legali tiġi kkonfutata.

## Emenda 26

### Proposta għal direttiva Premessa 30a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(30a)** *L-allokkazzjoni tax-xogħol permezz ta' algoritmi, karatteristika essenzjali tal-mudell kummerċjali ta' ħafna pjattaformi, iżid l-użu ta' bidliet qosra prekarji kif ukoll skedi instabbli u imprevedibbli. Id-direzzjoni, l-evalwazzjoni u d-dixxiplina algoritmiċi jintensifikaw l-isforz tax-xogħol billi jżidu l-monitoraġġ, iżidu l-pass meħtieġ mill-ħaddiema, jimminimizzaw il-lakuni fil-fluss tax-xogħol, u jestendu l-attività tax-xogħol lil hinn mill-post tax-xogħol u s-siġhat tax-xogħol konvenzjonali. Madankollu, il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom ħafna drabi ftit ikollhom viżibbiltà jew kontroll fuq dawn is-sistemi algoritmiċi minkejja li s-sistemi jkollhom impatt fuq l-organizzazzjonijiet u l-kondizzjonijiet tax-xogħol. Dan huwa partikolarment minnu għat-trasport tal-merkanzija u s-servizzi tal-konsenja.*

## Emenda 27

### Proposta għal direttiva Premessa 32a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(32a)** *Ċerti deċiżjonijiet, bħas-sensja jew kwalunkwe miżura dixxiplinari oħra jenħtieġ li dejjem jittieħdu mill-bnedmin, mhux minn sistemi awtomatizzati, meta jitqies l-impatt ta' tali deċiżjonijiet fuq il-ħaddiema.*

## Emenda 28

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 45**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(45) Ix-xogħol fuq il-pjattaformi huwa kkaratterizzat min-nuqqas ta' post tax-xogħol komuni fejn il-ħaddiema jkunu jistgħu jsiru jafu lil xulxin u jikkomunikaw ma' xulxin u mar-rappreżentanti tagħhom, anke bil-għan li jiddefendu l-interessi tagħhom quddiem l-impjegatur. Għalhekk, huwa meħtieġ li jinħolqu kanali ta' komunikazzjoni diġitali, f'konformità mal-organizzazzjoni tax-xogħol tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali, fejn il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jkunu jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin u jiġu kkuntattjati mir-rappreżentanti tagħhom. Jenħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jgħallqu dawn il-kanali ta' komunikazzjoni fi ħdan l-infrastruttura diġitali tagħhom jew b'mezzi effettivi simili, filwaqt li jirrispettaw il-protezzjoni tad-data personali u joqogħdu lura milli jaċċessaw jew jimmonitorjaw dawk il-komunikazzjonijiet.

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 45a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(45) Ix-xogħol fuq il-pjattaformi huwa kkaratterizzat min-nuqqas ta' post tax-xogħol komuni fejn il-ħaddiema jkunu jistgħu jsiru jafu lil xulxin u jikkomunikaw ma' xulxin u mar-rappreżentanti tagħhom, anke bil-għan li jiddefendu l-interessi tagħhom quddiem l-impjegatur. Għalhekk, huwa meħtieġ li jinħolqu kanali ta' komunikazzjoni diġitali, f'konformità mal-organizzazzjoni tax-xogħol tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali, fejn il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jkunu jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin u jiġu kkuntattjati mir-rappreżentanti tagħhom. Jenħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jgħallqu dawn il-kanali ta' komunikazzjoni fi ħdan l-infrastruttura diġitali tagħhom jew b'mezzi effettivi simili, filwaqt li jirrispettaw il-protezzjoni tad-data personali u joqogħdu lura milli jaċċessaw jew jimmonitorjaw dawk il-komunikazzjonijiet. ***Huwa essenzjali wkoll li l-ħaddiema jiksbu aċċess għal negozjar kollettiv reali jew forom ekwivalenti ta' dialogu konsistenti mal-mudelli tas-sug tax-xogħol nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirratifikaw il-konvenzjonijiet rilevanti tal-ILO u jsaħħu d-drittijiet tal-ħaddiema tal-pjattaformi għall-organizzazzjoni fi trade unions u għan-negozjar kollettiv.***

*Emenda*

***(45a) Saru innovazzjonijiet sinifikanti fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali, li saru integrali għall-mudelli kummerċjali u għat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-kumpaniji***



*tal-pjattaformi. Jenħtieġ li l-użu tal-intelliġenza artifiċjali fuq il-pjattaformi jirrispetta s-saħħa, is-sikurezza, il-privatezza u l-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tal-pjattaformi.*

## Emenda 30

### Proposta għal direttiva Premessa 48a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(48a) Jenħtieġ li l-individwi kkonċernati mis-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ jew ta' teħid ta' deċiżjonijiet ikollhom aċċess sinifikattiv għall-mekkaniżmi ta' rapportar u ta' rimedju mal-awtorità nazzjonali rilevanti.*

## Emenda 31

### Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li ttejjeb il-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi billi **tiżgura d-determinazzjoni korretta tal-istatus** fl-impjieg **tagħhom**, billi **tippromwovi** t-trasparenza, il-ġustizzja u r-responsabbiltà fil-ġestjoni algoritmika fix-xogħol fuq il-pjattaformi u billi ttejjeb it-trasparenza tax-xogħol fuq il-pjattaformi inkluż f'sitwazzjonijiet transfruntiera, filwaqt li tappoġġa l-kondizzjonijiet għat-**tkabbir sostenibbli tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali** fl-Unjoni.

1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li ttejjeb il-kondizzjonijiet tax-xogħol, **li jirrispettaw is-saħħa, is-sikurezza, id-drittijiet u d-dinjità** tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi **speċjalment fis-setturi Ewropej tat-trasport u tat-turiżmu u b'mod partikolari għal xogħol fuq il-post determinat mill-pjattaformi. Il-kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa għandhom jiġu żgurati** billi **jiġi ddeterminat b'mod korrett l-istatus** fl-impjieg, billi **jiġu promossi** t-trasparenza, **is-sikurezza**, il-ġustizzja u r-responsabbiltà fil-ġestjoni algoritmika fix-xogħol fuq il-pjattaformi u billi ttejjeb it-trasparenza tax-xogħol fuq il-pjattaformi inkluż f'sitwazzjonijiet transfruntiera, filwaqt li tappoġġa l-kondizzjonijiet għat-**tkabbir sostenibbli tal-pjattaformi tax-xogħol**



diġitali fl-Unjoni, *u li ssostni l-iżvilupp, l-awtonomija u l-flessibbiltà tagħhom u li tipprovdi ċertezza legali.*

## Emenda 32

### Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) "xogħol fuq il-pjattaformi" tfisser kwalunkwe xogħol organizzat permezz ta' pjattaforma tax-xogħol diġitali u mwettaq fl-Unjoni minn individwu abbażi ta' relazzjoni kuntrattwali bejn il-pjattaforma tax-xogħol diġitali u l-individwu, irrispettivament minn jekk teżistix relazzjoni kuntrattwali bejn l-individwu u r-riċevitur tas-servizz;

#### *Emenda*

(2) "xogħol fuq il-pjattaformi" tfisser kwalunkwe xogħol organizzat *jew abilitat* permezz ta' pjattaforma tax-xogħol diġitali u mwettaq fl-Unjoni minn individwu abbażi ta' relazzjoni kuntrattwali bejn il-pjattaforma tax-xogħol diġitali u l-individwu, irrispettivament minn jekk teżistix relazzjoni kuntrattwali bejn l-individwu u r-riċevitur tas-servizz;

## Emenda 33

### Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandu jkollhom proċeduri xierqa biex jivverifikaw u jiżguraw id-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieg tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi diġitali, sabiex jaċċertaw l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istati Membri fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u jiġi żgurat li huma jgawdu mid-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.

#### *Emenda*

1. L-Istati Membri għandu jkollhom proċeduri xierqa biex jivverifikaw u jiżguraw id-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieg tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi diġitali, sabiex jaċċertaw l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istati Membri fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja *meta u fejn applikabbli*, u jiġi żgurat li huma jgawdu mid-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.

## Emenda 34

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Id-determinazzjoni tal-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg għandha tkun iggwidata **primarjament** mill-fatti marbuta mat-twettiq attwali tax-xogħol, fid-dawl tal-użu tal-algoritmi fl-organizzazzjoni tax-xogħol fuq il-pjattaformi, irrispettivament minn kif tiġi kklassifikata r-relazzjoni fi kwalunkwe arranġament kuntrattwali li seta' ġie miftiehem bejn il-partijiet involuti. Meta l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg tiġi stabbilita abbażi tal-fatti, il-parti li tassumi l-obbligi ta' impjegatur għandha tiġi identifikata b'mod ċar f'konformità mas-sistemi legali nazzjonali.

*Emenda*

2. Id-determinazzjoni tal-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg għandha tkun iggwidata mill-fatti marbuta mat-twettiq attwali tax-xogħol, fid-dawl tal-użu tal-algoritmi fl-organizzazzjoni tax-xogħol fuq il-pjattaformi, irrispettivament minn kif tiġi kklassifikata r-relazzjoni fi kwalunkwe arranġament kuntrattwali li seta' ġie miftiehem bejn il-partijiet involuti. Meta l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg tiġi stabbilita abbażi tal-fatti, il-parti li tassumi l-obbligi ta' impjegatur għandha tiġi identifikata b'mod ċar f'konformità mas-sistemi legali nazzjonali.

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ta' appoġġ li jiżguraw id-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieg imsemmija fil-paragrafu 1 filwaqt li jappoġġaw l-iżvilupp sostenibbli tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali. B'mod partikolari għandhom:**

**(a) jiżguraw li l-informazzjoni dwar id-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieg tkun disponibbli b'mod ċar, komprensiv u aċċessibbli faċilment;**

**(b) jiżviluppaw gwida għall-pjattaformi tax-xogħol diġitali, għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u għas-sħab soċjali biex jifhmu u jimplementaw id-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieg;**

**(c) jiżviluppaw gwida għall-awtoritajiet tal-infurzar biex jimmiraw u**

*jsegwu b'mod proattiv il-pjattaformi tax-xogħol diġitali li mhumiex konformi;*

*(d) isaħħu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-ispettorati tax-xogħol jew mill-korpi responsabbli għall-infurzar tal-liġi tax-xogħol.*

## Emenda 36

### Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. Meta l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jiġu ddeterminati li huma impjegaturi, huma għandhom jikkonformaw mal-obbligi korrispondenti tal-impjegaturi skont il-liġi nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi applikabbli fis-settur tal-attività.*

## Emenda 37

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Ir-relazzjoni ta' impjieg bejn il-pjattaforma tax-xogħol diġitali li tikkontrolla, skont it-tifsira tal-paragrafu 2, it-tweqqi tax-xogħol u l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi permezz ta' dik il-pjattaforma għandha tiġi preżunta li tkun relazzjoni ta' impjieg. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas ta' miżuri, f'konformità mas-sistemi legali u ġudizzjarji nazzjonali tagħhom.

Ir-relazzjoni ta' impjieg bejn il-pjattaforma tax-xogħol diġitali li tikkontrolla, skont it-tifsira tal-paragrafu 2, it-tweqqi tax-xogħol u l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi ***lil hinn minn dak li jirrikjedu r-relazzjonijiet kummerċjali*** permezz ta' dik il-pjattaforma għandha tiġi preżunta li tkun relazzjoni ta' impjieg. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas ta' miżuri, f'konformità mas-sistemi legali u ġudizzjarji nazzjonali ***tagħhom, sabiex jiġi żgurat li l-preżunzjoni legali tkun tista' tiġi invokata mill-awtoritajiet kompetenti li jivverifikaw il-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti jew jinfurzawha kif ukoll minn persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi li***

*jikkontestaw il-klassifikazzjoni tal-istatus fl-impjieg* tagħhom.

### Emenda 38

#### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-preżunzjoni legali għandha tapplika fil-proċedimenti amministrattivi u legali rilevanti kollha. ***L-awtoritajiet kompetenti li jivverifikaw il-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti jew li jinfurzawha għandhom ikunu jistgħu joqogħdu fuq dik il-preżunzjoni.***

*Emenda*

Il-preżunzjoni legali għandha tapplika fil-proċedimenti amministrattivi u legali rilevanti kollha.

### Emenda 39

#### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-kontroll tat-twettiq tax-xogħol skont it-tifsira tal-paragrafu 1 għandu jinftehem li jissodisfa ***mill-inqas tnejn minn*** dawn li ġejjin:

*Emenda*

2. Il-kontroll tat-twettiq tax-xogħol skont it-tifsira tal-paragrafu 1 għandu jinftehem li jissodisfa ***l-maġġoranza ta'*** dawn li ġejjin:

### Emenda 40

#### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) id-determinar jew l-iffissar ***effettiv*** tal-limiti massimi għal-livell tal-paga;

*Emenda*

(a) id-determinar jew l-iffissar ***de facto*** tal-limiti massimi għal-livell tal-paga;

### Emenda 41

#### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) il-ħtieġa li l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi tħares ir-regoli vinkolanti speċifiċi fir-rigward tad-dehra, tal-kondotta lejn ir-riċevitur tas-servizz jew tat-twettiq tax-xogħol;

*Emenda*

(b) il-ħtieġa li l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi tħares ir-regoli vinkolanti speċifiċi fir-rigward tad-dehra, tal-kondotta lejn ir-riċevitur tas-servizz jew tat-twettiq tax-xogħol, ***lil hinn minn dak li huwa meħtieġ mil-liġi jew meħtieġ biex jiġu salvagwardjati s-saħħa u s-sikurezza tar-riċevituri tas-servizz jew jiġi żgurat il-funzjonament essenzjali tas-servizz;***

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) is-superviżjoni tat-twettiq tax-xogħol jew verifika tal-kwalità tar-riżultati tax-xogħol inkluż b'mezzi elettroniċi;

*Emenda*

(c) is-superviżjoni ***mill-qrib*** tat-twettiq tax-xogħol jew verifika ***bir-reqqa*** tal-kwalità tar-riżultati tax-xogħol inkluż b'mezzi elettroniċi, ***lil hinn minn dak li huwa meħtieġ mil-liġi jew meħtieġ biex jiġu salvagwardjati s-saħħa u s-sikurezza tar-riċevituri tas-servizz jew jiġi żgurat il-funzjonament essenzjali tas-servizz;***

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) it-trażżin effettiv tal-libertà, inkluż permezz ta' sanzjonijiet, li wieħed jorganizza x-xogħol tiegħu, b'mod partikolari d-diskrezzjoni li wieħed jagħżel il-ħinijiet tax-xogħol tiegħu jew il-perjodi ta' assenza, li jaċċetta jew li jirrifjuta kompiti jew l-użu ta' sottokuntratturi jew ta' sostituti;

*Emenda*

(d) it-trażżin effettiv ***de facto*** tal-libertà, inkluż permezz ta' sanzjonijiet, li wieħed jorganizza x-xogħol tiegħu, b'mod partikolari d-diskrezzjoni li wieħed jagħżel il-ħinijiet tax-xogħol tiegħu jew il-perjodi ta' assenza, li jaċċetta jew li jirrifjuta kompiti, ***inkluż minn pjattaformi diġitali oħra*** jew l-użu ta' sottokuntratturi jew ta' sostituti;

## Emenda 44

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt e

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(e) it-trażżin **effettiv** tal-possibbiltà li tinbena bażi ta' klijenti jew li jitwettaq xogħol għal kwalunkwe parti terza.

#### *Emenda*

(e) it-trażżin **de facto** tal-possibbiltà li tinbena bażi ta' klijenti jew li jitwettaq xogħol għal kwalunkwe parti terza.

## Emenda 45

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ta' appoġġ li jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-preżunzjoni legali msemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li jqisu l-impatt fuq **in-negozji** l-ġodda, jevitaw il-qbid ta' persuni b'impjieġ indipendenti ġenwin u jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali. B'mod partikolari għandhom:

#### *Emenda*

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ta' appoġġ li jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-preżunzjoni legali msemmija fil-paragrafu 1, **sabiex jiżguraw il-protezzjoni effettiva għall-ħaddiema li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjieġ**, filwaqt li jqisu l-impatt fuq **l-intraprendituri u n-negozji** l-ġodda, jevitaw il-qbid ta' persuni b'impjieġ indipendenti ġenwin u jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali. B'mod partikolari għandhom:

## Emenda 46

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) jiżviluppaw gwida għall-pjattaformi tax-xogħol diġitali, għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u għas-sħab soċjali biex jifhmu u jimplimentaw il-preżunzjoni legali inkluż dwar il-proċeduri biex din tiġi kkonfutata f'konformità mal-

#### *Emenda*

(b) jiżviluppaw **rakkomandazzjonijiet preċiżi u komprensivi li jipprovdu** gwida għall-pjattaformi tax-xogħol diġitali, għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u għas-sħab soċjali biex jifhmu u jimplimentaw il-preżunzjoni legali inkluż

Artikolu 5;

dwar il-proċeduri biex din tiġi kkonfutata f'konformità mal-Artikolu 5;

#### Emenda 47

##### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) jiżviluppaw gwida għall-awtoritajiet tal-infurzar biex jimmiraw u jsegwu b'mod proattiv il-pjattaformi tax-xogħol diġitali li mhumiex konformi;

*Emenda*

(c) jiżviluppaw ***bini tal-kapaċità, gwida, taħriġ u jistabbilixxu proċeduri*** għall-awtoritajiet ***nazzjonali kompetenti u*** tal-infurzar biex ***jidentifikaw***, jimmiraw u jsegwu b'mod proattiv il-pjattaformi tax-xogħol diġitali li mhumiex konformi ***wara deċiżjoni amministrattiva jew legali relatata sabiex tiġi żgurata konformità effettiva mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva.***

#### Emenda 48

##### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(da) jiżguraw li esperti tekniċi u speċjalisti kwalifikati kif xieraq, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni algoritmika, jassistu lill-ispettorati tax-xogħol fix-xogħol tagħhom meta meħtieġ.***

#### Emenda 49

##### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt db (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(db) jiżviluppaw mekkaniżmu ta' konsultazzjoni li skontu persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jew pjattaformi tax-xogħol diġitali jistgħu jitolbu lill-***



*awtoritajiet rilevanti jivvalutaw, jivverifikaw u jiġġustifikaw l-istatus fl-impjeg ta' persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi abbażi tal-kontroll tal-prestazzjoni tax-xogħol skont it-tifsira tal-paragrafu 2.*

## Emenda 50

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Fir-rigward tar-relazzjonijiet kuntrattwali li daħlu fihom qabel u li għadhom għaddejja fid-data stabbilita fl-Artikolu 21(1), il-preżunzjoni legali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika biss għall-perjodu li jibda minn dik id-data.

*Emenda*

4. Fir-rigward tar-relazzjonijiet kuntrattwali li daħlu fihom qabel u li għadhom għaddejja fid-data stabbilita fl-Artikolu 21(1), il-preżunzjoni legali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika biss għall-perjodu li jibda minn dik id-data ***mingħajr preġudizzju għal xi liġi oħra nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli.***

## Emenda 51

### Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-possibbiltà għal kwalunkwe waħda mill-partijiet biex tikkonfuta l-preżunzjoni legali msemmija fl-Artikolu 4 fil-proċedimenti legali jew amministrattivi jew fit-tnejn li huma.

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-possibbiltà għal kwalunkwe waħda mill-partijiet biex tikkonfuta l-preżunzjoni legali msemmija fl-Artikolu 4 fil-proċedimenti legali jew amministrattivi jew fit-tnejn li huma. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li qabel ma tkun tista' tiġi applikata l-preżunzjoni, kull parti jkollha l-oppurtunità li tippreżenta provi u argumenti.***

## Emenda 52

### Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta l-pjattaforma tax-xogħol diġitali targumenta li r-relazzjoni ta' impjieg ikkonċernata mhix relazzjoni ta' impjieg kif definita mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-obbligu ta' provi għandu jaqa' fuq il-pjattaforma tax-xogħol diġitali. ***Dawn il-proċedimenti ma għandux ikollhom effett sospensiv fuq l-applikazzjoni tal-preżunzjoni legali.***

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 5 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi targumenta li r-relazzjoni ta' impjieg ikkonċernata mhix relazzjoni ta' impjieg kif definita mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istati Membru kkonċernat, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-pjattaforma tax-xogħol diġitali għandha tintalab tassisti r-riżoluzzjoni kif suppost tal-proċedimenti, ***b'mod partikolari*** billi tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha li għandha.

**Emenda 54**

*Emenda*

Meta l-pjattaforma tax-xogħol diġitali targumenta li r-relazzjoni ta' impjieg ikkonċernata mhix relazzjoni ta' impjieg kif definita mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-obbligu ta' provi għandu jaqa' fuq il-pjattaforma tax-xogħol diġitali.

*Emenda*

Meta l-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi targumenta li r-relazzjoni ta' impjieg ikkonċernata mhix relazzjoni ta' impjieg kif definita mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istati Membru kkonċernat, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-pjattaforma tax-xogħol diġitali għandha tintalab tassisti r-riżoluzzjoni kif suppost tal-proċedimenti, billi tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha li għandha. ***L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-gwida meħtieġa għall-proċeduri biex jikkonfutaw il-preżunzjoni legali. Tali proċedimenti għandhom isiru quddiem l-awtorità nazzjonali rispettiva bil-proċedura nazzjonali rilevanti, speċjalment f'każ li tkun diġà teżisti preżunzjoni legali u/jew proċedura għall-għoti ta' status fl-impjieg fuq livell nazzjonali.***

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 5a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 5a**

*It-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni b'impjeg indipendenti ġenwin li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi*

*L-iżgurar tad-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjeg ma għandux jipprevjeni t-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni b'impjeg indipendenti ġenwin li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi. Meta pjattaforma tax-xogħol diġitali tiddeċiedi, jew fuq bażi purament volontarja jew bi ftehim mal-persuni kkonċernati, li tħallas għall-protezzjoni soċjali, għall-assigurazzjoni kontra l-aċċidenti jew forom oħra ta' assigurazzjoni, għall-miżuri ta' taħriġ jew għall-benefiċċji simili għall-persuni b'impjeg indipendenti li jaħdmu permezz ta' dik il-pjattaforma, dawk il-benefiċċji fihom infushom ma għandhomx jitqiesu bħala elementi determinanti li jindikaw l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjeg;*

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 5b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 5b**

*Taħriġ fis-sigurtà u taħriġ speċifiku fis-settur tat-trasport*

*Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom jipprovdu l-informazzjoni u l-aċċess għal taħriġ regolari dwar is-sigurtà u għat-taħriġ speċifiku fis-setturi tat-trasport, filwaqt li jqisu r-rekwiżiti u l-aspettattivi tal-konsumatur. Għandhom jiżviluppaw mogħdijiet ta' taħriġ u żvilupp professjonali sabiex iwessgħu l-għażliet*

## Emenda 56

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) is-sistemi awtomatizzati tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jintużaw biex jieħdu deċiżjonijiet jew jappoġġawhom li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' dawk il-ħaddiema tal-pjattaformi, b'mod partikolari l-aċċess għall-inkarigi tax-xogħol tagħhom għall-qligħ tagħhom, għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tagħhom, għall-ħin tax-xogħol tagħhom, **għall-promozzjoni** tagħhom u għall-istatus kuntrattwali tagħhom, inkluż ir-restrizzjoni, is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-kont tagħhom.

##### *Emenda*

(b) is-sistemi awtomatizzati tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jintużaw biex jieħdu deċiżjonijiet jew jappoġġawhom li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' dawk il-ħaddiema tal-pjattaformi, b'mod partikolari l-aċċess għall-inkarigi tax-xogħol tagħhom **u l-organizzazzjoni tax-xogħol tagħhom**, għall-qligħ tagħhom, għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tagħhom, għall-ħin tax-xogħol tagħhom, **jew jintużaw biex jappoġġaw deċiżjonijiet li jaffettwaw il-promozzjoni** tagħhom u għall-istatus kuntrattwali tagħhom, inkluż ir-restrizzjoni, is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-kont tagħhom.

## Emenda 57

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b – punt iv

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(iv) ir-raġunijiet għad-deċiżjonijiet biex jirrestrinġu, jissospendu jew jitterminaw il-kont tal-ħaddiem tal-pjattaformi, biex jirrifjutaw ir-remunerazzjoni tax-xogħol imwettaq mill-ħaddiem tal-pjattaformi, dwar l-istatus kuntrattwali tal-ħaddiem tal-pjattaformi jew kwalunkwe deċiżjoni b'effetti simili.

##### *Emenda*

(iv) ir-raġunijiet għad-deċiżjonijiet biex jirrestrinġu, jissospendu jew jitterminaw il-kont tal-ħaddiem tal-pjattaformi, biex jirrifjutaw ir-remunerazzjoni tax-xogħol imwettaq mill-ħaddiem tal-pjattaformi, dwar l-istatus kuntrattwali tal-ħaddiem tal-pjattaformi jew kwalunkwe deċiżjoni b'effetti simili, **ir-raġunijiet għall-promozzjoni u, fejn it-teħid ta' deċiżjonijiet huwa appoġġat jew ibbażat fuq il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, il-kriterji użati għall-**

## **Emenda 58**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 3**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 fl-għamla ta' dokument li jista' jkun f'format elettroniku. Dawn għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni sa mhux aktar tard mill-ewwel ġurnata tax-xogħol, kif ukoll f'każ ta' bidliet sostanzjali jew fi kwalunkwe ħin fuq talba tal-ħaddiema tal-pjattaformi. L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata b'mod **konċiż**, trasparenti, li jinftiehem u aċċessibbli faċilment, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi.

#### *Emenda*

3. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 fl-għamla ta' dokument li jista' jkun f'format elettroniku. Dawn għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni sa mhux aktar tard mill-ewwel ġurnata tax-xogħol, kif ukoll f'każ ta' bidliet sostanzjali jew fi kwalunkwe ħin fuq talba tal-ħaddiema tal-pjattaformi. L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata b'mod **komplut**, trasparenti, li jinftiehem u aċċessibbli faċilment, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi.

## **Emenda 59**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jevalwaw ir-riskji tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema tal-pjattaformi, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji possibbli tal-aċċidenti relatati max-xogħol, tar-riskji psikosoċjali u ergonomiċi;

#### *Emenda*

(a) jevalwaw ir-riskji tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet **għan-nondiskriminazzjoni u għall-protezzjoni tad-data u** għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema tal-pjattaformi, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji possibbli tal-aċċidenti relatati max-xogħol, tar-riskji psikosoċjali u ergonomiċi;

## **Emenda 60**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 3**

3. L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali jiżguraw biżżejjed riżorsi umani għall-monitoraġġ tal-impatt tad-deċiżjonijiet individwali meħuda jew appoġġati mis-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet f'konformità ma' dan l-Artikolu. Il-persuni assenjati mill-pjattaforma tax-xogħol diġitali bil-funzjoni tal-monitoraġġ għandu jkollhom il-kompetenza, it-taħriġ u l-awtorità meħtieġa biex jeżerċitaw dik il-funzjoni. Huma għandhom jibbenefikaw minn protezzjoni mis-sensja, mill-miżuri dixxiplinarji jew minn kwalunkwe trattament negattiv ieħor għat-tħassir tad-deċiżjonijiet awtomatizzati jew għas-suġġerimenti għad-deċiżjonijiet.

3. L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali jiżguraw biżżejjed riżorsi umani għall-monitoraġġ tal-impatt tad-deċiżjonijiet individwali meħuda jew appoġġati mis-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet f'konformità ma' dan l-Artikolu. Il-persuni assenjati mill-pjattaforma tax-xogħol diġitali bil-funzjoni tal-monitoraġġ, **teħid ta' deċiżjonijiet assistit minn monitoraġġ awtomatizzat jew sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew rieżami tad-deċiżjonijiet** għandu jkollhom il-kompetenza, it-taħriġ u l-awtorità meħtieġa biex jeżerċitaw dik il-funzjoni. Huma għandhom jibbenefikaw minn protezzjoni mis-sensja, mill-miżuri dixxiplinarji jew minn kwalunkwe trattament negattiv ieħor għat-tħassir tad-deċiżjonijiet awtomatizzati jew għas-suġġerimenti għad-deċiżjonijiet.

## Emenda 61

### Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1

1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u għall-obbligi skont id-Direttiva 2002/14/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-informazzjoni u l-konsultazzjoni **tar-rappreżentanti** tal-ħaddiema tal-pjattaformi jew, fejn ma jkunx hemm dawn ir-rappreżentanti, tal-ħaddiema tal-pjattaformi kkonċernati mill-pjattaformi tax-xogħol diġitali, dwar deċiżjonijiet li x'aktarx iwasslu għall-introduzzjoni tal-użu tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew għat-tibdil sostanzjali tagħhom **imsemmija** fl-Artikolu 6(1), f'konformità ma' dan l-Artikolu.

1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u għall-obbligi skont id-Direttiva 2002/14/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-informazzjoni u l-konsultazzjoni **effettiva** tal-ħaddiema tal-pjattaformi **u tar-rappreżentanti tal-ħaddiema** jew, fejn ma jkunx hemm dawn ir-rappreżentanti, tal-ħaddiema tal-pjattaformi kkonċernati mill-pjattaformi tax-xogħol diġitali, dwar deċiżjonijiet li x'aktarx iwasslu għall-introduzzjoni tal-użu tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew għat-tibdil sostanzjali tagħhom **li jaffettwa l-kondizzjonijiet tax-xogħol u s-saħħa u s-sikurezza msemmija** fl-Artikolu 6(1), **jew**

*bidliet fl-allokazzjoni jew l-organizzazzjoni tax-xogħol f'konformità ma' dan l-Artikolu.*

## **Emenda 62**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. L-individwi li jwettqu xogħol permezz ta' pjattaforma diġitali jingħataw id-dritt għall-portabbiltà tad-data f'konformità mar-Regolament UE 2016/679.**

## **Emenda 63**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Meta l-awtoritajiet tax-xogħol, tal-protezzjoni soċjali u *oħra* rilevanti jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom biex jiżguraw il-konformità mal-obbligi legali applikabbli għall-istatus fl-impjieg tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u meta r-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' rappreżentazzjoni tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jpoġġu dan it-tagħrif li ġej għad-disponibbiltà tagħhom:

1. Meta l-awtoritajiet tax-xogħol, **tas-saħħa u s-sikurezza**, tal-protezzjoni soċjali u *oħrajn* rilevanti jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom biex jiżguraw il-konformità mal-obbligi legali applikabbli għall-istatus fl-impjieg tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u meta r-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' rappreżentazzjoni tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jpoġġu dan it-tagħrif li ġej għad-disponibbiltà tagħhom:

## **Emenda 64**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**



*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ba)** *il-miżuri meħuda biex tiġi żgurata s-saħħa u s-sikurezza tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi fuq il-post fis-servizzi tas-sewqan u tal-konsenja;*

## **Emenda 65**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(bb)** *l-għadd ta' aċċidenti u ħabtiet li jwassal għal mewt jew korrimenti serji li jinvolvu persuni li jipprovdu xogħol fuq il-pjattaformi fuq il-post fis-setturi tas-sewqan u tal-konsenja u utenti oħra tat-triq;*

## **Emenda 66**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. L-awtoritajiet **ta' xogħol, ta' protezzjoni soċjali** u **oħra** rilevanti u r-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi għandhom id-dritt jitolbu lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali aktar kjarifiki u dettalji fir-rigward ta' kwalunkwe data pprovduta. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom jagħtu rispons għal din it-talba f'perjodu ta' żmien raġonevoli billi jipprovdu tweġiba sostanzjata.

3. L-awtoritajiet **tax-xogħol, tal-protezzjoni soċjali, tas-saħħa u s-sikurezza** u **oħrajn** rilevanti u r-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi għandhom id-dritt jitolbu lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali aktar kjarifiki u dettalji fir-rigward ta' kwalunkwe data pprovduta. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom jagħtu rispons għal din it-talba f'perjodu ta' żmien raġonevoli billi jipprovdu tweġiba sostanzjata.

## **Emenda 67**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali joħlqu l-possibbiltà għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi biex jikkuntattjaw jew jikkomunikaw ma' xulxin, u biex jiġu kkuntattjati minn rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, permezz tal-infrastrutturi diġitali tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali jew ta' mezzi effettivi simili, filwaqt li jikkonformaw mal-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2016/679. L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali joqogħdu lura milli jaċċessaw jew jimmonitorjaw dawk il-kuntatti u komunikazzjonijiet.

**Emenda 68**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 15a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali joħlqu l-possibbiltà għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi biex jikkuntattjaw jew jikkomunikaw ma' xulxin, u biex jiġu kkuntattjati minn rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, permezz tal-infrastrutturi diġitali tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali, ***konnnettività mingħajr fili u fissa b'veloċità għolja*** jew ta' mezzi effettivi simili ***huma essenzjali għall-iżvilupp ulterjuri tas-servizzi tat-trasport diġitalizzati***, filwaqt li jikkonformaw mal-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2016/679. L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali joqogħdu lura milli jaċċessaw jew jimmonitorjaw dawk il-kuntatti u komunikazzjonijiet.

*Emenda*

***Artikolu 15a***

***Mingħajr preġudizzju għar-rispett sħiħ tal-awtonomija tas-sħab soċjali, l-Istati Membri għandhom jippromwovu n-negożjar kollettiv fix-xogħol fuq il-pjattaformi u jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkollhom id-dritt li jaċċessaw il-ħaddiema tal-pjattaformi, inkluż permezz ta' aċċess diġitali, bil-għan li jorganizzaw ir-rappreżentanza tagħhom;***

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	It-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi
<b>Referenzi</b>	COM(2021)0762 – C9-0454/2021 – 2021/0414(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 17.1.2022
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 17.1.2022
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Karima Delli 3.10.2022
<b>Rapporteur għal opinjoni preċedenti</b>	Marianne Vind
<b>Eżami fil-kumitat</b>	16.6.2022
<b>Data tal-adozzjoni</b>	3.10.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 25 - : 7 0 : 13
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Andris Ameriks, Erik Bergkvist, Izaskun Bilbao Barandica, Paolo Borchia, Karolin Braunsberger-Reinhold, Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Anna Deparnay-Grunenberg, Ismail Ertug, Giuseppe Ferrandino, Carlo Fidanza, Mario Furore, Søren Gade, Isabel García Muñoz, Elena Kountoura, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Benoît Lutgen, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Philippe Olivier, João Pimenta Lopes, Rovana Plumb, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, Vera Tax, Barbara Thaler, Henna Virkkunen, Lucia Vuolo, Roberts Zīle
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Leila Chaibi, Nicola Danti, Roman Haider, Ljudmila Novak, Jutta Paulus, Dorien Rookmaker, Annalisa Tardino, Kathleen Van Brempt, Marianne Vind, Jörgen Warborn
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ondřej Kovařík, Eugen Tomac, Iuliu Winkler

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

25	+
ECR	Carlo Fidanza, Peter Lundgren, Dorien Rookmaker, Roberts Zīle
ID	Paolo Borchia, Roman Haider, Philippe Olivier, Annalisa Tardino
PPE	Karolin Braunsberger-Reinhold, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Cláudia Monteiro de Aguiar, Ljudmila Novak, Massimiliano Salini, Barbara Thaler, Eugen Tomac, Henna Virkkunen, Lucia Vuolo, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler
RENEW	Izaskun Bilbao Barandica, Nicola Danti, Dominique Riquet
S&D	Erik Bergkvist

7	-
THE LEFT	Leila Chaibi, Elena Kountoura, João Pimenta Lopes
VERTS/ALE	Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Anna Deparnay-Grunenberg, Jutta Paulus

13	0
NI	Mario Furore
RENEW	Søren Gade, Ondřej Kovařík, Caroline Nagtegaal
S&D	Andris Ameriks, Ismail Ertug, Giuseppe Ferrandino, Isabel García Muñoz, Bogusław Liberadzki, Rovana Plumb, Vera Tax, Kathleen Van Brempt, Marianne Vind

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	It-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi	
<b>Referenzi</b>	COM(2021)0762 – C9-0454/2021 – 2021/0414(COD)	
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	9.12.2021	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 17.1.2022	
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 17.1.2022	
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Elisabetta Gualmini 2.2.2022	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	19.5.2022	12.7.2022
<b>Data tal-adozzjoni</b>	12.12.2022	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 41 –: 12 0: 0	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	João Albuquerque, Atidzhe Alieva-Veli, Marc Angel, Dominique Bilde, Gabriele Bischoff, Milan Brglez, Sylvie Brunet, David Casa, Leila Chaïbi, Margarita de la Pisa Carrión, Jarosław Duda, Estrella Durá Ferrandis, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Loucas Furlas, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, Agnes Jongerius, Irena Joveva, Radan Kanev, Ádám Kósa, Katrin Langensiepen, Miriam Lexmann, Elena Lizzi, Giuseppe Milazzo, Sandra Pereira, Dennis Radtke, Elżbieta Rafalska, Guido Reil, Daniela Rondinelli, Mounir Satouri, Monica Semedo, Beata Szydło, Eugen Tomac, Romana Tomc, Marianne Vind, Maria Walsh, Stefania Zambelli, Tomáš Zdechovský	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Abir Al-Sahlani, Rosa D'Amato, José Gusmão, Jeroen Lenaers, Alin Mituța, Eugenia Rodríguez Palop, Sara Skytvedal, Kim Van Sparrentak, Marie-Pierre Vedrenne, Anna Zalewska	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Camilla Laureti, Giuliano Pisapia, Sándor Rónai	
<b>Data tat-tressiq</b>	23.12.2022	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

41	+
ECR	Giuseppe Milazzo
ID	Dominique Bilde, Elena Lizzi, Stefania Zambelli
NI	Daniela Rondinelli
PPE	David Casa, Jarosław Duda, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Jeroen Lenaers, Dennis Radtke, Eugen Tomac, Maria Walsh
RENEW	Atidzhe Alieva-Veli, Sylvie Brunet, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Irena Joveva, Alin Mituța, Monica Semedo, Marie-Pierre Vedrenne
S&D	João Albuquerque, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Milan Brglez, Estrella Durá Ferrandis, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, Agnes Jongerius, Camilla Laureti, Giuliano Pisapia, Sándor Rónai, Marianne Vind
THE LEFT	Leila Chaïbi, José Gusmão, Sandra Pereira, Eugenia Rodríguez Palop
VERTS/ALE	Rosa D'Amato, Katrin Langensiepen, Mounir Satouri, Kim Van Sparrentak

12	-
ECR	Margarita de la Pisa Carrión, Elżbieta Rafalska, Beata Szydło, Anna Zalewska
ID	Guido Reil
NI	Ádám Kósa
PPE	Radan Kanev, Miriam Lexmann, Sara Skytvedal, Romana Tomc, Tomáš Zdechovský
RENEW	Abir Al-Sahlani

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni